
50
SENA
BANDA
SOĊJETÀ
SANTA MARIJA
BANDA
RE ĠORĠ V
1947-1997
FESTA SANTA MARIJA - MQABBA 1997

**The Quality in People Award** was awarded to Elbros Construction Ltd. in October last year.

The Award confirms the Company's commitment to its human resources and has consolidated further its impressive achievements.

**Elbros Construction Ltd.** - *the Company which puts people FIRST.*

# EBCON GROUP OF COMPANIES

*(the leading Companies: Elbros Construction Ltd., Elbros Concrete Ltd., PPB Malta Ltd. and Malta Fishfarming Ltd.)*




Awarded the 1995 Euromarket Award by the European Market Research Centre in Brussels for being outstanding in management, quality, technical innovation, service, business level and prestige in the European market


CERTIFICATE OF HONOUR

Awarded to

Ebcon Group of Companies

BRUSSELS 1995

EBCON
Group of Companies

Triq l-Industrija
Kirkop ZRQ 10

Tel: (356) 249999
Fax: (356) 685075

PALAZZ SANTA MARIJA
PJAZZA TAL-PARROĊĊA, MQABBA
Tel: 683020

INTERNET:
http://www.davmar.com.mt/PUBLIC/USERS/marju_1129/INDEX.HTM
E-MAIL: Marju@orbit.davmar.com.mt

# WERREJ

Il-Kumitat Eżekuttiv 1997 .................................... 3
Messaġġ mill-President ........................................ 5
L-Awgurju tas-Sindku .......................................... 9
Il-Kelma tal-Kappillan ........................................ 11
Mill-Pinna tas-Segretarju ..................................... 13
Appell mill-Kaxxier ........................................... 17
Minn Fomm id-Direttur Spiritwali .............................. 19
Kelmtejn mis-Surmast tal-Banda ................................ 21
Sezzjoni Żgħażagh Santa Marija ................................ 23
50 Sena Ilu ................................................... 27
Tirraporta l-Kummissjoni Banda ................................ 39
Programm Strumentali - 10 ta' Awissu 1997 .... 43
Informazzjoni fuq il-Mużika ................................... 45
Niltaqgħu mal-Hames Bandisti Ġodda ............................ 49
Marċi u Servizzi tal-Banda Re Ġorġ V .......................... 53
Kurżità fl-Imqabba ............................................ 55
Imqabbin li għamlu isem ....................................... 61
Intervista ma' Mikiel Zammit .................................. 63
Ktieb Ġdid Storiku ............................................ 65
**PROGRAMM FESTI ESTERNI** .................................... **68**
Katina Marjana ................................................ 71
**PROGRAMM FESTI INTERNI** .................................... **73**
Is-Santwarju ta' Santa Marija tal-Hlas ........................ 75
Surmastrijiet tal-Banda Re Ġorġ V ............................. 81
Bukkett b'Hamsin Warda - Poeżija .............................. 87
Ġemellaġġ ..................................................... 89
Corpo Bandistico Santa Vittoria ............................... 103
Francesco Mancini ............................................. 107
Santa Vittoria in Matenano .................................... 109
Tifkiriet ta' Kav. George Martin .............................. 113
Minn fejn se jgħaddi l-Marċ ................................... 117
Lil Marija Assunta - Poeżija .................................. 119
Messaġġ ta' l-Għaqda tan-Nar .................................. 121
**PROGRAMM TAN-NAR** .......................................... **123**
Rapport mill-Kummissjoni Armar ................................ 125
Rapport mid-Direttur tal-Każin ................................ 129
Red Arrows għat-tieni darba ................................... 131
Diżgrazzja kbira fl-Imqabba - 60 sena ilu ..................... 133
Ringrazzjamenti ............................................... 135
Rendikont tal-Knisja .......................................... 136

**Bord Editorjali**
Carmel Briffa
Carmel Ellul
Alfred Galea
Chris Spiteri

**Artikolisti**
Carmel Zahra
Emmanuel Buttigieg
Dun Joe Bartolo
Carmel Ellul
Carmel Briffa
Patri J.M. Ghigo
David Agius
Edward Galea
Mark Zammit
Tony Terribile
Carmen Lia
Alfred Galea
Chris Spiteri
Antoine Farrugia
Carmel Bianchi
Joyce Guillaumier
Patrick Mallia
Joseph Camilleri
Mario Camilleri
Andrew Zammit



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-mawra fl-Italja 1996*

**Ritratti tal-Qoxra**
***Faċċata*** - Logo uffiċjali tal-50 Sena Banda, xogħol ta' Chev. P. Camilleri Cauchi, flimkien ma' l-istatwa titulari ta' Santa Marija
***Wara*** - Kunċert Strumentali tal-Banda Re Ġorġ V ġewwa l-Università - 24 ta' Mejju 1997

**Ritratti**
Zammit Photo Studio
Ingrid Pisani
Arkivji tas-Soċjetà

**Proof Reading**
Elvin Sciberras

**Issetjat u Stampat**
Bestprint Ltd
Żurrieq Road, Qrendi
Tel/Fax: 680789 / 099 9084

*Drittijiet Riservati: Soċjetà Santa Marija, Mqabba 1997*

# Ristorante Cosmana Navarra

For exquisite
a' la carte cuisine...

Served by a young team of professionally trained staff, experience the authentic feeling of being at home in a house of character, set in a historic area in the middle of Rabat.





The quality of the food and excellent service are proof of the high standards reached at Ristorante Cosmana Navarra.

Business Lunches

For Reservations
Telephone:

(0356) 450638
(0356) 452415

28 St. Paul Street
Rabat RBT 12.

# SOĊJETÀ SANTA MARIJA
# BANDA RE ĠORĠ V
# MQABBA

EST. 1910



## KUMITAT 1997

**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr Louis Galea B.A.,LL.D.,M.P.
Onor Joseph Farrugia M.P.

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President**
Joseph Sciberras

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi-Segretarju**
Anthony Farrugia

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier**
Benny Camilleri

**Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi**
Francis Vella

**Delegat għall-Banda**
Mark Zammit

**Delegat għan-Nar**
Anthony Farrugia

**Delegat għall-Armar**
Paul Gauci

**Direttur tal-Każin**
Andrew Zammit

**Direttur Spiritwali**
Patri Joseph M. Ghigo S.J.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro David Agius A.Mus.V.C.M.

**Kummissjoni għall-Banda**
Nicholas Baldacchino, Alfred Galea, Christopher Spiteri,
Adrian Zahra, Joseph Zammit

**Rappreżentant fl-Għaqda**
**Każini tal-Baned Maltin**
Carmel Briffa

**Reviżuri**
Andrew Ellul
Mario Sciberras

# CJP TARMAC LTD.

## PRODUCERS, SUPPLIERS AND LAYERS OF HOT ASPHALT WORKS






**TITAN 2000**
**Hot Asphalt Mixing Plant -**
*The only one of its kind in Malta.*

* HOT ASPHALT MIXES
* SCARIFYING WORKS






*ROAD SURFACING WORKS IN PROGRESS AT KIRKOP - MALTA*





**CJP**
**TARMAC LIMITED**

Siggiewi Rd.,
Ta' Kandja,
l/o Mqabba, Malta.
Tel: (0356) 689645

# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

## Carmel Zahra

Għeżież Soċi u Partitarji,

Għaddiet sena oħra li għalija kienet bħal ħolma. Għadni niftakarna qisu l-bieraħ qegħdin niċċelebraw il-festa tas-sena l-oħra meta llum ninsabu ftit ġranet biss 'il bogħod minn Festa oħra. Veru li ż-żmien tar però naħseb taqblu miegħi meta ngħid li dan jiġri riżultat ta' sena xogħol u impenn li tant jokkupak li l-arloġġ donnu jkun qiegħed jiġri. U din is-sena bir-raġun li kellna għalfejn inkunu impenjati meta qegħdin niċċelebraw il-Ġublew tad-Deheb mit-twaqqif tal-banda tagħna.

Bħalma tafu, s-sena l-oħra l-banda tagħna kellha suċċess kbir ġewwa l-Italja eżattament f'Santa Vittoria in Matenano, raħal fil-provinċja ta' Ascoli Piceno. Iż-żjara, frott ta' ġemellaġġ bejn il-Banda tagħna u dik ta' Santa Vittoria in Matenano, ma saritx b'kumbinazzjoni. Kienet riżultat ta' ħidma kbira li saret mis-Sur Alfred Galea, li għalkemm m'għandu l-ebda kariga fil-Każin, stinka daqs li kieku kellu l-ogħla waħda sabiex irnexxielu jagħmel, senza interessi, biċċa xogħol hekk kbira u storika mhux biss għas-Soċjetà iżda għal raħalna. Ta' dan kollu minn qalbi nirringrazzjah. Nirringrazzja wkoll lis-Sindku ta' l-Imqabba s-Sur Emanuel Buttigieg li bil-preżenza tiegħu magħna ġewwa l-Italja bħala l-ogħla awtorità ta' raħalna, poġġa sinifikat speċjali fuq dan il-ġemellaġġ. Kif diġà ħabbarna s-sena li għaddiet jekk Alla jrid issa għall-festa ta' din is-sena jkollna mistiedna fostna lill-Banda ta' Santa Vittoria in Matenano sabiex inkomplu dan il-ġemellaġġ li nispera jibqa' jagħti frott anke għall-quddiem.

U la semmejna s-suċċess tal-Banda ma nistax ma nsemmix il-Kunċert Strumentali tal-Banda tagħna ġewwa l-Università ta' Malta nhar l-24 ta' Mejju li għadda bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-ġublew tad-deheb tal-Banda, liema suċċess kien frott ta' ħidma u preparazzjoni ta' bosta xhur flimkien mas-Surmastrijiet li mexxew lill-Banda fil-perjodu. U hawnhekk inħossni fid-dover nirringrazzja l-ewwel lis-Surmast Anthony Camilleri li beda jipprepara l-banda u warajh lil Mro David Agius li kompla fejn ħalla Mro Camilleri sabiex inkiseb is-suċċess mixtieq. U la semmejt lil Mro David Agius, nieħu l-opportunità sabiex nifraħlu għal din il-ħatra ġdida tiegħu u fl-istess ħin nawguralu. Nirringrazzja minn qalbi lil Mro Anthony Camilleri għall-ħidma sfieqa tiegħu fi ħdan il-banda matul dawn l-aħħar snin li għamel jidderiġiha.

Suċċess ieħor matul din is-sena, din id-darba għas-Soċjetà in ġenerali, kienet il-pubblikazzjoni tal-Ktieb Storiku "Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ fl-Istorja ta' l-Imqabba", miktub mis-Sinjura Carmen Lia.



*Il-President tas-Soċjetà waqt il-preżentazzjoni tal-ktieb storiku tas-Soċjetà lill-E.T. President ta' Malta*


"Il-Festa t-Tajba"
RED LEAF
PALE ALE
BEER BIRRA

Nixtieq minn hawn nirringrazzja lis-Sinjura Lia u nifirħilha. Irnexxielha żżewwaq ktieb tassew interessanti li fih informazzjoni li għandha tibqa' unika għal raħalna. Li kieku ma kinitx Carmen lia, parti mill-istorja ta' raħalna matul is-seklu kienet tintesa. Però s-Sinjura Lia kienet għaqlija biżżejjed sabiex indagat ħalli ċertu storja li qabel ma kinitx dokumentata issa tinsab imniżżla fil-ktieb tagħha. Inħeġġeġ lil kull min għadu ma akkwistax kopja jagħmel dan issa. Nirringrazzja f'isem is-Soċjetà lil dawk il-ħafna li akkwistawh.

Fil-bidu ta' dan il-messaġġ semmejt ix-xogħol ta' matul is-sena. Fl-aħħar sena kellna turrun ta' xogħol li dħalna għalih bis-serjetà u nista' ngħid wettaqnieh mill-aħjar li stajna sabiex minn hawn u ftit ġranet oħra jiġi rifless fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ad unur Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V. Jiena ċert li dan ix-xogħol se jerġa' jissarraf f'festa kbira ġewwa r-raħal tagħna li ma tagħmilx għajb lil din l-akbar festa li tiġi ċċelebrata f'Malta. Però qabel kull ħaġa oħra, sabiex il-festa tkun verament festa li tagħmlilna unur, jeħtieġ li nkunu ta' xempju haj għal ħaddieħor. Biex niċċelebraw festa tassew kbira m'hemmx għalfejn ngħidu paroli fil-vojt u ħafna tgħajjir waqt il-marċi. Il-briju minnu nnifsu huwa ħaġa sabiħa li tkabbar il-festa aktar u aktar, fl-opinjoni tiegħi, meta jkun nieqes miż-żewġ affarijiet li semmejt qabel. Għalhekk nappella biex waqt il-marċi nġibu ruħna ta' nies maturi billi norganizzaw briju bis-sens mingħajr l-ebda offiża lejn ħadd. Dan imbagħad juri li aħna verament nies maturi u bi prinċipji sodi nsara li jixraq verament lil nies ġejjin minn Parroċċa dedikata lil Ommna Marija. Dan hu l-ħsieb prinċipali tiegħi li nixtieq inwassal lilkom f'dan il-messaġġ. Nixtieq issa nagħlaq billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat għall-kollaborazzjoni u l-fiduċja li dejjem juru miegħi. Nirringrazzja wkoll lis-Sezzjonijiet kollha tas-Soċjetà li jaħdmu b'risq il-festa. Insemmi lin-Nisa, liż-Żgħażagħ, lil ta' l-Armar, lil tal-Banda kif ukoll lil dawk tan-Nar li b'sagrifiċċju u sogru kbir jaħdmu sabiex kull sena jagħtuna spettaklu uniku li jagħmel unur lil raħalna ma' Malta kollha u mal-barranin li jiġu jżuruna għall-festa. Ma rridx ninsa nfakkar sabiex kulħadd jagħmel mezz u jingħaqad flimkien magħna ħalli nassistu għall-funzjonijiet reliġjużi li jsiru fil-Knisja matul il-ġranet tal-festa. Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd mingħajr ebda distinzjoni speċjalment lil dawk ħutna Mqabbin anzjani u morda.

## TISLIMA LIL SANTA MARIJA TAL-ĦLAS

Insellmulek O Santa Marija
taħt it-titlu tal-Ħlas insibuk,
ismek nonqxu ġo qalbn' għalenija
biex hemm tibqa', għax veru nħobbuk.

Is-Santwarju li hemm f'Wied is-Sewda
ġawhra w għożża ta' lkoll il-Qormin,
bih imkabbra, għax hu ta' Marija
minnu xxerred il-grazzji f'kull ħin.

Isma l-karba tal-mara mbikkija
xewqtha aqlalha biex hi ssir omm,
ħalli f'ġufha titrabba t-tarbija
biex tkun tista', fi ħdanha żżomm.

Kemm fit-tqala, ħarishom Marija
waqt il-ħlas, Int kun magħhom f'kull ħin,
tihom grazzja li jwelldu t-tarbija
ħalli jgħożżu, fi ħdanhom kburin.

Imbagħad l-omm, bit-tarbija kburija
tiġi għandek f'dal-maqdes sabiħ,
ħa toffrilek dal-wild it-tbatija
biex ittroddlok, il-grazzi u l-gieħ.

Ommi wkoll, lili hawn preżentatni
f'dal maqdes, sabiħ ta' Marija,
u talbitha ħerqana żżommni
fi ħdanha, bħal binha tarbija.

Ibqa' bierek u għożż kull familja
kabbar dejjem l-imħabba fl-ulied,
biex dawn jifhmu kemm veru fid-dinja
bħal ġenituri, ma jsibu mkien.

Nitolbuk ħalli tfejjaq il-morda
kun għalihom ta' saħħa, fejqan,
fis eħlishom minn dik it-tbatija
biex isaltan, ma jdumx is-serħan.

Taħt il-ħarsa ħanina t'Omm twajba
żomm iż-żgħażagħ, mid-drogi mbegħdin,
ġegħlhom jifhmu kemm ħsara tagħmlilhom
u f'ħajjithom, żgur jgħixu henjin.

Nitolbuk minn qiegħ qalbna Madonna
kompli bierek il-Gżejjer Maltin,
żommna dejjem taħt ħarstek bħal Ommna
b'hekk żgur nibqgħu lkoll magħqudin.

*Qormi* *Carmel Bianchi*

# GOLIATH DEVELOPMENT LTD

## Building and Civil Engineering Contractors











**6, St. Benedict Street, Kirkop**
**Tel: 642143**

# L-AWGURJU TAS-SINDKU

## *Emanuel Buttigieg*

Wieħed mill-folklor l-aktar qawwija li għandna f'pajjiżna, bla dubju ta' xejn huwa kif niċċelebraw il-festi ta' l-ibliet u l-irħula tagħna. Il-manifestazzjonijiet li jsiru f'dawn il-festi mhux biss huma l-attrazzjoni tal-Maltin, iżda anke tal-barranin li jkunu jżuruna f'dawn iż-żminijiet. Il-Maltin jafu jagħmlu festi kbar u bil-pika bejniethom min jagħmel l-aqwa festa. Dan mhux dejjem tajjeb u kultant iħalli warajh konsegwenzi li ma tantx jagħtu pjaċir. Il-moderazzjoni tajba f'kollox u ta' min joqgħod attenti li fil-festi wieħed għandu juża prudenza u għaqal biex dak kollu li jsir, isir sewwa li jħalli l-frott tajjeb u ġid lill-komunità.

Mhux l-ewwel darba li ssib min jilmenta mill-festi tagħna. Bosta drabi meta toqgħod tirrifletti ssib li għandhom raġun. Nistaqsi, għalfejn isiru l-festi? Huma bosta r-raġunijiet. Hemm raġunijiet tajbin u bis-sens, u hemm raġunijiet vojta u banali. Jien wieħed milli nħobbhom il-festi, u meta jkolli ċ-ċans normalment insegwihom bosta drabi. Biss x'tgħallimt mill-festi tagħna? Kemm huma verament festi reliġjużi? Festa reliġjuża tista' toħloq il-ġlied? Jew tweġġa' lil ħaddieħor? Ejjew niċċelebraw il-festi tagħna kif suppost għandhom jiġu ċċelebrati. Il-festi tagħna huma tassew sbieħ u għandhom joħolqu spirtu ta' vera mħabba u rispett reċiproku. Tieħu tassew pjaċir fejn il-festi jiġu ċċelebrati kif suppost u bl-ordni, bil-ftehim, bil-għaqal u bl-organizzazzjoni.

Il-festi joħolqu kummerċ kbir. Mal-miljun lira fis-sena jintefqu f'dawn il-festi. Biss kemm jintefqu flus li wieħed jista' jgħid li kien hemm valur għall-flus? Li wieħed igawdi u jieħu pjaċir fil-festa tar-raħal jew belt tiegħu mhix xi ħaġa ħażina. Il-ħażin huwa meta biex nieħdu pjaċir inweġġgħu qalb ħaddieħor jew isir infieq ta' flus b'mod esaġerat u bla kontroll. Kulħadd għandu d-dritt jiddeverti u jieħu pjaċir, u dan jammettih kulħadd. Il-festi tagħna huma mfittxija mhux biss mill-Maltin imma anke mill-barranin. Bosta minn dawk li jiġu jżuruna jagħżlu x-xhur tal-festi biex igawdu minn dak li aħna kapaċi nagħmlu fil-festi tagħna, biex jaraw it-tiżjin tat-toroq tant sbieħ. Jieħdu gost jaraw il-knejjes tagħna mlibbsin bir-rikkezzi li missirijietna għanew lit-tempju t'Alla bihom. Jisimgħu dawk il-marċi u programmi mużikali tant sbieħ u jaraw dak il-logħob tan-nar spettakolari! Kemm kultant inkunu ta' eżempju verament ħażin li ma tistennieħx lanqas minn nies ċivilizzati! Dan ċertament qiegħed ngħidu għax tassew inħoss meta nara wħud minna li flok minn dawk il-festi jagħmlu kapital u jżidu l-ħbieb, joħolqu għedewwa ġodda. Iżidu l-ħars ikraħ, jew il-ġlied bejn il-familji. Dan żgur mhux la l-iskop tal-festi u lanqas ix-xewqa ta' min jorganizza l-festi b'tant spejjeż u sagrifiċċju biex iferraħ kemm in-nies tal-lokal u anke lil dawk li jiġu biex igawdu l-festa magħna.

F'dawn il-kelmtejn filwaqt li nixtieq lill-Imqabbin il-festa t-tajba, rrid inwassal dan il-messaġġ lill-Imqabbin kollha għall-okkażjoni tal-festa titulari u patruna tar-raħal tagħna, Santa Marija. Dan biex wieħed aktar jirrifletti u jifhem is-sbuħija tal-festi tagħna, jirrealizza r-responsabbiltà f'dan ir-rigward. Jiena ċert li l-maġġoranza ta' l-Imqabbin jafu jieħdu pjaċir fil-festa. Biss issib dawk il-ftit li ma jafux jieħdu pjaċir fil-festa jekk ma jweġġgħux jew jinsulentaw lil ħaddieħor kemm bil-kliem u anke bl-għemil. Lil dawn it-talin filwaqt li nieħdu paċenzja bihom ngħidulhom kelma ta' ġid. Dan biex ibiddlu dawn l-ideat fanatiċi tagħhom u jifhmu li l-festi jiġu biex jgħaqqdu lill-komunità kollha flimkien. Inħeġġeġ biex nipparteċipaw billi nieħdu sehem kemm fil-funzjonijiet tal-knisja u anke fil-manifestazzjonijiet esterni, u b'hekk inkunu qegħdin inkattru l-vera fidi mill-festi tagħna.



*is-Sindku (fin-nofs) flimkien mas-Sinjura tiegħu jassitu għall-Programm Strumentali ta' l-10 ta' Awissu 1996*

LONG

ESTABLISHED

MANUFACTURERS

OF PRECAST &

PRESTRESSED

CONCRETE

PRODUCTS






Although a relatively young company, Southern Construction has already gathered vast experience as it has been entrusted with works at the Power Station, St. Venera By-Pass, Ta' Qali National Park, home for the Elderly in Żejtun, several housing estates and works for the Malta Development Corporation.

The aim of Southern Construction Co. Ltd. is to give its clients the best service at reasonable prices. The company is already in the process of future expansion as it is the company's goal to be a well-known and reliable Construction Company in Malta.

SOUTHERN CONSTRUCTION Co. Ltd

**Crafts Vilage, Ta' Qali RBT 13**
**Tel: 415243 - 415293 Fax: 434988**

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

## *Dun Joe Bartolo*

### Waslet Festa Oħra

Ftit tal-ġimgħat ilu kont għaddej mill-pjazza u rajt xi żgħażagħ u rġiel jitkellmu. F'ħin minnhom wieħed lill-ieħor qallu: "Tibżax, daqt tgħaddi tagħhom; imbagħad tasal tagħna! Issa tara x'għandna lest għalihom. Huma jgħajruna u aħna ngħajruhom! Imn'Alla l-festa tagħna tiġi wara tagħhom biex l-aħħar kelma tkun tagħna!"

Kieku dawn il-frażijiet jingħadu għal xi partita futbol, *forsi* kont inniżżilhom. Imma li dawn l-affarijiet jingħadu għal festa reliġjuża, ma nniżżilhom *qatt*. Min jgħid u jagħmel dawn l-affarijiet, x'reliġjon iħaddan? Żgur li mhux ta' Kristu, għax Kristu lis-segwaċi tiegħu jgħallimhom jaħfru, jagħdru d-difetti ta' l-oħrajn, jitolbu għal min jippersegwitahom...bit-tama li dawn jindunaw bl-iżball tagħhom u jikkonvertu.

Lanqas ma jien qed ngħid li min jgħid kliem bħal dan għandu t-tort kollu tiegħu, għax il-bniedem taħt il-provokazzjoni jista' jirreaġixxi b'dan il-mod. Għalhekk min ikun qed jipprovoka għandu tort daqs min jirreaġixxi, jekk mhux iżjed. L-istess Kristu jgħallem lis-segwaċi tiegħu biex ma jgħajrux lill-bnedmin ħuthom, biex ma joqogħdux jiftaħru b'dak li jagħmlu: "Idek il-leminija m'għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel idek ix-xellugija" u li lsienna għandna nużawh biex nagħtu glorja lil Alla u biex ngħinu lil xulxin fit-tajjeb.

Ninsab ċert ukoll li mhux kull ma jgħidu u jagħmlu l-partitarji, jaqblu miegħu l-Kumitati tal-każini. Naf li ħafna mill-membri tal-Kumitat huma serji u ta' l-affari tagħhom u li dawn l-affarijiet ma jaqblu xejn magħhom. Kull kumitat ikun ilu xhur sħaħ jaħdem biex il-festa tkun waħda kbira, sabiħa u organizzata b'mod li tkun suċċess. Ċert għalhekk, li kull imġiba skorretta, minn naħa jew minn oħra, hija tebgħa kerha f'din l-organizzazzjoni li tkun swiet tant enerġija u flus.

Jien, iktar u iktar bħala ragħaj spiritwali ta' din il-parroċċa, ma nixba' qatt nagħmel appelli, sena wara sena, biex nikbru ftit u nnaqqsu minn dawn il-bluhat li qed jagħtuna tant fama ħażina mal-barranin li jiġu fostna u jarawna mifrudin. Fuq kollox dan nagħmlu b'iżjed konvinzjoni għax naf Kristu xi jrid minna, u li l-Madonna xejn ma tieħu gost tara 'l uliedha jitgħajjru bejniethom. J'Alla jasal dak il-mument meta xi ħadd ikollu l-kuraġġ **li jkun l-ewwel** li jiddeċiedi li jibqa' għaddej minn quddiem il-każin tal-partit l-ieħor mingħajr ma jgħaddi nsulti jew kummenti. Dakinhar nibdew inkunu lkoll aħwa Mqabbin. Dakinhar nibdew inkunu lkoll ulied veri tal-Madonna.

Tkunu mberkin u nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.



*Il-Kappillan ibierek l-arkivju l-ġdid tas-Soċjetà fl-20 ta' Ottubru 1996*

# Fantasy Flowers

*Arrangements for all occasions*
*Weddings, Engagements, Baptisms, etc.*



"Madonna ta Pinu"
Triq il-Ħarriġiet,
Mqabba, ZRQ 08.

Tel: 611032



Triq is-Sebħ, Qormi
Tel: 443957 Fax: 443964

High Street, Ħamrun
Tel: 226293

Andrexa® FURNITURE LTD

*all kinds of Furniture*



# MILL-PINNA TAS-SEGRETARJU

## *Carmel Ellul*

Għeżież Soċi, Partitarji, Bandisti u Benefatturi,

Iż-żmien itir bla ma jistenna lil ħadd. Għaddiet sena oħra mill-ewwel darba li ktibt f'din il-pubblikazzjoni annwali li naf fiċ-ċert tkunu qegħdin tistennew bil-ħerqa sabiex issiru tafu rigward ix-xogħol li sar u xi preparamenti tħejjew għall-festa ta' Santa Marija, aktar u aktar din is-sena li hija waħda speċjali fl-okkażjoni tal-50 sena minn meta saret it-trasformazzjoni mill-Orkestra għall-Banda ġewwa s-Soċjetà.

L-ewwel u qabel kollox irrid nibda billi nsellem lis-Sinjuri Alex u Joseph Ghigo u nirringrazzjahom għas-servizz li taw fi ħdan il-Kumitat sakemm damu jokkupaw il-karigi rispettivi tagħhom. Nawgura liż-żewġ membri ġodda li daħlu minflokhom fil-Kumitat, is-Sinjuri Anthony Farrugia u Mark Zammit.

Ringrazzjament speċjali jmur għall-ex-Surmast tal-Banda Mro Anthony Camilleri għax-xogħol siewi li wettaq kemm dam jokkupa l-kariga ta' Surmast Direttur tal-Banda. Fl-istess waqt nixtieq nagħti merħba lis-Surmast żagħżugħ Mro David Agius u nawguralu wara li ħa t-tmexxija tal-Banda f'Marzu li għadda.

Bħalma tafu din is-sena, aktar minn oħrajn, hija waħda speċjali fl-okkażjoni tal-50 sena tal-Banda tagħna. Sabiex jitfakkar kif jixraq dan il-Ġublew diġà saru għadd ta' attivitajiet speċjali.

Bdejna f'Settembru meta bl-għajnuna tal-ħabib tagħna Steve Evans għal darb'oħra kellna żjara ġewwa l-Każin mit-Team Aerobatiku Ingliż tar-Red Arrows li ġew milqugħa mill-Kumitat, għadd ta' Soċi u partitarji, kif ukoll bid-daqq tal-bandisti tal-post tal-Banda tagħna. Għall-okkażjoni sar ukoll riċeviment.

Komplejna biex nhar l-20 ta' Ottubru tas-sena l-oħra, eżattament fil-ġurnata meta 50 sena qabel, waqt laqgħa ġenerali, ġie deċiż li l-Orkestra dak iż-żmien eżistenti tinbidel f'Banda, għamilna tifkira żgħira. Bdejna b'marċ madwar ir-raħal mill-Banda u wara sar l-inawgurazzjoni u t-tberik ta' l-Arkivju l-Ġdid ġewwa s-Sala tal-Banda fil-Każin.

Fil-kalendarju tas-Soċjetà d-data ta' l-aħħar jum tas-sena sservi biex il-parti l-kbira tas-Soċi u partitarji jiċċelebraw u jagħtu merħba lis-sena l-ġdida flimkien. Għal darb'oħra reġa' sar id-*Dinner Dance* annwali nhar il-31 ta' Diċembru ġewwa l-*Aida Hall*.

Impenn kbir għal din is-sena, li l-



*is-Segretarju (fuq ix-xellug) jidher jirċievi f'isem is-Soċjetà Bandiera ġdida regalata mill-President is-Sur Carmel Zahra - 10 ta' Awissu 1996*

# Magic Kiosk



## Magic at it's Best

Put some magic into soft seaside evenings.
Magic Kiosk invites you to enjoy the best of cafe' society every evening after 7.00pm, it's delightful range of suppers, snacks and beverages. Simply come, then sit back and savour the service, sights and sounds of another of Sliema 's best loved institutions.

**Magic Kiosk , The Ferries, Sliema.**

kumitat, flimkien mas-Surmast u l-bandisti, daħlu għalih bis-serjetà kien il-Kunċert Strumentali tal-50 sena banda li sar nhar l-24 ta' Mejju ġewwa l-Università. Nista' ngħid li kienet serata memorabbli għalina lkoll li diffiċli tintesa. Dakinhar il-banda daqqet b'abbiltà kbira għadd ta' siltiet mużikali klassiċi u moderni. Waqt is-serata ġie ppreżentat il-Ktieb Storiku dwar is-Soċjetà ta' Carmen Lia, li minn hawn ngħidilha prosit għall-kapulavur storiku li rnexxielha żżewwaq. Waqt il-Kunċert ġie mżanżan Innu marċ ġdid għall-okkażjoni ta' Mro David Agius, irregalat lill-Banda minnu stess. Ma nistax nagħlaq din il-parentesi żgħira jekk ma ngħidx prosit lil Benny Camilleri li ħa ħsieb jikkummissjona u jaħdem is-sett li ntrama dakinhar fuq il-palk.

U la qiegħed insemmi l-Banda ma nistax ma nagħtix merħba lill-bandisti l-ġodda li din is-sena se jiddebuttaw mal-Banda tagħna. Ringrazzjament speċjali nagħtih lis-Sinjuri Raymond Camilleri, Mark Zammit, Mro Anthony Camilleri u Mro David Agius li għal din l-aħħar sena taw il-kontribut sabiex mexxew l-iskola tal-mużika li għandna ġewwa l-Każin.

Bħalma ħabbart meta ktibt is-sena l-oħra, meta għidt li Banda Taljana kienet ġiet mistiedna għall-festa ta' Santa Marija, llum nista' ngħid li ninsabu biss ftit jiem qabel ma din il-banda tasal hawn Malta. Nappella lilkom ilkoll sabiex nhar id-9 ta' Awissu tingħaqdu magħna ħalli nagħtu merħba kif jixraq lill-kontinġent Taljan kollu li ser ikun immexxi mill-President tal-Provinċja ta' Ascoli Piceno, Dott. Pitreo Colonnella u mis-Sindku ta' Santa Vittoria in Matenano, Sig. Francesco Mancini. Din il-Banda se tkun fostna matul il-ġimgħa tal-festa bħala parti mill-ġemellaġġ li għamilna flimkien magħhom li nbeda simbolikament matul iż-żjara li l-Banda tagħna għamlet ġewwa l-Italja s-sena l-oħra.

Inħossni nkun qiegħed nonqos jekk fid-diskors tiegħi ma nsemmix id-diversi sotto-Kumitati li jeżistu fi ħdan is-Soċjetà tagħna u li minn għandhom il-Kumitat Eżekuttiv isib għajnuna kbira fil-ħidma tiegħu. Fost dawn insibu lill-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ, kumitat enerġetiku ferm li b'determinazzjoni u ħila jorganizza diversi attivitajiet li barra li jedukaw u jservu bħala divertiment, għandhom għan ieħor li permezz tagħhom jiġbru fondi sabiex ikunu jistgħu jgħinu finanzjarjament lill-festa ta' Santa Marija. Għaqda dejjem attiva hija bla dubju dik ta' l-armar. Il-membri tagħha b'ħila kbira rnexxielhom ilestu sett ta' erba' pilandri l-ġmiel tagħhom li ser ikomplu jsebbħu l-pjazza tal-Knisja. Apparti dan, lestew ukoll sett ta' pavaljuni ġodda għat-toroq tagħna. Sezzjoni oħra ferm attiva hija bla dubju dik tan-Nisa li din is-sena kkontribwew, flimkien ma' għajnuna oħra mingħand il-President Onorarju l-Onor. Joe Farrugia M.P., sabiex seta' jsir Arkivju l-ġmiel tiegħu. Inħeġġeġ lil kulħadd speċjalment lis-Soċi nisa ħalli jkomplu jattendu għall-attivitajiet li torganizza din il-fergħa. B'hekk barra li jkunu qegħdin jiddevertu, fl-istess ħin ikunu qegħdin jgħinu sabiex il-fergħa tkun tista' tikkontribwixxi għal opri oħrajn li jien naf li diġà għandhom f'moħħhom jiffinanzjaw. Ma nistax ninsa l-Għaqda tan-nar li bħal dejjem, din is-sena reġgħu ħejjew programm ta' nar grandjuż u varjat li, jekk Alla jrid u bil-għajnuna tal-Madonna, jerġa' jagħmel unur lis-Soċjetà u lill-Imqabba. Nirringrazzjahom kollha kemm huma għas-sagrifiċċju li jagħmlu matul is-sena kollha. Nuri l-apprezzament lejn il-familji tagħhom li flimkien magħhom nista' ngħid li jagħmlu wkoll sagrifiċċju kbir. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li matul is-sena taw sehemhom sabiex tkompla x-xogħol fil-Każin, ix-xogħol fuq il-Planċier, kif ukoll fis-sala l-ġdida tas-Soċjetà.

Qabel nagħlaq dan il-kontribut nixtieq insemmi okkażjoni oħra speċjali li għandna tistenniena appena tgħaddi din is-sena. Qed nirreferi għal għeluq l-400 sena minn meta raħalna sar parroċċa u ġie ddedikat lill-Patruna tagħna Santa Marija Assunta. Li nista' ngħidilkom hu li l-Kumitat tagħna diġà beda l-ħidma tiegħu sabiex għas-sena d-dieħla l-festa tal-Parroċċa, li s-Soċjetà tagħna tiċċelebra kull sena, tkun kif inhu xieraq waħda speċjali.

Nagħlaq issa billi nappellalkom sabiex, bħal dejjem, tattendu għall-funzjonijiet tal-Knisja waqt il-ġranet tal-festa u wara għaċ-ċelebrazzjonijiet esterni, din is-sena speċjali f'għeluq il-50 sena tal-Banda. B'hekk inkunu nistgħu ngawdu frott il-ħidma li għamilna matul din l-aħħar sena.

Grazzi u l-festa t-tajba lill-Imqabbin KOLLHA.

VIVA L-BANA RE ĠORĠ V

VIVA SANTA MARIJA PATRUNA TA' L-IMQABBA




Ta' Celest

**CHARLES MOTOR SERVICE**

Qrendi Road, Mqabba zrq 07

Tel: 640275, 682200 Residence: 689531, 689024 Mobile: 099 0184

*Casha Cane & Woodwork*

*Renald Casha – Managing Director*

Triq is-Sejba,
Mqabba

Tel: 673270
Cel: 097 2127

*For all kinds of Furniture*



# APPELL MILL-KAXXIER

## *Carmel Briffa*

Għal darb'oħra nerġa' nsellmilkom permezz ta' dan il-ktieb interessanti li s-Soċjetà tagħna hija magħrufa għalih, ktieb li fih jiġbor artikli serji minn persunaġġi magħrufa. Din hija t-tlettax-il edizzjoni ta' dan il-ktieb li sena wara sena jwassal il-messaġġ tas-Soċjetà fi djarkom u jżommkom infurmati fuq dak li nkunu wettaqna matul is-sena.

Appena għaddiet il-festa ta' sena ilu ddeċidejna li nirrestawraw il-faċċata tal-każin. Dan sar billi nbarxet iż-żebgħa tas-sular ta' isfel b'materjal speċjali u nbidel xi ġebel li kien imkisser. Din il-biċċa xogħol delikata daħlu għaliha Elbros Construction Ltd li permezz ta' l-aħwa Ellul dejjem kienu ta' għajnuna kbira għall-każin. Ġiet miżbugħa wkoll il-gallerija kif ukoll ġiet iċċangata bil-madum.

F'moħħna kellna wkoll il-festa ta' din is-sena meta se jiġi mfakkar għeluq il-Ħamsin sena minn meta l-Orkestra Santa Marija ġiet trasformata f'Banda, jiġifieri l-Banda Re Ġorġ V. L-ewwel ma sar kien marċ trijonfali mat-toroq tar-raħal nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru 1996, propju eżatt ħamsin sena minn meta kien deċiż waqt Seduta Ġenerali li l-Orkestra tinbidel f'Banda. F'din l-istess ġurnata, jiġifieri nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru 1996, ġie inawgurat l-Arkivju Mużikali li sar b'inizjattiva tal-Kumitat tan-Nisa kif ukoll bl-għajnuna ta' Joe Farrugia.

Avveniment ieħor kien il-Kunċert Strumentali li ttella' mill-Banda Re Ġorġ V ġewwa t-Teatru ta' l-Università nhar is-Sibt 24 ta' Mejju 1997, liema kunċert kien jifforma parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġublew tad-Deheb tal-Banda u li kien suċċess kbir. Dakinhar waqt is-serata saret il-Preżentazzjoni tal-ktieb dwar l-istorja tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V - Mqabba, mill-awtriċi stess Ms Carmen Lia. Sar *recording* ta' sett Marċi ġodda u bħalissa l-Banda għaddejja bl-aħħar preparamenti għall-Programm ta' l-10 ta' Awissu. Hawn ta' min jirringrazzja lis-Surmast u lill-bandisti tal-post għas-sagrifiċċju li qegħdin jagħmlu sabiex iżommu l-banda fil-livell li jistħoqqilha.

Għall-festa ta' din is-sena minbarra l-baned tas-soltu ser ikollna ġewwa l-Imqabba attrazzjoni internazzjonali. Hawn qiegħed nirreferi għall-Banda Taljana **Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano** li matul il-ġranet tal-festa se tallegrana bi programm u marċi brijużi. Hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sur Alfred Galea li kien il-moħħ wara dan il-ġemellaġġ.

Minn kif qegħdin naraw, ix-xogħol li twettaq matul din is-sena ta' ħidma kontinwa ma kienx ikun possibli li kieku ma kellniex is-*support* kontinwu tagħkom, kemm manwali kif ukoll finanzjarju. L-għajnuna qatt ma naqset u ħafna mix-xogħol sar mill-volontarjat. Min jerfa' dan il-piż ikun jaf x'sagrifiċċju jagħmlu l-membri tal-Kumitat ta' kull sezzjoni, kif ukoll dawk li jidħlu għal xi biċċa xogħol kemm ta' armar, nar, kif ukoll ħjata. Hawn ta' min ifaħħar lil dawk li mingħajr ħafna daqq ta' trombi jaħdmu sabiex ikabbru l-festa u jsebbħu l-każin.

Issa wara daqstant ħidma jmiss li nifirħu flimkien, iżda dan il-ferħ għandu jkun kontrollat u noqogħdu attenti li ma noffendu lil ħadd. Aħna determinati li se niċċelebraw l-ikbar festa li qatt saret ġewwa l-Imqabba. Nixtieq li l-ferħ u l-briju waqt il-marċi jkunu sinjali ta' ferħ ġenwin, ħalli min jarana u jismagħna waqt dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jinduna li aħna nies ta' kultura u l-ferħ tagħna juri tassew imħabbitna lejn Santa Marija.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi filwaqt li nitlobkom tkunu ġenerużi jekk jista' jkun aktar mis-snin l-imgħoddija, nirringrazzja lil kulħadd speċjalment lill-benefatturi li ta' kull sena dejjem wieġbu għall-appelli tagħna. Filwaqt li nawgura lill-Imqabbin kollha l-Festa t-Tajba, nixtieq lilkom u lill-familja tagħkom ġid, barka u sliem.



*Is-Sur Briffa (lemin) jidher jippreżenta l-Logo uffiċjali ta' l-okkażjoni lill-E.T. President ta' Malta*


WHATEVER THE JOB
BREAKING
DRILLING
TAMPING
PNEUMATIC BREAKER
PNEUMATIC DRILLER
HYDRAULIC BREAKER
HYDRAULIC BREAKER
GO FOR THE BEST, GO FOR
Atlas Copco
PORTABLE EQUIPMENT
BREAKER/DRILLER
BREAKER/DRILLER/TAMPER
BREAKER/TAMPER
available from
S Guillaumier + Co Ltd CANNON ROAD, HAMRUN. TEL: 495731 - FAX: 486011

# MINN FOMM ID-DIRETTUR SPIRITWALI

## *Patri J.M. Ghigo, S.J.*

### Ġejja Santa Marija



Jgħidulna x-xjuħ li dari, fi żmienhom, kienu jistennew aktar bil-ħerqa tasal il-Festa ta' Santa Marija. Kienu jistennewha tasal, biex ngħidu hekk, minn sena għal oħra! Għalihom Santa Marija kienet data wisq importanti fil-kalendarju. Għandu mnejn li f'din il-ħaġa m'aħniex daqshom, anzi nħossu li għaddewna. B'daqshekk ma ġara xejn. Għax dan kollu juri biss kemm illum hawn tant affarijiet li jogħġbuna u ngawduhom is-sena kollha, u mhux fil-Festa biss. L-istil tal-ħajja tagħna mhux biss inbidel u għola wkoll, imma aħna lkoll ftit jew wisq qed ingawdu minnu. Madankollu, bit-tibdil għall-aħjar u ġieli għall-agħar li sar, il-Festa ta' Santa Marija xorta waħda baqgħet għalina Festa Speċjali li għadha tasal, puntwali, kull sena fil-15 ta' Awissu.

X'wassalni biex naħseb f'dan? Sentejn ilu fakkarna t-twelid ta' l-orkestra tagħna, imma billi dik tant irnexxiet, malajr biddilnieha f'banda li din is-sena stess qegħda tagħlaq 50 SENA. Imma biex tagħqad, is-sena d-dieħla se jkollna tifkira ferm aqwa: għax il-Parroċċa tagħna fl-Imqabba, dedikata lil SANTA MARIJA, tagħlaq 400 SENA. Ftit hawn parroċċi li għaddew minn fuqhom dawn is-snin kollha! Mur oqgħod għodd kemm fihom ġranet.... Dan ifisser ukoll li l-Festa ta' Santa Marija mhux biss ġiet u għaddiet għal 400 darba, imma mal-medda tas-snin din il-Festa tar-raħal tagħna tant kibret fuq li kibret, jew - jaqbel wisq aktar li ngħidu - kabbruha dawk kollha li ġew qabilna, nannietna, missirijietna u ommijietna. Fil-Festa wkoll jixraq li nitolbu għalihom.

Imma minkejja dan it-tibdil kollu li għadda minn fuq l-Imqabba u fuqna stess, SANTA MARIJA kienet, għadha u tibqa' l-istess. Għax imissna nħarsu dejjem lil hinn mill-Festa ta' barra li bir-raġun kollu nagħmlulha, biex inħarsu b'imħabba ta' wlied lejn OMMNA l-għażiża. Din hija l-Qaddejja tal-Mulej li bil-ħidma setgħana ta' l-Ispirtu s-Santu sar minnha skond il-kelma Lilha mħabbra mill-Anġlu tal-Mulej: **għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax ikun** (Luqa 1:37). Din hija l-Omm ta' l-Iben ta' Alla li wellditu f'Betlehem, imma fuq il-Kalvarju welldet lilna wkoll għax Binha ma riedx jagħlaq għajnejh fuq is-Salib qabel ma tahielna biex tkun għalina l-OMM TAGĦNA lkoll. Din hija l-Mara waħdanija li Binha stess riedha bħalu għax ma ħallilhiex ġisimha jitħassar f'qabar u qabad u tellagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem: b'hekk illum Marija tinsab ma' Binha Ġesù għal dejjem fil-glorja tal-ġenna! Hemm Marija tinsab fil-hena ta' dejjem imma lilna ma nsitniex għax qed titlob għalina midinbin bla heda, festa u mhux festa, anke meta ġieli aħna ninsewha, jekk ma naslux ukoll biex noffendulha lil Binha, minn fuq li ħabb lil kull wieħed u kull waħda minna b'imħabba tal-ġenn, għax ħabbna sal-mewt tas-Salib.

Dan Ġesù ma hawn ħadd bħalu jew daqsu għax fil-mument stess li ħalla l-mewt tibilgħu, kien Hu stess li belagħha u għelibha għax ħadd bħalu ma qam mill-ġdid.... Dan huwa s-sigriet tal-kobor ta' Sidna Ġesù Kristu, sigriet li ried jaqsmu magħna lkoll mhux biss għax bil-Knisja jwassalulna bħala l-AĦBAR IT-TAJBA, imma jwassalulna wkoll billi għaqqadna lkoll miegħu, kull wieħed u kull waħda minna. Tafu sewwa kemm aħna magħqudin miegħu - bil-Magħmudija u bil-Griżma ta' l-Isqof, maħfurin Minnu bil-Qrar, mitmugħin b'Ġismu u Demmu! Dan Ġesù reġa' fetħilna t-triq tal-Ġenna fejn tela' qabilna Hu, tella' miegħu lil Ommu u Ommna l-għażiża biex tibqa' turina t-triq u tidħol bit-talb għalina, u issa t-tnejn qegħdin jistennewna....

Nixtieq li l-Festa ta' Santa Marija ġġib ġid kbir fir-ruħ u l-ġisem lid-devoti kollha tagħha, speċjalment dawk membri tal-komunità tal-Parroċċa fl-Imqabba dedikata lil Marija mtellgħa fis-sema.

# TAR-ROBBA LIMITED
## CONCRETE BATCHING PLANT




Tar-Robba L/O Kirkop ZRQ 10, MALTA
Tel:(+356) 683558, 685332
Fax: (+356) 642834

# KELMTEJN MIS-SURMAST TAL-BANDA

## *David Agius A.Mus V.C.M.*

Kien lejn l-aħħar ta' Marzu ta' din is-sena meta ġejt avviċinat mill-Kumitat tal-Banda Re Ġorġ V li offrieli l-kariga ta' Surmast Direttur ma' l-istess Banda. Jiena lqajt din l-istedina b'interess kbir u aċċettajt mill-ewwel. Dan kien pass importanti fil-ħajja mużikali tiegħi. Li nsir surmast kienet il-mira tiegħi, f'dawn l-aħħar snin, wara l-istudju li għamilt u li għadni qed nagħmel fl-armonija. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-Kumitat kollu għall-fiduċja li wera fija.

L-ewwel inkarigu li ngħatajt mal-ħatra ta' Surmast Direttur kienet li ntella' kunċert strumentali ġewwa l-Università b'kommemorazzjoni tal-50 sena mit-twaqqif tal-Banda. Din għalija kienet opportunità unika li lqajt bi sfida kbira. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Surmast ta' qabli Mro Anthony Camilleri għall-mod ta' kif kien qed jipprepara l-bandisti tal-post għal dan il-kunċert li kien ta' suċċess kbir kemm għall-banda tagħna kif ukoll għall-Imqabba. Jien ħrigt sodisfatt ħafna, l-ewwelnett bl-organizzazzjoni min-naħa tal-Kumitat kif ukoll għall-pubbliċità li saret. Nixtieq nirringrazzja lill-bandisti tal-post għas-sagrifiċċju li għamlu biex taw dak kollu li jafu, anzi iktar milli jafu, f'dan il-kunċert. Bi pjaċir kbir nagħti prosit lis-solisti tal-post kollha li dakinhar taw ġieħ lill-Banda tagħna bl-interpretazzjoni tagħhom. Kien kunċert li ntlaqa' tajjeb kemm għall-eżekuzzjoni tal-mużika, kif ukoll għall-għażla sabiħa u varjata tal-mużika li ndaqqet. Kien kunċert impenjattiv fejn smajna diversi stili ta' mużika fosthom mużika operistika, sinfonika, musicals u oħrajn.

Minbarra s-soliti servizzi ta' barra r-raħal li kellha l-Banda, din is-sena, mess li nagħmlu *recording* tal-marċi brijużi. Il-*cassette* ġie mżewwaq b'marċi ta' ex-surmastrijiet, innu popolari ta' Leonard Farrugia u għadd ta' marċi popolari.

Bħal kull sena l-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija se tesegwixxi kunċert sinfoniku ieħor f'Jum il-Banda nhar l-10 ta' Awissu, fejn ma jonqosx li jkollna programm varjat b'diversi stili ta' mużika. Fost dawn is-siltiet se nisimgħu biċċa mużika fejn is-solista prinċipali ser ikun is-Sur Mark Zammit fuq it-trumbun fil-Polka "The Laughing Trombone". Mark, barra li huwa bandist regolari mal-Banda tagħna huwa wkoll delegat tal-Banda fi ħdan il-Kummissjoni Banda kif ukoll jgħin fit-tagħlim tal-mużika ta' l-allievi.

Il-Banda Re Ġorġ V dejjem ħarġet bl-unuri kollha f'kunċerti strumentali bħal dawn u din is-sena l-preżentazzjoni trid tkun iktar impekkabbli fil-preżenza tal-banda barranija mill-provinċja ta' Ascoli Piceno ġewwa l-Italja. Minn dan il-messaġġ nixtieq nappella biex nagħtu merħba kif jixraq lil din il-banda Taljana li se tallegrana bir-repertorju mużikali tagħha fil-jiem tal-festa.

Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtieq l-ewwelnett nifraħ lill-bandisti l-ġodda li se jingħaqdu mal-Banda tagħna din is-sena, filwaqt li nixtieq nappella lill-allievi biex jieħdu aktar interess fl-istudju mużikali tagħhom. Minn dawn il-kelmiet nixtieq nappella lill-ġenituri, li l-Banda tagħna biex ittejjeb il-livell tagħha, trid mużiċisti ta' kwalità u mhux nisħqu fuq il-kwantità. Għalhekk nixtieqkom li tinsistu fuq uliedkom għall-istudju b'aktar serjetà.

Nagħlaq dan l-ewwel messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lill-Kummissjoni Banda għall-koperazzjoni li dejjem sibt u lill-Kumitat taż-Żgħażagħ li ħadmu ħafna tul is-sena kollha. Din l-għaqda se tkun it-tmun biex inkomplu ngħollu isem il-Banda tagħna. Nawgura wkoll lill-Kumitat tal-Kamra tan-Nar biex ikollhom is-suċċessi misthoqqa, biex ikomplu jagħmlu festa spettakolari mfittxa minn ħafna dilettanti Maltin.

Min-naħa tiegħi nwiegħed koperazzjoni u ħidma kontinwa biex inkompli fejn ħallew ta' qabli u nkompli ntejjeb il-livell tal-Banda tagħna.

Il-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.




*Mro David Agius (fin-nofs) waqt kelmtejn li għamel waqt il-Programm Strumentali ta' l-24 ta' Mejju 1997*


JB
STORES
JB STORES L-Iklin Road, Lija
Tel:437312/3, 435537, 425491 Fax: 435475
JB HOMESTYLES Ponsomby Street, Mosta
Tel: 437506 Fax: 437507
FASHION fabrics
Home Textiles and Carpets
HABERDASHERY & ACCESSORIES
Home Styles
Ready Made Garments
Curtains & Furnishings
Shoe Stores
Wall to Wall Carpeting

# SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ SANTA MARIJA
## ...erba' snin ta' ħidma kontinwa

*Għar-raba' sena konsekuttiva qegħdin nagħtu dan il-kontribut żgħir tagħna f'dan il-ktejjeb sabiex permezz tiegħu niltaqgħu ftit magħkom. F'din l-aħħar sena s-Sezzjoni bla dubju reġgħet kienet pedina mportanti fis-Soċjetà li minnha tagħmel parti. Jekk f'ċerti każi l-ideat u l-ħsibijiet taż-żgħażagħ jiġu mwarrba, dan mhux il-każ tas-Soċjetà tagħna. L-istorja qasira tas-Sezzjoni turi anzi bil-kontra. L-ideat u l-ħsibijiet li jpoġġu ż-żgħażagħ ġewwa s-Soċjetà tagħna jiġu meħuda bis-serjetà aktar u aktar meta tqis li fl-eżistenza tagħna saru affarijiet li għamlu unur mhux biss lis-Soċjetà iżda anke lil raħalna. Aħna min-naħa tagħna meta naraw min qed jismagħna u jagħti kasna nimtlew b'kuraġġ akbar u dejjem nagħmlu dak kollu li nistgħu sabiex apparti li nwettqu l-għan li nkabbru isem is-Soċjetà tagħna, fl-istess ħin nagħdmu sabiex bl-eżempju tagħna ngħinu liż-żgħażagħ l-oħrajn iżommu 'l bogħod u, jekk ikun hemm xi żgħażagħ li waqgħu, ngħinuhom jitbiegħdu mill-vizzji li sfortunatament il-progress tal-lum qiegħed dejjem aktar ipoġġi qribna. Wara dik l-introduzzjoni qasira ejjew issa nagħtu ħarsa lejn l-aħħar sena tas-Sezzjoni:*

### *HOME PAGE* TAS-SOĊJETÀ FUQ L-*INTERNET*

Naħseb li kulħadd illum sema' bil-kelma *INTERNET*. Il-maġġoranza wkoll naħseb jafu x'inhi. Fejn qabel sabiex tikkomunika man-naħa l-oħra tad-dinja kont trid tibgħat ittra u ddum tistenna l-ġimgħat sabiex tieħu risposta jew inkella kien ikollok taqbad it-telefon u għal ftit minuti tħallas kont mhux ħażin, illum tista' tpoġġi bil-qiegħda quddiem computer u bi ftit ħlas fis-sena jkollok aċċess tikkomunika ma' l-erba' naħat tad-dinja. Min qatt kien jobsor li għad jasal iż-żmien li f'temp ta' ftit minuti, mill-kumdità ta' darek tkun tista' taqta' biljett ta' l-ajru jew ikollok kamra ġewwa lukanda fil-Ġappun ibbukkjata lesta f'temp ta' minuti. Min imbagħad ikun irid jifrex aktar jista' jagħmel dik li jgħidulha *Home Page* fuq l-Internet, fejn tpoġġi għad-dispożizzjoni ta' l-abbonati madwar id-dinja informazzjoni li jkun irid li jxandar. Hekk insibu kumpaniji li jpoġġu informazzjoni rigward il-prodotti tagħhom, gruppi mużikali li jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-*Fans* tagħhom informazzjoni, u elf ħaġa oħra. Għal dan il-għan ikollok Indirizz speċifiku li permezz tiegħu abbonati madwar id-dinja kollha jkollhom aċċess li jaraw l-informazzjoni li inti jogħġbok tpoġġi fil-paġni tiegħek.

Din l-idea li tkun tista' xxandar mad-dinja kollha l-attività tiegħek mill-ewwel għoġbitna. Wara li ddiskutejna flimkien u rajna li l-idea ntgħoġbot, avviċinajna lis-Sur Mario Mifsud, membru tas-Sezzjoni, li jaħdem fil-kamp ta' l-Informatika. Bil-ħidma tiegħu ko-ordinata mill-ex-Segretarju tas-Sezzjoni Antoine Sciberras, is-Soċjetà għall-aħħar t'Awissu tas-sena l-oħra kellha l-*Home Page* fuq l-Internet u b'hekk saret it-tieni Soċjetà Mużikali fil-gżejjer Maltin, wara s-Soċjetà Imperial tal-Mellieħa, li fetħet *Home Page* fuq l-Internet. Din in-novità, sa issa unika għar-raħal tagħna, ġiet imħabbra waqt il-lejla Maltija ta' wara l-Festa. Fuq il-*Home Page* wieħed isib informazzjoni fuq il-festa, fuq l-istorja tas-Soċjetà, fuq il-Banda, fuq in-Nar, insomma ftit fuq kull ħaġa li għandha x'taqsam mas-Socjetà u ma' Santa Marija ta' l-Imqabba. Ma jonqosx ukoll tagħrif fuq is-Sezzjoni Żgħażagħ. Barra l-*Home Page* għandna wkoll l-*E-Mail Address* li hija mezz ta' komunikazzjoni relatat ma' l-*Internet*, kif jgħid l-isem stess, posta elettronika. Appena bdiet tidher l-informazzjoni fuq l-*Internet* nistgħu ngħidu li kellna rispons mhux ħażin. Ħafna emigranti partitarji kellmuna u wrew sodisfazzjon li raw informazzjoni dwar il-festa minn daqstant bogħod. Matul ix-xhur tax-xitwa rċevejna saħansitra ittri minn barra jitolbu informazzjoni fuq is-Soċjetà in ġenerali kif ukoll fuq ix-xogħol tan-nar. Irċevejna wkoll mingħand abbonat li talabna nimlew *Questionnaire* li kien qiegħed jagħmel bħala parti minn teżi li kien qed jipprepara. Sabiex lil min sa issa għadu qatt ma daħal fuq il-*Home Page* tas-Soċjetà tagħna nagħtuh ċans jaraha ser nagħtu l-Indirizz:

INTERNET:http://www.davmar.com.mt/PUBLIC/USERS/marju_1129/INDEX.HTM

E-MAIL: Marju@orbit.davmar.com.mt

Nistiednu lil kull min għadu qatt ma daħal fuq il-*Home Page* sabiex jagħmel dan. Nieħdu gost nirċievu kummenti sabiex dejjem aktar inkomplu ntejbu dan il-mezz ta' komunikazzjoni li s-Soċjetà għandha għad-dispożizzjoni. Nassigurawkom li meta tittajpjaw fuq il-

*Keyboard* l-indirizz ta' hawn fuq mhux ser jiġrilkom kif ġara lilna ftit ilu meta ppruvajna nidħlu fuq *Home Page* ta' Soċjetà oħra bir-riżultat li minflok l-informazzjoni li stennejna, fuq l-iscreen ħadna messaġġ wieħed:- *"FILE NOT FOUND!!!"*



*Kumitat Żgħażagħ 1997/98*
*Mix-xellug: Adrian Busuttil, Reno Montebello, Mario Camilleri, Dunstan Ghigo, Pauline Farrugia, Michael Ghigo, Audrey Sciberras, Mario Darmanin, Simon Saliba, Edward Galea, David Mazzelli*

## GĦOTI TAD-DEMM ĠEWWA L-KAŻIN

Nistgħu ngħidu li issa drajna nisimgħu li s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ta' l-Imqabba għamlet xi ħaġa ġdida u ta' ġid. Is-sena li għaddiet ma kinitx eċċezzjoni. Nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 1996 il-Każin tagħna litteralment inbidel fi Klinika għall-Għoti tad-Demm. Konna ilna minn xhur qabel li bdejna l-kuntatti mal-Bank tad-Demm ta' l-isptar San Luqa sakemm, wara li l-i*Staff* tal-Bank żar il-Każin u ra li l-post seta' jkun adekwat għal attività simili, sar ftehim fuq id-data meta kellha ssir l-ewwel *Blood Drive* ġewwa r-raħal ta' l-Imqabba. Fid-data propja, minn filgħodu bdew jaslu l-attrezzaturi sabiex ftit ftit bdejna narmaw. Ikollna nammettu li ma kienx faċli għalina nqassmu l-każin skond l-esiġenzi. Però meta jkun hemm determinazzjoni tasal fejn trid u b'kollaborazzjoni ma' Dr Schembri Wismayer tal-Bank tad-Demm irnexxielna nużaw kull rokna tal-Każin sabiex stajna nattwaw din l-opra hekk karitattiva u kbira. Is-sular ta' fuq tal-Każin intuża sabiex isir l-eżami mediku filwaqt li s-sular t'isfel inqasam f'żewġ partijiet, waħda fejn issir ir-reġistrazzjoni u l-oħra fejn bdew isiru d-donazzjonijiet. Dakinhar ġewwa l-Każin minn filgħodu ma sarx tipjip. Eżattament minn ftit qabel nofsinhar il-Każin infetaħ sabiex min ried seta' jiġi u jagħmel opra kbira ta' karità billi jagħti d-demm. Kienet ħasra li grupp ta' xi għaxra min-nies li ġew ftit qabel is-7.30p.m. ma setgħux jagħmlu d-donazzjoni minħabba li kien sar il-ħin u d-demm ried jittieħed l-isptar sabiex isiru t-testijiet meħtieġa. Fil-fatt għal xi t-8.00 p.m. id-demm kollu kien diġà wasal l-isptar San Luqa. B'hekk għalqet ġurnata memorabbli oħra għas-Sezzjoni Żgħażagħ. Is-Sezzjoni Żgħażagħ għal darb'oħra uriet li fejn tidħol għajnuna lill-proxxmu fl-Imqabba bħalha m'hawn ħadd.

Din l-attività tant kienet apprezzata li f'April li għadda ġejna ppreżentati bi plakka kommemorattiva bħala l-KAŻIN TAL-BANDA BL-AKBAR NUMRU TA' DONATURI TAD-DEMM, waqt serata soċjali organizzata mill-Bank tad-Demm. Illum, meta ninsabu niktbu dan l-artiklu qegħdin nippreparaw għal *Blood Drive* oħra ġewwa l-Każin maħsuba għal nhar is-Sibt 12 ta' Lulju u li ser issir fuq talba ġenerali. Nisperaw li kull min bħalissa qed jaqra l-artiklu jkun wieħed minn dawk li għamel donazzjoni waqt din id-*Drive*. Aħna f'isem iċ-Ċentru għall-Għoti tad-Demm ta' l-isptar San Luqa nirringrazzjaw lil kull min għamel donazzjoni.



*Nardu Farrugia Cup '96 - Il-Captain tat-team rebbieħ jirċievi t-Tazza mingħand l-Onor. Joe Farrugia M.P.*

## ATTIVITAJIET OĦRA MATUL IS-SENA

Bħal snin oħra s-Sezzjoni kienet impenjata f'għadd ta' attivitajiet. Nhar is-6 ta' Settembru 1996 sar Bar-B-Que ġewwa Għar Lapsi li għalih attendew

għadd ta' partitarji. Waqt is-serata kien hemm ukoll Karaoke u l-kantanta Amanda li allegrat lil kull min kien preżenti. Għall-kumplament ta' Settembru sa Novembru naqqasna xi ftit mill-attività peress li dakinhar kienet għaddejja l-Kampanja Elettorali għall-elezzjoni. Matul ix-xahar ta' Diċembru membri tas-sezzjoni ħadu ħsieb iżejnu l-Każin minn ġewwa. Għall-aħħar tas-sena bħal dejjem tajna l-għajnuna tagħna fis-serata ta' l-aħħar tas-sena li issa daħlet fil-kalendarju tas-Soċjetà tagħna. Matul ix-xhur tax-xitwa s-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat għadd ta' Mini-Tournaments tal-Football bejn il-membri ġewwa l-ground bit-turf artifiċjali ta' Tigne f'Tas-Sliema. Bejn Marzu u Mejju ġewwa l-Każin ġiet organizzata Snooker Competition ġentilment sponsorjata mill-Kunsill Lokali li minn hawn nirringrazzjaw. Il-finali, li saret nhar it-23 ta' Mejju, ntrebħet minn Alex Falzon li għeleb lil Raymond Camilleri bl-iskor ta' 5-3. Wara saret il-preżentazzjoni mis-Sindku s-Sur Emanuel Buttigieg. Fil-25 t'April ġewwa l-Każin kienet organizzata *Pasta Night*, attività oħra li ġibdet numru sabiħ ta' partitarji. Nhar l-24 ta' Mejju s-Sezzjoni Żgħażagħ tat kontibut kbir fil-Kunċert Strumentali tal-banda ġewwa l-Università f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V. Il-kunċert kien suċċess kbir għall-Banda diretta mis-Surmast David Agius. Nawguraw lill-Banda tagħna f'għeluq dan il-Ġublew. Għall-okkażjoni s-Sezzjoni Żgħażagħ ħadet ħsieb sabiex isir *Logo* għall-okkażjoni li ġie ppreżentat mill-President is-Sur Edward Galea. Il-*logo* sar mill-pittur Għawdxi Pawlu Camilleri Cauchi. Nhar il-31 ta' Mejju 1997 ġewwa l-Imqabba F.C. Ground saret it-tieni edizzjoni tan-Nardu Farrugia Cup li għal darb'oħra saret fuq bażi ta' *One Day Football Tournament*. Għat-tieni sena konsekuttiva t-*Tournament* intrebaħ mit-team tar-Red Stars. Nirringrazzjaw lis-Sinjuri Joe u Mario Farrugia, ulied l-istess Nardu Farrugia li għoġobhom jisponsorjaw il-Kompetizzjoni. Nirringrazzjaw lil kull min ħa sehem. Nhar is-26 ta' Ġunju ġie organizzat Bar-B-Que ieħor, din id-darba fil-pjazza quddiem il-Każin. Għal darb'oħra kellna attendenza sabiħa. Il-bandisti tal-post tal-Banda tagħna wkoll tawna daqqa t'id billi għaqqdu Banda żgħira sabiex allegraw lil kulħadd permezz tal-marċi popolari tagħna. Matul is-sena kollha ssokta joħroġ kull xahar mis-Sezzjoni Żgħażagħ il-Fuljett "LEĦEN IŻ-ŻGĦAŻAGĦ". Nieħdu l-opportunità sabiex nirringrazzjaw lis-Sur Elvin Sciberras li jagħti kontribut qawwi fil-preparazzjoni għal din il-pubblikazzjoni.

**FESTA TA' SANTA MARIJA 1997**

Għall-okkażjoni tal-festa li fiha se niċċelebraw b'mod speċjali l-50 sena tal-Banda, s-Sezzjoni Żgħażagħ issa ilha xhur għaddejja. Apparti milli qed tagħti kontribut fix-xogħol manwali sabiex jitlestew minn kollox pilandri ġodda għall-pjazza, s-Sezzjoni Żgħażagħ ħasbet sabiex tiffinanzja Pilandra kompluta minn sett ta' erbgħa li se



*Il-plakka li ngħatat bħala rikonoxximent għall-Blood Drive li saret fil-Każin f'Lulju 1996*

jiżżanżnu din is-sena. Membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ ħadu ħsieb jaħdmu l-liedna kollha għall-pjazza mill-ġdid minħabba dik li kellna kienet qdiemet. L-ispejjeż tħallsu mis-Sezzjoni Żgħażagħ. Għal nhar it-Tlieta 12 t'Awissu, l-ġurnata tat-tieni Tridu tal-festa, s-Sezzjoni Żgħażagħ se tieħu ħsieb tħallas il-marċ li jsir dakinhar filgħaxija. Bħal kull sena s-Sezzjoni Żgħażagħ se tieħu ħsieb torganizza l-Briju kollu għal waqt il-marċi tal-festa.

*Nagħlqu dan il-kontribut tagħna f'dan il-ktejjeb billi bħal kull sena u mingħajr distinzjoni nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd. Nappellaw liż-żgħażagħ kollha sabiex fejn jistgħu ma jonqsux milli jagħtu l-għajnuna tagħhom qabel u matul il-festa. Nistidnukom ukoll sabiex tieħdu sehem attiv fil-festa ħalli din is-sena nerġgħu nagħmlu dik il-festa kbira li minn żminijiet antiki ilha tradizzjonalment issir. Nappellaw lil kulħadd sabiex waqt il-festa ngħibu ruħna sewwa aktar u aktar din is-sena meta fostna, GĦAL ĠIMGĦA SĦIĦA, ser ikollna jifraħ magħna kontinġent ta' 'l fuq minn tmenin persuna ġejjin mill-Italja eżattament minn Santa Vittoria in Matenano, Ascoli Piceno.*

**AWGURI BANDA RE ĠORĠ V**

**VIVA SANTA MARIJA**

# KRISTIANNE

## STATIONERY

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ

☎ 647391, 649150

*Offers*



# 50 Sena ilu

## Mill-Orkestra Santa Marija għall-Banda Re Ġorġ V

*Tagħrif miġbur minn Christopher Spiteri u Alfred Galea*

Tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija għal Malta ġab bidliet soċjali kbar. It-tiġrif li ħalliet il-gwerra ftit ftit reġa' beda jinbena u għad li ma kienx faċli, l-Maltin reġgħu bdew jirritornaw għal dik il-ħajja normali ta' qabel il-gwerra. Il-festi ta' l-irħula reġgħu bdew isiru wara li kienu waqfu minħabba l-gwerra. Fl-Imqabba, l-ewwel festa ta' Santa Marija li saret wara l-gwerra kienet dik ta' l-1944. Bidla soċjali kbira li seħħet wara l-gwerra ġewwa raħalna kienet bla dubju fejn tidħol l-arti mużikali. Wara l-mewt tal-Banda ta' Mikiel Zammit fl-1887, sa dak iż-żmien fl-Imqabba ma kienet teżisti l-ebda formazzjoni oħra mużikali. Kien fl-1945 li l-każin soċjali Re Ġorġ V sar l-ewwel Soċjetà Mużikali permezz tat-twaqqif fi ħdanu ta' l-Orkestra Santa Marija, ħaġa li aktar tard wasslet sabiex anke l-każin soċjali l-ieħor ta' raħalna, il-Każin Lily jsir Soċjetà Mużikali permezz tat-twaqqif tal-Banda Lily.

### X'wassal sabiex l-Orkestra Santa Marija tinbidel f'Banda

Mat-twaqqif ta' għadd ta' baned f'ħafna rħula oħrajn Maltin, ġewwa r-raħal tagħna bdiet tingħoġob aktar l-idea li ddoqq u timxi milli tibqa' f'post wieħed kif tagħmel orkestra. Barra minn hekk f'Malta kien hawn influwenza qawwija mill-baned militari Ingliżi. Dan kollu għalhekk wassal sabiex il-membri tal-Każin tagħna jagħżlu sabiex l-Orkestra Santa Marija tinbidel f'banda minn Mro Ġużeppiu Marija Barbara A.Mus.L.C.M.



*Ritratt storiku ta' omm il-Banda, l-Orkestra Santa Marija*

### Il-Bidla għall-Banda

Kien nhar l-20 t'Ottubru 1946 meta waqt seduta ġenerali tressqet mozzjoni minn Filippu Psaila ssekondata minn Giovanni Camilleri li kienet titlob sabiex l-orkestra tinbidel f'banda. Wara diskussjoni twila l-mozzjoni għaddiet b'44 vot favur, 4 kontra u 1 jastjeni. Dakinhar Innocenzo Farrugia ssekondat minn Michele Camilleri, ppropona li tinżamm ukoll l-orkestra, mozzjoni li b'maġġoranza ġiet riġettata. Minn dakinhar il-Każin Soċjali King George V beda jissejjaħ King George V Band Club. Bħala l-ewwel surmast inħatar Mro J.M. Barbara li, mgħejjun minn Ġużeppi Galea ta' Nozzi, ħadem sabiex rawwem l-ewwel bandisti tal-post. Nistgħu ngħidu li l-qalba minn orkestra għal banda ftit li xejn inħasset billi l-mużiċisti tal-post kienu kollha mħarrġin sewwa fil-mużika u f'temp ta' tliet xhur bidlu l-istrumenti tagħhom minn dawk orkestrali għal dawk bandistiċi.

### L-ewwel Programmi tal-Banda

L-ewwel dehra fil-pubbliku tal-Banda seħħet nhar Ħadd il-Palm ta' l-1947, eżattament nhar it-30 ta' Marzu. B'għadd ġmielu ta' bandisti tal-post il-Banda, diretta minn Mro Barbara, żanżnet sett ġdid ta' marċi funebri. Id-debutt uffiċjali tal-Banda sar lejlet il-festa ta' Santa Marija ta' l-istess sena. Wara marċ, li matulu ndaqq sett ta' marċi ġodda, sar programm mużikali taħt Mro Barbara li kien jikkonsisti:

| | | |
|---|---|---|
| | INNO PONTIFICIO | |
| OVERTURE | EGMONT | L.V. BEETHOVEN |
| SELECTION | LOHENGRIN | R. WAGNER |
| | INNU TAL-BANDA | |
| | INNU MALTI | |
| | GOD SAVE THE KING | |

# DACIA 1307





Depožitu ta'
Lm500
biss

**USEFUL
AND
PLEASANT!**

**DACIA MALTA VENTURES Ltd.**

"MAYFLOWER", VALLEY Road, Birkirkara BKR 14. MALTA.
Tel: +(00356) 441129 Fax: +(00356) 491244

Matul il-programm ta sehmu kwartett ta' solisti magħmul minn bandisti Mqabbin li kienu: Joseph Galea (klarinett), Loenard Farrugia (kurunetta), Joseph Farrugia (Althorn) u George Galea (euphonium).

**L-ewwel Bandisti tal-Post**

Fid-debutt tagħha l-Banda Re Ġorġ V kellha jdoqqu magħha numru mhux ħażin ta' bandisti tal-post. Dawn kienu:

| | |
|---|---|
| Klarinetti: | Joseph Galea (fundatur), John Camilleri, Carmel Farrugia, Joseph Zammit, Carmel Grech, Emanuel Psaila, Leone Sciberras, John Borg |
| Flawt: | Nazzareno Galea |
| Oboe: | Leonard Spiteri |
| Kwartin: | Mikiel Zammit |
| Kurunetti: | Leonard Farrugia, Matthew Zammit, Carmel Psaila, Lawrence Farrugia, Anthony Azzopardi, John Mary Borg, Innocent Mifsud, Emanuel Farrugia |
| Korni: | Geraldu Camilleri, Joseph Borg, Joseph Mallia, Innocent Mangion |
| Trumbuni: | Philip Psaila, Francis Xavier Ciantar, Philip Farrugia |
| Althorns: | Joseph Farrugia, Carmelo Ghigo |
| Ewfonji: | George Galea, Francis Spiteri |
| Baxxi: | Innocent Camilleri, Francis Mifsud, Nicholas Borg, Joseph Zammit |
| Saxophones: | John Camilleri, Felix Galea, Anthony Farrugia |
| Batterija: | Nicholas Galea (Katuba), John Camilleri (Piatti), Joseph Mizzi (Tamborlin) |

Leonard Spiteri (Oboe) u John Camilleri (Sax), wara eżami lokali, aktar tard kienu ġabu d-diploma *Associate* mill-Kulleġġ ta' Londra. Loenard Spiteri, wara li kompla studja fl-Ingilterra, rnexxielu jakkwista d-diploma *Fellowship* mill-istess kulleġġ. Leonard Farrugia kien għal ħafna żmien Assistent Surmast tal-Banda. Joseph Galea (Klarin.) għamel ħafna snin jgħallem u jħarreġ l-allievi l-ġodda tal-Banda. Dawn il-pijunieri tal-Banda, b'ħafna dedikazzjoni, rnexxielhom jagħmlu pedamenti sodi li fuqhom għadha mibnija l-Banda.



*Il-Banda Re Gorġ V tesegwixxi programm mużikali fl-ewwel snin tagħha*



*Il-Banda waqt marċ meta żżanżan l-istandard il-prim tal-Banda*

**L-ewwel Snin tal-Banda**

Bħal f'kull bidu, għall-Banda l-bidu ma nistgħux ngħidu li kien wieħed faċli. L-istrumenti nxtraw mill-RAF wara ftehim mal-bandisti li qablu li jħallsu kwart bil-każin joħroġ il-kumplament. Saru l-leġiji u l-lampi. Il-planċier għall-Banda nħadem ġewwa l-Każin u żżanżan f'April ta' l-1948. Madankollu l-bandisti ma qatgħux qalbhom u baqgħu mexjin 'il quddiem. Wara l-ewwel ftit servizzi li għamlet ġewwa l-Imqabba, l-Banda kienet diġà bdiet issir popolari anke barra r-raħal tant li malajr bdew ġejjin stediniet sabiex il-banda ddoqq barra r-raħal. L-ewwel servizz barra r-raħal twettaq ġewwa Ħal Tarxien nhar it-18 t'April 1948, jum il-festa tal-Lunzjata. Dakinhar il-Banda għamlet marċ u programm. Servizzi oħrajn saru fil-festa ta' Kristu Re Raħal Ġdid nhar l-10 t'ottubru 1948, Santa Katarina ż-Żurrieq fl-24 ta' Novembru 1948 u ġewwa Ħal Qormi San Bastjan fl-10 ta' Lulju 1948. Matul is-snin 1949 u 1950 l-Banda reġgħet tat is-servizzi tagħha ġewwa ż-Żurrieq u Ħal Tarxien.

# Zneiber

## Confectionery & Pastizzerija

Orders accepted for
Weddings and All Occasion Parties.

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 803999

6,St. George's Street, Luqa
Tel: 677230

# MED LENS
## OPTICAL CLINIC

**Sliema Road, Gżira GŻR 04 Tel: 315730**
**55, New Street, Luqa LQA 02 Tel: 673238**

Large range of the very latest designer brands spectacle frames and sunglasses, full range of contact lenses including sterilising of all types of contact lenses. Tinting and anti-reflective coatings. Special hard coating of plastic lenses to avoid scratching.
24 hour service on most prescription lenses including photochromatic lenses.

*stockist of :*

SERENGETI
Sunglasses by CORNING OPTICS

EYEWEAR COLLECTIONS

APACHE®

Slazenger

FAT BOY
EYE WEAR

TIFFANY
lunettes

MARIELLA BURANI

GIVENCHY
PARIS

P.O.BOX



Il-progress tal-Banda beda anke jiġi apprezzat mill-partitarji permezz ta' rigali ppreżentati lill-Banda. Fl-1948 ġew irregalati tliet standardi, wieħed Ingliż, ieħor tal-Papa u ieħor Malti. Dawn tbierku qabel il-marċ tat-*Te Deum* lejlet il-festa. Fl-1951 il-Banda ġiet irregalata bl-istandard il-prim, xogħol kapolavur irrakkmat bid-deheb li llum il-ġurnata joħroġ biss fl-okkażjonijiet speċjali tal-Banda.

**Surmastrijiet tal-Banda**

Wara li l-ewwel surmast tal-Banda, Mro J.M. Barbara A.(Mus.)L.C.M., spiċċa mill-kariga, fl-1951 il-Banda għaddiet taħt Mro Leonard Spiteri F.L.C.M., iben il-Banda, li dam jokkupa l-kariga sa' l-1956 meta kellu jemigra lejn l-Ingilterra. Wara Mro Spiteri l-Banda kellha lill-Kav. George Martin A.(Mus.) L.C.M., li għamel 35 sena sħaħ mal-Banda sa l-1991 meta miet ħesrem. Wara George Martin il-Banda għaddiet taħt Mro Anthony Camilleri L.(Mus.) VCM(Hons.),A.(Mus.)LSM, iben ieħor tal-Banda li beda bħala bandist fl-1980 u baqa' tiela' sabiex, fuq insistenza ta' Leonard Farrugia, ġab id-diploma mużikali li wasslitu sabiex jidderieġi l-Banda Re Ġorġ V. Minn Marzu ta' din is-sena (1997) l-Banda tinsab immexxija minn Mro David Agius A.(Mus.)VCM.

**Żminijiet Diffiċli u ta' Sogħba għall-Banda Re Ġorġ V**

Il-Banda hija familja. Bħal kull familja, l-Banda, matul dawn l-aħħar 50 sena, tiftakar żminijiet diffiċli kif ukoll oħrajn ta' sogħba. Żminijiet diffiċli għall-Banda kienu l-bidu tas-snin sittin meta l-festa ta' Santa Marija waqfet milli ssir għal xi snin minħabba xi diżgwid li kien inqala' bejn is-Soċjetà u l-Awtoritajiet tal-Knisja. Il-Banda f'Malta minnha nnifisha hija assoċjata mal-festa u kienet ħaġa naturali li l-Banda żmien bħal dan tħossu sewwa. Wara dak il-perjodu waslu l-aħħar snin tas-sittinijiet u l-bidu tas-sebgħinijiet meta f'Malta kien hawn mewġa ta' emigrazzjoni miż-żgħażagħ. Il-Banda ntlaqtet sewwa minħabba li għadd ta' bandisti emigraw għal barra l-pajjiż. Madankollu, matul dawn is-snin, il-Banda dejjem baqgħet tieħu sehem fil-festa u fl-attivitajiet prinċipali tal-Każin. Għall-grazzja t'Alla dawn iż-żminijiet għaddew u l-Banda rkuprat sewwa. Fl-aħħar tas-sebgħinijiet u l-bidu tas-snin tmenin, il-Banda nistgħu ngħidu ħadet ħajja ġdida grazzi għal Leonard Farrugia u s-Surmast Martin li ħadmu sabiex rawmu għadd ta' bandisti ġodda. Fis-snin tmenin u disgħin il-Banda nsibuha terġa' tibda tagħti b'suċċess servizzi barra r-raħal fosthom San Ġużepp, l-Imsida u Ħal Kirkop, San Filep Ħaż-Żebbuġ, San Pawl ir-Rabat, San Nikola s-Siġġiewi, Marija Bambina ġewwa l-Isla u ġewwa l-belt Valletta fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied u Jum ir-Repubblika.



*Ġużeppi Galea, li miet f'Mejju ta' l-1980*



*Leonard Farrugia, li miet f'Marzu 1996*

Mumenti ta' sogħba li l-Banda tiftakar kienu meta ħadet sehem fil-funerali ta' John Camilleri ex-bandist u kaxxier tas-Soċjetà, u aktar riċenti f'dawk ta' Mro George Martin u Leonard Farrugia. Il-banda bkiet ukoll meta miet il-fundatur ta' l-orkestra u tagħha, Ġużeppi Galea, li miet f'Mejju ta' l-1980.

**Mumenti Sbieħ għall-Banda Re Ġorġ V**

Okkażjonijiet sbieħ u speċjali l-Banda kellha ħafna. L-ewwel okkażjoni speċjali li fiha daqqet il-Banda kienet fis-sena 1951 meta fl-Imqabba saru festi kbar fl-okkażjoni tal-proklamazzjoni tad-domma ta' l-Assunzjoni. Aktar tard f'Settembru ta' l-1960, il-Banda ħadet sehem fil-festi speċjali li kienu saru sabiex jitfakkar għeluq il-50 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà (1910-1960).

Is-sena 1981 kien jaħbat għeluq il-25 sena ta' Kav. George Martin bħala surmast direttur tal-Banda. Dik is-sena l-Banda għamlet programm mużikali ta' tifkira li matulu ndaqq l-innu lil Marija mtellgħa s-sema, innu kapulavur li s-Surmast Martin ikkompona u rregala lis-Soċjetà fl-1966. Bħala turija ta' apprezzament is-Soċjetà żanżnet bandiera ġdida tal-Banda.

Fl-1985 il-Banda ħadet sehem fil-festi tal-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà. Fi programm mużikali li sar nhar it-30 ta' Lulju l-Banda daqqet din il-mużika:

# PRIME LTD.

PRIME

**HAM, BACON, MORTADELLA, SAUSAGES, BURGERS, GROUNDBEEF, PIES**

Produced by **PRIME LTD**. Mgieret Road, Marsa Malta Tel: 222291/2

# KINGFISHER

**Bar & Restaurant**



**Blue Grotto Wied iż-Żurrieq**
**Tel: 647908**



*Il-bandisti ġodda li kienu ħarġu fl-1965 flimkien mas-Surmast Martin u l-għalliem Ġużeppi Galea*



Il-Banda Re Ġorġ V waqt ir-recording ta' l-ewwel cassette tal-marċi

| | | |
|---|---|---|
| OVERTURE | SANTA CECILIA | G. MARTIN |
| SELECTION | AIDA | G. VERDI |
| SELECTION | THE SOUND OF MUSIC | R. RODGERS |
| FANTASIA | ORPHEUS | J. OFFENBACH |

Il-programm kien taħt il-patroċinju ta' l-E.T. President ta Malta Sinjorina Agatha Barbara u l-Banda kienet immexxija mill-Kav. George Martin.

L-1986 kien għeluq il-150 sena mill-miġja ta' l-istatwa titulari ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba. Dik is-sena l-Banda fetħet il-festi speċjali li kienu saru billi nhar it-30 ta' Lulju akkumpanjat lill-vara sal-Knisja wara li nġabet lura mill-Imdina fejn kienet ġiet indurata. Aktar tard il-Banda għamlet programm mużikali eżattament nhar il-11 ta' Awissu. Taħt id-direzzjoni ta' Mro George Martin il-Banda daqqet fost oħrajn:

| | | |
|---|---|---|
| OVERTURE | FRENCH COMEDY | KELER BELA |
| CORONATION MARCH | LE PROPHETE | G. MEYERBEER |
| GRANDE FANTASIA | LA TRAVIATA | G. VERDI |
| SELECTION | AROUND THE WORLD IN 80 DAYS | V. YOUNG |

L-għada 12 ta' Awissu, il-Banda akkumpanjat lill-E.T. President ta' Malta Sinjorina Agatha Barbara sal-Każin fejn kixfet lapida kommemorattiva.

Il-50 sena tal-Konvoj mirakoluż ta' Santa Marija kienu ġew imfakkra bil-kbir ġewwa pajjiżna. Fl-istess sena s-Soċjetà tagħna kienet għamlet festi speċjali għad unur Santa Marija. Il-banda taħt id-direzzjoni ta' Mro Anthony Camilleri esegwiet programm strumentali nhar it-30 ta' Lulju. Waqt il-programm, li kien taħt il-patroċinju ta' l-E.T. President ta' Malta Dr Ċensu Tabone, ndaqqu fost oħrajn:

| | | |
|---|---|---|
| OVERTURE | BARBIERE DI SIVIGLIA | G. ROSSINI |
| MARCH | MILITAIRE | F. SCHUBERT |
| SELECTION | MADAME BUTTERFLY | G. PUCCINI |
| WALTZ | ROSES FROM SOUTH | J. STRAUSS |
| SINFONIA | NABUCCO | G. VERDI |

Sentejn ilu, fl-1995, il-Banda fakkret kif inhu xieraq il-ġublew tad-deheb mit-twaqqif ta' Ommha, l-Orkestra Santa Marija. Nhar l-10 ta' Awissu, l-Banda Re Ġorġ V ppreżentat Akkademja Mużiko-Letterarja taħt il-patroċinju ta' l-E.T. President ta' Malta Dr Ugo Mifsud Bonnici u s-Sinjura tiegħu. Taħt id-direzzjoni mużikali ta' Mro Anthony Camilleri bejn silta letterarja u oħra l-Banda esegwiet:

| | | |
|---|---|---|
| OVERTURE RELIGIOSO | FUNDATIO | A. CAMILLERI |
| TALBA | SALVE REGINA | E. DEGUARA |
| INNU | LIL MARIJA ASSUNTA | L. SPITERI |
| TALBA | AVE MARIA | J.M. BARBARA |
| INNU | LIL MARIJA ASSUNTA | J. FARRUGIA |
| INNU | LIL MARIJA MTELLGĦA S-SEMA | G. MARTIN |
| INNU | MARIJA ASSUNTA | L. FARRUGIA |


Our festas
·OUR LAGER·

Jakkumpanjaw lill-Banda dakinhar ħadu sehem il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo, il-Baritonu Alfred Camilleri u t-Tenur Francis Mangion flimkien mal-Kor Marija Bambina ta' l-isla dirett minn Mro Alfred Callus.

### Il-Banda f'Għeluq il-50 Sena mit-Twaqqif Tagħha

Din is-sena l-Banda tinsab fil-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet ta' għeluq l-ewwel 50 sena tagħha. Dawn inbdew eżattament f'Lulju tas-sena l-oħra meta l-Banda, immexxija minn Mro Anthony Camilleri, marret l-Italja sabiex tat bidu għal ġemellaġġ storiku bejn il-Banda tagħna u l-Banda Taljana mill-Provinċja ta' Ascoli Piceno ta' Santa Vittoria in Matenano. Akkumpanjata mis-Sindku ta' l-Imqabba s-Sur Emanuel Buttigieg u s-Sinjura tiegħu flimkien ma' għadd ġmielu ta' ammiraturi, il-Banda tat kunċerti ġewwa l-Provinċja. Il-mużika li biha l-Banda tagħna għamlet unur lil Malta kienet:



*Programm Strumentali riċenti tal-Banda waqt il-Festa dirett minn Mro Anthony Camilleri*

| | | |
|---|---|---|
| OVERTURE RELIGIOSO | FUNDATIO | A. CAMILLERI |
| TRADITIONAL | GREEN SLEEVES | ARR. A. REED |
| SELECTION | AIDA | G. VERDI |
| SELECTION | JESUS CHRIST SUPERSTAR | A.L. WEBER |
| ADAGIO | SPARTACUS | A. KHATCHATURIAN |
| SELECTION | SOUND OF MUSIC | R. RODGERS |
| FANTASIA | THE BEST OF MALTESE FOLKLORE | ARR. A. CHIRCOP |
| SELECTION | IMPRESSIONS OF SEVILLE | H. SIMEONE |
| MARCH | RADETSKY | J. STRAUSS |

Il-paġna storika nkitbet nhar il-Ħadd 14 ta' Lulju 1996 meta waqt ċerimonja simbolika sar il-ġemellaġġ bejn il-Banda tagħna u dik Taljana.

Nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru 1996 il-Banda, sabiex tfakkar meta, eżattament 50 sena qabel, il-membri tas-Soċjetà qablu li jibdlu l-Orkestra Santa Marija f'Banda, il-Banda għamlet marċ madwar ir-rahal. Dakinhar il-Banda ngħatat rigal mis-Soċjetà. Arkivju ġdid mħallas mill-fergħa tan-nisa fi ħdan is-Soċjetà tagħha.



*Il-Banda Re Ġorġ V ddoqq ġewwa Montelparo fl-italja*



*Ir-rigal tal-Ġublew tad-Deheb - l-Arkivju li żżanżan nhar l-20 ta' Ottubru 1996*

F'Mejju li għadda mbagħad il-Banda tellgħet Kunċert Strumentali, taħt il-patroċinju ta' l-Onor. Prim Ministru Alfred Sant, ġewwa l-Università ta' Malta. Waqt il-kunċert, li għalih attenda pubbliku numeruż, il-Banda tmexxiet minn Mro David


Garden of Eden
RECEPTION HALL
Triq il-Barrieri, Zurrieq ZRQ 03, Malta.
Tel: 683425, 680167, 680372.
Fax: 680010
Olive Gardens
RECEPTION HALL
' Tal-Mahruq ', Triq l-Gharreqin, Mdina RBT 13 Malta.
Tel: 451143, 680167, 680372. Fax: 680010
Congratulations!
You're getting married and the most exciting and wonderful day of your life is on the horizon - one day when all your dreams should come true.
A sensational dress, a golden wedding band, an abundance of perfumed flowers, fanfares, champagne, celebration and all eyes on you!
Make it a day everyone will remember as the most magical and special,
we're here to help.
These Reception Halls are also available for other functions such as:
Engagements, Cocktail Parties, Barbecues, Maltese Nights, High Teas and Special Private occasions
VIEWING DAYS :
TUESDAYS & FRIDAYS 5.30 TO 8.00PM
GARDEN OF EDEN - 683425
OLIVE GARDENS - 451143

Agius, u esegwiet din il-mużika:

| | | |
|---|---|---|
| THEME | ARANJUEZ MON AMOUR | R. RODRIGO |
| FANTASIA | CARMEN | G. BIZET |
| SELECTION | FRAGMENTS FROM THE SYMPHONIES | ARR. G.L. ZALVA |
| WALZER | EMPEROR | J. STRAUSS |
| THEME | CAVATINA | S. MYERS |
| SELECTION | AROUND THE WORLD IN 80 DAYS | V. YOUNG |
| HIGHLIGHTS FROM | EVITA | A.L. WEBER |
| SELECTION | WEST SIDE STORY | L. BERSTEIN |
| SELECTION | THE SYMPHONIC BEATLES | LENNON/McCARTENEY |

**Il-Futur tal-Banda Re Ġorġ V**

Illum il-Banda tinsab tipprepara bis-sħiħ sabiex bħalma għamlet dejjem tkompli tonora dan l-impenn f'okkażjoni, din id-darba ferm iżjed speċjali minn oħrajn. Din id-darba l-okkażjoni hija l-qofol taċ-ċelebrazzjoni ta' għeluq il-50 sena mit-twaqqif tagħha matul il-festa ta' Santa Marija li ġejja. Il-banda tagħna, meta tħares lura lejn dawn l-aħħar 50 sena ta' l-eżistenza tagħha tara progress kbir. Għalhekk meta terġa' ddur u tħares 'il quddiem ma tistax ma tħarisx lejn l-impenji li għandha għall-futur b'ottimiżmu. J'Alla l-impenn u d-dedikazzjoni li l-għeżież missirijiet tal-Banda żergħu fil-Banda Re Ġorġ V jkomplu jissaqqew minna sabiex ikomplu jikbru. B'hekk biss dan ta' din is-sena jkun l-ewwel minn għadd ta' ġublewijiet li ta' warajna bil-għajnuna ta' Santa Marija jkunu jistgħu jiċċelebraw għall-Banda tagħna.

**VIVA L-BANDA RE ĠORĠ V**

**Referenzi**


Carmen Lia, "Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-istorja ta' l-Imqabba.

Programm Festa Santa Marija Mqabba 1995. Paġni 67-73.

Programm Festa Santa Marija Mqabba 1996. Paġna 83.

Soċjetà Santa Marija Mqabba, "*Ricordo per la Visita della Banda Re Giorgo V di Mqabba, Malta a Santa Vittoria in Matenano, Italia. 12-19 Luglio 1996*".

Arkivji tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba.






**Għadu kif ħareġ volum ieħor mis-sensiela ta' cassettes bil-marċi tal-Banda Re Ġorġ V.**

***Ara li tixtri kopja issa sabiex iżżomm rikordju sabiħ ta' għeluq il-Ħamsin Sena tal-Banda Re Ġorġ V.***

Jinbiegħ mill-Każin tas-Soċjetà u mingħand il-ħwienet tad-ditta Boffa, Valletta u Paola. ***PREZZ: LM2.50***

# Alessio's Old Cottage

**TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA**
**Tel: 683292**

*Hinijiet tal-ftuħ:*
Tnejn – Sibt
6.30 a.m. – 12.00 p.m.
5.00 p.m. – 8.00 p.m.

Ħdud u Festi
6.30 a.m. – 12.00 p.m.

*Issibu dak kollu li teħtieġu:*
**Kartolini, affarijiet ta' l-iskola, rigali, żraben u ħwejjeġ għal kull età, kif ukoll videos, c.d's, cassettes, films, affarijiet ta' Hi-Fi u ġugarelli.**



Għal tiġijiet, engagements, parties, eċċ, qegħdin nipprovdu servizz ta' disco
**STARLIGHT DISCO**

# STARTING POINT



A wide variety of domestic appliances includin

* Food processors, coffee and tea makers
* Kettles, toasters and irons
* Washing machines (automatic and twin-tub)
* Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
* Refrigerators and freezers
* Televisions and video recorders/playbacks
* Hi-fi equipment and satellite receivers
* Vacuum cleaners
* Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
* Pots, pans and cutlery sets
* Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

**St. Thomas Street Luqa LQA 05. Tel/Fax: 803017**

# TIRRAPORTA L-KUMMISSJONI BANDA

***minn Mark Zammit, Delegat***

*Għeżież soċi u partitarji,*

*Inħossni onorat ħafna li f'għeluq il-ħamsin sena tal-Banda Re Ġorġ V reġa' messni li nkun delegat tal-banda wisq popolari tagħna. Fil-fatt din hija r-raba' sena konsekuttiva li qiegħed nikteb bħala delegat tal-banda f'dan il-ktejjeb ferm mistenni minnkom.*

*Qabel ma nkompli, nixtieq nagħti merħba lis-surmast il-ġdid tagħna, ż-żagħżugħ Mro David Agius A.Mus V.C.M.. Jiena flimkien ma' sħabi tal-Kummissjoni banda nixtiequ nifirħulu tal-ħatra tiegħu mal-banda tagħna u nwiegħduh kull appoġġ misthoqq. Minn hawn ukoll nixtiequ nsellmu u nirringrazzjaw lill-ex-surmast tagħna Mro Anthony Camilleri L.Mus. V.C.M.(Hons.) A.Mus L.C.M. tax-xogħol siewi li għoġbu jagħtina tul dawn l-aħħar sitt snin.*

*Din is-sena, aktar minn snin oħra, kienet mimlija daqs bajda bl-attivitajiet li aħna qegħdin norganizzaw bħala tifkira f'għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V.*

*Nixtieq nibda billi nagħti rendikont dettaljat ta' l-attività li kien hemm għaddejja matul din is-sena bejn Settembru 1996 u Lulju1997.*

**Settembru 1996:** (A) Laqgħa għall-bandisti tal-post flimkien mas-surmast Camilleri u l-kumitat biex ninformaw ruħna sew fuq l-attivitajiet, u tajna bidu għalihom bl-ewwel kunċert ta' preparazzjoni.

(B) Il-bandisti tal-post taw sehemhom waqt it-tieni żjara uffiċjali li għamlu l-piloti tat-tim aerobatiku **Red Arrows** ġewwa l-każin tagħna.

**Ottubru 1996:** Nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru l-banda ħadet sehem fl-okkażjoni ta' l-Inawgurazzjoni ta' l-**Arkivju l-Ġdid**. L-okkażjoni fakkret ukoll għeluq il-ħamsin sena minn meta l-membri tal-każin qablu waqt laqgħa ġenerali li jibdlu l-orkestra Santa Marija għall-Banda Re Ġorġ V, li saret propju fl-istess ġurnata ħamsin sena ilu. Nixtieq flimkien ma' sħabi tal-Kummissjoni, nirringrazzja lill-kumitat eżekuttiv u lill-kumitat tan-nisa ta' dan ir-rigal hekk sabiħ li għandu jkompli jżejjen is-swali tal-każin tagħna.



*Delegazzjoni mill-Kummissjoni waqt żjara għand il-Kummissarju Għoli Ingliż - Ġunju 1997*

**Novembru 1996:** Aħna tal-Kummissjoni Banda flimkien mas-Surmast Anthony Camilleri (li issa m'għadux fil-kariga) ltqajna u ddiskutejna x'mużika kienet adattata sabiex tindaqq waqt il-kunċert stumentali ta' għeluq il-50 sena Banda li kellu jsir ġewwa l-Università. Appena waslet il-mużika minn barra bdejna l-kunċerti għall-bandisti tal-post.

**Marzu 1997:** Hekk kif inħatar is-Surmast preżenti Mro David Agius komplejna bil-provi għall-kunċert strumentali ta' l-Università. Nixtieq nieħu l-opportunità sabiex minn hawnhekk nirringrazzja mill-ġdid lis-Surmast Anthony Camilleri li taħtu saru l-preparamenti bejn Novembru u Marzu. Nirringrazzjah ukoll għall-inizjattiva li ħa sabiex setgħet tinxtara l-mużika li ngabet apposta minn barra minn Malta.



*Ġunju 1997 - Il-Banda waqt is-servizz fil-festa ta' San Filep Ħaż-Żebbuġ*

# Royal Insurance

**150 YEARS** 1845–1995

POLOZ ġodda li joffru sigurtà aktar kompluta u vasta għad-DJAR, UFFIĊINI, NEGOZJI, SAFAR U VETTURI

81, St. Catherine Street, Mqabba   Tel: 683142

# JABLO
(expanded polystyrene)

Thinking of
for:

* ROOF INSULATION (KONTRABEJT)
* COLD STORE INSULATION
* PRE FABRICATED COLD ROOMS
* AIRCONDITIONING DUCTWORK INSULATION
* SPECIALISED SHAPES FOR INSITE CONCRETE FORMS
* SOFFIT CEILINGS

**AND A MYRIAD OTHER USES?**

**Then consult the experts in the field with the longest and most experience**

MR. JULIAN CAMILLERI
ATC PLASTICS LTD
30, INDUSTRIAL ESTATE , LUQA
TELEPHONE: 244243 FAX: 248174

**Mejju 1997:** **Programm Strumentali ġewwa l-Università ta' Malta.** Kienet lejla memorabbli u ta' sodisfazzjon kbir għalina l-bandisti li tajna l-kontribut tagħna. F'din l-okkażjoni ndaqqu ħafna biċċiet tal-widna u leġġera u naħseb li paxxejna kull min attenda s-serata. Indaqqet mużika bħal **Fragments from the Symphonies, Symphonic Beatles** u l-famuża **Highlights from Evita** li tinkludi l-mużika kważi kollha tal-film fosthom l-immortali **Don't Cry for Me Argentina.** Din kienet l-ewwel darba li banda Maltija daqqet din il-mużika hawn Malta u taqblu miegħi meta ngħid li mhux se tkun ta' l-aħħar li tindaqq minn baned oħrajn. Nixtieq ngħid grazzi u prosit lill-bandisti tal-post speċjalment lis-solisti tagħna **Gino Farrugia** u **Alfred Galea.** Iżżanżan ukoll għall-ewwel darba l-**Innu Marċ 50 sena banda** tas-surmast attwali tal-banda jiġifieri Mro David Agius. Dan nistgħu ngħidu li tant intlaqa' tajjeb li ġie rrekordjat u ser jiġi mżejjen bil-versi tant sbieħ tal-kavallier **Carmel Bianchi.**

**Mejju-Ġunju 1997:** Tajna bidu għall-kunċerti bħala tħejjija għar-rekording ta' sett ta' marċi ġodda.

**Ġunju 1997:** **Marċ u Programm ġewwa Ħaż-Żebbuġ** fl-okkażjoni tal-festa ta' San Filep. **Rekording** ta' sett ta' Marċi brijużi għand Boffa Ltd.

Delegazzjoni mill-Kummissjoni Banda, flimkien ma' oħra ffurmata minn membri tal-kumitat ċentrali, attendiet għal-laqgħa mal-**Kummissarju Għoli Ingliż l-E.T. Graham Archer.** Matul il-laqgħa tkellimna mas-Sur Archer li wera ruħu entużjast ferm meta spjegajnielu l-ħidma tal-Banda tagħna tant li tana l-kelma tiegħu li ser jagħmel minn kollox sabiex jattendi għall-programm strumentali tal-banda matul il-festa.

Tajna bidu ieħor għall-kunċerti biex nippreparaw għall-programm strumentali ta' nhar l-10 ta' Awissu. Ta' min isemmi li hawnhekk il-programm inbidel totalment għajr għal xi biċċiet li b'talba ġenerali se nerġgħu ndoqqu.

**Lulju 1997;** **Marċ ġewwa r-Rabat** fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Pawl. **Marċ ġewważ-Żurrieq** fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

*Bħalma qegħdin taraw matul is-sena l-Banda tagħna kienet impenjata ħafna, iżda naħseb li dak li ħdimna għalih ksibnih u bil-kbir.*

*Matul din is-sena jiena flimkien mal-kollega tiegħi Raymond Camilleri u minn wara Marzu 'l hawn mas-surmast preżenti, komplejna bit-tagħlim tal-mużika ġewwa l-iskola tal-mużika tas-soċjetà tagħna. Fil-fatt din is-sena ser ikollna jdoqqu għall-ewwel darba magħna* ***Ħames*** *bandisti ġodda. Minn hawn nixtieq nawguralhom tas-suċċessi li kisbu fit-tagħlim tagħhom u nagħtihom merħba fil-familja kbira tagħna.*



Novembru 1996 - Żewġ bandisti tal-post waqt is-sehem tagħhom f'serata Mużiko-Letterarja organizzata mil-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba

*Matul din is-sena wkoll il-kummissjoni kompliet taħdem sabiex tkompli tkabbar l-istrumentatura tal-Banda. Wara li s-sena l-oħra nxtara t-**Timpani**, din is-sena ħsibna sabiex jinxtara **Drum Kit.** Dan inxtara f'Novembru li għadda u żżanżan waqt il-kunċert ta' l-24 ta' Mejju ġewwa l-Università meta ndaqq b'abbiltà kbira minn bandist tal-post tal-Banda tagħna Karl Matthew Camilleri. Nirringrazzjaw lill-kumitat eżekuttiv għall-għajnuna tiegħu fix-xiri ta' l-istrumenti.*

*Nixtieq nagħlaq billi nħeġġeġ lilkom soċi u partitarji biex tħajru lit-tfal tagħkom sabiex jiġu jitgħallmu l-mużika b'xejn il-każin minn nies kwalifikati sew f'dan il-qasam. Nixtieq ukoll inħeġġiġkom sabiex tattendu għall-marċi ferm brijużi tagħna.*

*J'Alla nkomplu fit-triq li qegħdin u j'Alla Santa Marija tkompli timliena b'tant ħeġġa u kuraġġ ħalli nkomplu ngħollu l-isem tal-banda tagħna u l-isem tas-soċjetà tagħna li wara kollox jagħmel unur lill-isem tal-patruna maħbuba tagħna.*

*Grazzi u nawgura festa sabiħa lil kulħadd.*

*Viva l-Banda Re Ġorġ V fi ħdan l-ewwel Soċjetà Mużikali Mqabbija.*




**Jirbħu dawk li jaqtgħu:**

**il-5 numri**

**4 numri**

**3 numri**

* Tagħżel 5 numri minn 1 sa 36.
* It-tlugħ tan-numri rebbieħa tas-Super Five jixxandar dirett fuq Television Malta nhar ta' Erbgħa.
* Biljett jiswa 50 ċenteżmu.

FL-OKKAŻJONI TAL-FESTA TITULARI TA'

# SANTA MARIJA

U TA' GĦELUQ IL-50 SENA MINN META

L-ORKESTRA SANTA MARIJA SARET

# BANDA RE ĠORĠ V

IS-SOĊJETÀ SANTA MARIJA U L-BANDA RE ĠORĠ V, MQABBA

BI PJAĊIR TIPPREŻENTA

# PROGRAMM STRUMENTALI

ĠEWWA L-PJAZZA QUDDIEM IL-KAŻIN TAS-SOĊJETÀ

NHAR IL-ĦADD 10 TA' AWISSU 1997 FIT-08.15 P.M.

| | | |
|---|---|---|
| Innu | 50 SENA BANDA | David Agius |
| Overture | ODETTE | Joseph M. Barbara |
| Tema | CAVATINA | Stanley Myers |
| | *(Solista: Stephen Pulis - Classic Guitar)* | |
| Innu | LIL MARIJA ASSUNTA | Leonard Spiteri |
| Polka | THE LAUGHING TROMBONE | Dave Baker |
| | *(Solista: Mark Zammit - Trombone)* | |

**Preżentazzjoni ta' tliet Standardi ġodda għall-Banda**

| | | |
|---|---|---|
| Fantasia | MOMENTS ROMANTIQUE | George Martin |
| Selection | EVITA | Andrew Lloyd Weber |
| | WALZER | David Agius |
| Selection | THE SYMPHONIC BEATLES | Lennon & McCarteney |
| Selection | MOMENTS FROM MORRICONE | Enrico Morricone |
| Innu | MARIJA ASSUNTA | Leonard Farrugia |
| Innu | BANDA RE ĠORĠ V | Anthony Camilleri |
| Innu | NAZZJONALI MALTI | Robert Samut |

Surmast Direttur tal-Banda:
**Mro David Agius A.Mus.V.C.M.**

Preżentaturi:
**Joyce Guillaumier u John Zammit**

# MALLIA PETROL STATION

PJAZZA SAN NIKOLA
SIĠĠIEWI - TELEPHONE: 467764

Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla s'għand MALLIA PETROL STATION fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek, u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.

Kif ukoll
* Silencers għall-karozzi kollha
* Crash Helmets kbar u żgħar
* Kull kwalità ta' żjut
* Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
* Għodod
* Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
* Aċċessorji u spare parts ta' kull kwalità tajba
* Għandek issib ukoll muturi u karozzi għall-bejgħ

# *Valentina Hair Centre*

*Hairdresser & Beautician*
*Triq il-Ħarriġiet, Mqabba*
*Tel: 611281*






*Business Hours:*

Tuesday to Friday
10.30 a.m. to 5.30 p.m.

Saturday from
9.00 a.m. to 5.00 p.m.
MONDAY CLOSED

Nixtieq il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.

# Informazzjoni fuq il-Mużika li se tindaqq mill-Banda Re Ġorġ V waqt il-Programm Strumentali ta' l-10 ta' Awissu, 1997

*Tagħrif miġbur minn Mro David Agius A.Mus.V.C.M.*

**Overture 'ODETTE' - Joseph M. Barbara A.Mus L.C.M.**

Din is-silta, kompożizzjoni ta' l-ewwel Surmast tal-Banda Re Ġorġ V, hija biċċa mużika immaġinarja li fil-bidu tagħha tintroduċi storja ta' tfajla ltima minn ommha li kienet tgħix ma' missierha. Din it-tfajla, wara li f'ħolma tiltaqa' mal-ġuvni ideali tagħha, tkun trid tieħu l-istat tagħha. It-tieni parti ta' l-Overture imbagħad tippreżenta dwett bejn it-Tenur u s-Sopran li jirrappreżenta l-argument tat-tfajla ma' missierha waqt li qed titolbu l-istat tagħha. Is-silta mbagħad tagħlaq billi fl-aħħar il-ħolma tat-tfajla ssir realtà meta tiżżewweġ lill-ġuvni li ssir tħobb.

**Tema 'CAVATINA' - Stanley Myers**

Din is-silta hija tema meħuda mill-Film *The Deer Hunter* li għandu storja relatata mal-Gwerra tal-Vjetnam, bl-attur protagonista Robert de Niro. *Cavatina* hija tema strumentali rilassanti ħafna b'temp ġeneralment xi ftit bil-mod. Is-silta għandha arranġament għall-Banda ta' Terry Kenny. Waqt din is-silta ser jinstema' Solo fuq il-kitarra klassika eżegwit minn Stephen Pulis.

**Selection 'EVITA' - Andrew Lloyd Weber**

Il-Musical Evita, oriġinarjament miktub għal fuq il-palk, hu wieħed mis-suċċessi tal-koppja Andrew Lloyd Weber u Tim Rice, li tawna għadd ta' musicals popolari oħrajn fosthom 'Phantom of the Opera' u 'Jesus Christ Superstar'. Is-sena l-oħra l-Musical inħadem film li kien suċċess kbir, bl-atturi prinċipali Madonna u Antonio Banderas. Fuq arranġament għall-Banda ta' John Cacavas is-silta tinkludi biċċiet l-iktar popolari tal-Musical, fosthom *Buenos Aires, High Flying Adored*, il-popolari *Don't Cry for Me Argentina, She's a Diamond* u *Another suitcase in another Hall.*

**Innu Marjan - LIL MARIJA ASSUNTA - Leonard Spiteri F.L.C.M.**

Dan l-innu huwa wieħed mill-ħafna kompożizzjonijiet ta' Mro Leonard Spiteri, t-tieni Surmast li mexxa l-Banda Re Ġorġ V (1951-1956). Mill-mod kif inhu armonizzat u maħdum, dan l-innu juri l-abbiltà tas-Surmast Spiteri fejn tidħol kompożizzjoni. L-innu għandu kliem ta' awtur anonimu li kien ġie mogħti n-*Nhil Obstat* fit-12 ta' Lulju 1945. Dan l-innu kien indaqq flimkien mal-kor fl-Akkademja ta' l-1995. Din is-sena se tindaqq il-verżjoni strumentali li għadha kif ġiet ikkupjata din is-sena mill-ex-mużiċista ta' l-Orkestra u aktar tard bandist tal-banda tagħna Ġużeppi Farrugia.

**Selection - THE SYMPHONIC BEATLES - John Lennon u Paul Mc Carteney**

Silta li ċertament iġġib memorji sbieħ lil dawk kollha li għexu ż-żogħżija tagħhom matul is-snin sittin u sebgħin, meta l-grupp leġġendarju *The Beatles* kien fl-aqwa tiegħu. *The Symphonic Beatles* tinkludi siltiet minn uħud mill-kanzunetti l-aktar popolari li ħarġu l-Beatles matul l-ewwel snin tal-karriera tagħhom, fosthom, *A hard day's night, Yesterday, I want to hold your hand, Michelle* u *Hey Jude.* L-arranġament għall-banda hu ta' John Cacavas, l-istess wieħed ta' *Evita.*

**Fantasia - MOMENTS ROMANTIQUE - George Martin A.Mus. L.C.M. S.M.O.S.J.**

Silta verament ħelwa minn għadd ta' kompożizzjonijiet tas-Surmast Martin, l-iktar Surmast li dam mal-Banda Re Ġorġ V. Din is-silta tibda b'introduzzjoni *Forte* fejn is-Sezzjonijiet tar-Ramm jibdew iwieġbu lil xulxin permezz tat-Tema Prinċipali sakemm imbagħad tidħol it-tieni parti b'solijiet tas-Sopran, Tenur u Baritonu. Aktar 'il quddiem terġa' tirritorna l-melodija ta' l-introduzzjoni. Ta' min jgħid li l-melodiji tal-Fantasia huma komposti fuq l-istess stil ta' ċertu melodiji li nsibu fl-Innu Kapulavur LIL MARIJA MTELLGHA S-SEMA, kompost mis-Surmast

NIGRET
Rabat Malta
NIGHT CLUB
&
RESTAURANT
TEL: 454858



INSERVU
PIZZA, SNACKS
U KULL XORTA
TA' IKEL

Medina Hotel

106, Labour Avenue, Rabat RBT 08, Malta.

TITOS SNACK BAR

*Naċċettaw Pizza Night Parties*
*Tiġijiet u Barbeques mas-Swimming Pool area*
*Kif ukoll Take Away Food*
*Kebabs u kull xorta ta' ikel*

MIFTUĦIN GĦAL KULĦADD KULJUM

Mela ċempel issa 453230 - 454858
Fax: 450952

Martin u rregalat lill-Banda Re Ġorġ V fl-1966. Din is-silta mużikali kienet waħda mis-siltiet l-aktar favoriti ta' Mro Martin. Kien għalhekk li għażilna li f'dan il-jum ta' tifkira nfakkru lil Mro Martin permezz ta' din il-kompożizzjoni verament ħelwa li ħarġet mill-pinna tiegħu.

**Polka - THE LAUGHING TROMBONE - Dave Baker**

Din hija polka verament ħelwa miktuba għat-Trumbun Solo. Kif wieħed jinduna mill-istess isem, waqt l-iżvolġiment tas-silta s-solista prinċipali, akkumpanjat mill-Banda, jrid jesprimi l-kapaċità tiegħu meta permezz tat-teknika fid-daqq ta' l-istrument irid isemma' n-noti li jkollu b'tali mod li min ikun qiegħed jisimgħu jimmaġina lit-Trumbun qiegħed jidħaq. Il-parti prinċipali waqt din is-silta ser tkun fdata f'idejn is-Sur Mark Zammit fuq is-*Slide Trombone*.

**VALZER - David Agius A.Mus V.C.M.**

Fl-ewwel dehra tiegħi bħala Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V fil-festa ta' Santa Marija, wara talba li saritli mill-Kumitat u mill-Kummissjoni Banda, ser ikolli l-unur li nippreżenta anke kompożizzjoni mużikali minn tiegħi. Din se tkun Valz fuq stil Bavarjan li soltu nisimgħu jindaqqu minn Brass Bands Ġermaniżi fil-festi tradizzjonali tagħhom bħal ngħidu aħna l-OKTOBERFEST. Fuq din l-aspirazzjoni tal-Festivals tal-birra Ġermaniżi xtaqt naqsam dan il-Valz f'żewġ melodiji li jindaqqu wara l-introduzzjoni, b'rikapitolazzjoni lejn l-ewwel Replica u fl-aħħar ripetuta fil-Forte ta' għeluq il-Valz. Huwa verament unur għalija li din il-kompożizzjoni ser tiżżanżan din is-sena mill-Banda Re Ġorġ V.

**Selection - MOMENTS FROM MORRICONE - Enrico Morricone**

Enrico Morricone huwa kompożitur kontemporanju li baqa' sinonimu mal-mużika *Western*. Fil-fatt ħafna kompożizzjonijiet tiegħu ntużaw bħala *Sound Tracks* f'ħafna films Western. Din is-Selection li se tindaqq mill-Banda tigbor fiha siltiet mużikali minn Films popolarissimi fosthom *Once Upon a Time in the West, The Good, the bad and the ugly* u oħrajn.

**Innu Popolari - MARIJA ASSUNTA - Leonard Farrugia**

Leonard Farrugia, li għamel kważi sakemm miet jgħallem l-allievi tal-Banda Re Ġorġ V u kien anke Assistent Surmast tal-Banda, kiteb dan l-innu fis-snin sebgħin. Mill-ewwel sena li nstema' l-innu sar popolari u baqa' jindaqq mill-Banda Re Ġorġ V u l-baned mistiedna f'kull ġurnata tal-festa ta' Santa Marija. L-innu ndaqq ukoll, fuq xewqa tal-familjari ta' Nardu, mill-Banda Re Ġorġ V fil-funeral tiegħu nhar id-19 ta' Marzu 1996. Il-kliem ta' dan l-innu huwa talba lil Santa Marija kantata fuq tliet melodiji, bl-ewwel tnejn mifrudin permezz ta' passaġġ sabiħ ħafna fuq ir-ramm. Waqt il-programm se tindaqq verżjoni strumentali però ċert li fost l-udjenza ser ikun hemm ħafna li jkantaw ma' dan l-innu.

**Innu - BANDA RE ĠORĠ V - Anthony Camilleri L.Mus.V.C.M.(Hons.),A.Mus.L.S.M.**

Dan l-innu, kompożizzjoni tas-Surmast ta' qabli, Mro Anthony Camilleri, kien ġie rregalat lill-Banda Re Ġorġ V fl-1991, is-sena li fiha s-Surmast Camilleri kien laħaq Direttur tal-Banda. L-innu għandu bidu melodjuż ferm b'passaġġ sabiħ ħafna f'nofsu. L-innu mbagħad jaqleb fit-Trio fejn tinstema' melodija ħelwa ħafna fuq is-Sezzjoni ta' l-injam b'akkumpanjament pianissimo fuq ir-Ramm. Fit-tieni parti tat-Trio il-melodija tindaqq mir-Ramm sakemm fl-aħħar jilħaq *Climax* fuq il-Banda kollha. Dan l-innu verament sabiħ illum hu l-innu uffiċjali tal-Banda Re Ġorġ V u mill-1991 dejjem indaqq fil-konklużjoni ta' kull programm strumentali li għamlet il-Banda Re Ġorġ V.

**ID-DROGA**

therrilek moħħok u teqridlek ħajtek,

**IL-MUŻIKA**

tiftaħlek moħħok u tagħtik skop f'ħajtek

# Di Rocco Ltd

IMPORTERS SPECIALISING IN PACKAGING

- Wrapping Paper for Deli. Counters
- Twines for Meat
- Strip Curtains
- Kitchen Gadgets
- Different types of hooks
- Bandsaw Blades
- P.V.C. Aprons any size & colour
- Disposable Gloves & Aprons
- Pallet Wrapping
- Wax Paper
- Carta al forno
- Ice-Cube Bags
- Freezer Bags
- Valves
- Gasket
- Foil
- Packing Machines
- Burger Separators

EGG PACKAGING





FRUIT & VEG. PACKAGING NET

KNIVES & CHOPPING BOARDS





JABLO TRAYS

FRUIT & VEGETABLE PUNNETS





DISPOSABLE CUPS & CUTLERY



PACKAGING FILM (VARIOUS TYPES)

ROASTING NET



Triq il-Konvoy Ta' Santa Maria, Mqabba ZRQ 08
Tel: 683222 Mob: 097 8222 Fax: 640494



# G. CONSTRUCTION LTD

"Madonna ta' Pinu", Triq l-Aħwa Ghigo,
Mqabba - Malta
Tel: 611544 - 683263
Mobile: 097 3238

XOGĦOL TA' KISI, TIKĦIL BIL-ĠIBS U ŻEBGĦA,
MANUTENZJONI U ALTERAZZJONIJIET FIL-BINI,
KIRI TA' SCAFFOLDING

# Niltaqgħu mal-ħames bandisti ġodda...

**Daniel Camilleri** - *French Horn*



Twieled fl-10 ta' Ġunju 1983 ġewwa l-Pietà, bin Benny u Maria née Ciantar. Daniel huwa l-kbir minn żewġ aħwa subien u jattendi s-"St Joseph Lyceum" Paola fejn għadu kif spiċċa t-tielet sena fis-sekondarja. Beda jitgħallem il-mużika ta' disa' snin fejn wara waqfa reġa' beda ta' ħdax-il sena. Daniel minn dejjem iħobb il-banda u tħajjar mill-kuġin tiegħu Chris li jdoqq ma' l-istess banda. Beda jitgħallem it-teorija fl-iskola tas-Soċjetà għand Nardu Farrugia fejn ġie mħajjar li jitgħallem il-*French Horn*. Kompla jistudja għand Mark Zammit u Mro A. Camilleri. Illum Daniel qed ikompli javvanza fl-istudji mużikali tiegħu għand Mro Alfred Spagnol għall-prattika u għand il-Profs. Charles Zammit għat-teorija. Bħala *hobbies* Daniel għandu l-mużika, jħobb jistad, tpinġija u l-*computer*. Fil-futur jixtieq javvanza fil-karriera mużikali u jixtieq jaqbad xogħol professjonali fil-mużika.



**Maria Ciantar** - *Clarinett*

Twieldet fid-29 ta' Settembru 1982 ġewwa l-Pietà bint Saviour u Josephine. Maria hi t-tielet fost erba' aħwa u qiegħda fil-ħames klassi fil-livell sekondarju. Bħala passatemp Maria tħobb il-mużika u t-tpinġija. Għall-futur qed taspira għal *air hostess* jew *kindergarten assistant*. Maria ilha tistudja l-mużika għal dawn l-aħħar tliet snin fejn tħajret titgħallem għax tħobb tisma' l-baned fil-festi. Bdiet titgħallem għand Mro A. Camilleri, Raymond Camilleri u aktar tard għand Mro D. Agius. Maria tixtieq tkompli tavvanza fl-istudji mużikali tagħha.

**Jonathan Farrugia** - *Clarinett*



Twieled fid-19 ta' Settembru 1978 ġewwa l-Pietà bin Joseph u Josephine. Jonathan hu t-tieni fost tliet aħwa u għadu kif temm l-ewwel sena fil-kors tal-Baċellerat ta' l-Arti (Taljan u Franċiż). Bħala passatemp għandu d-drama, kitba u mużika. Bħala pjanijiet għall-futur Jonathan qed jaspira għal gwida għat-turisti jew xogħol f'ambaxxata f'Malta.

Fil-qasam mużikali Jonathan tħajjar jitgħallem mingħand in-nannu li hu bandist mal-Banda La Stella tal-Gudja. Beda l-istudju mużikali ta' tmien snin ġewwa l-iskola Johann Strauss, fejn għamel xi żmien jitgħallem mal-banda Santa Katarina taż-Żurrieq. Wara sentejn wieqaf kompla l-istudju tiegħu fl-iskola tal-banda tagħna fejn ġie mħajjar minn Nardu Farrugia. Studja għand Raymond Camilleri u aktar tard għand Mro D. Agius. Jonathan hu interessat li jkompli jistudja l-mużika wara li jtemm il-kors universitarju.




# JERRY'S
## SILENCER REPAIRS

## TEDDY'S GARAGE
Siġġiewi Road,Mqabba

Telecell:099 8066

## E. CATANIA WOOD CARVING

Għall-aqwa xogħol ta' għamara bħal
salotti, sottospekkji u sidetables bl-iskultura
MORRU GĦAND
MANWEL CATANIA

SHOWROOM:
"Odyssey", Bronja Street, Żurrieq

WORKSHOP:
"Odyssey Garage", Alexander Street, Żurrieq

**Ħin tax-xogħol: 7.00 a.m. - 6.00 p.m.**

**Tel: 682137**

# KATIE'S BEST BUY

*90, St Basil Street, Mqabba*
*(wara l-Knisja)*

## IL-FESTA T-TAJBA
## lill-klijenti kollha minn
## RICK u KATIE

**Donna Zammit** - *Clarinett*



Twieldet fl-20 ta' Novembru 1980 ġewwa Sydney l-Awstralja, bint Manswet u Katie. Donna hi t-tieni minn tliet aħwa. Ġiet mill-Awstralja seba' snin ilu u bħalissa għadha kif temmet l-aħħar sena tas-sekondarja fejn qiegħda tistenna r-riżultati ta' l-O Levels. Donna ser tfittex xogħol ta' segretarja jew *receptionist* u bħala *hobbies* għandha t-tisjir, il-ħjata, l-qari u l-mużika.

Bdiet it-tagħlim tagħha fl-1992 fejn wara waqfa kompliet fl-1994. Donna ġiet imħajra titgħallem il-mużika mingħad il-familjari fejn għadd ġmielhom huma bandisti mal-banda tagħna. Tgħallmet għand Mro A. Camilleri, Raymond Camilleri u qiegħda tkompli tavvanza fl-istudji tagħha għand Mro D. Agius.

**Jessica Zammit** - *Clarinett*



Twieldet fl-20 ta' Jannar 1983 ġewwa Sydney l-Awstralja, bint Manswet u Katie. Jessica hi ż-żgħira fost tliet aħwa. Ġiet mill-Awstralja fl-1990 u bħalissa qed tistenna r-riżultati biex titla' l-Form 4 fil-livell sekondarju ġewwa Maria Reġina l-Blata l-Bajda. Bħala passatemp Jessica għandha l-mużika, t-T.V. u tħobb toħroġ mal-ħbieb. 'Il quddiem tixtieq xogħol ta' segretarja.

Bdiet titgħallem il-mużika fl-1995 fejn bdiet għand Nardu Farrugia, Raymond Camilleri u aktar tard għand Mro David Agius. Jessica ġiet imħajra titgħallem il-mużika mill-familjari tagħha li huma kollha mużiċisti. Għall-futur tixtieq tkompli tavvanza fit-teorija tal-mużika.

## DELIZZJU MARBUT MAL-FESTA



*Mudell ta' knisja - xogħol tas-Sur Jesmond Psaila*



*Dehra tal-knisja minn ġewwa fejn jidher mudell ta' l-istatwa titulari ta' Santa Marija*

La Gatta
Women & Men's Wear

**Women & Men's Wear**
**Teenage Look**
Specialised in Exclusive gowns made to measure from abroad

Blue Grotto Avenue
Żurrieq ZRQ11
Tel: 611417 Fax: 611418

TOPS
'N'
TAILS

YOU DESERVE THE ELEGANCE OF A NEW RANGE OF CLOTHES ON YOUR SPECIAL OCCASIONS.





*To look smart and elegantly dressed, why not visit us for wide selections of Tails, Dinner Jackets, Spencer and Morning Suits.*

*Even Coloured Suits available at:*

*51, MARINA STREET,*
*PIETÀ*
*TEL: 235666*

*Prop. Mr. M. Cassar*
*No Connection With Any Other Shop*

# SETT TA' MARĊI ĠODDA LI L-BANDA RE ĠORĠ V SER IDDOQQ MATUL IL-FESTA 1997

## Marċi 1997- 1999

| Isem il-Marċ | Kompożitur | Irregalat minn |
|---|---|---|
| Innu Marċ 50 Sena Banda | Mro D. Agius | D. Agius |
| Ascoli Piceno '96 | Mro B. Bugeja | A. Zahra |
| Tifkiriet | Mro G. Martin | Familjari G. Martin |
| Ecstasy Reds | Mro R. Fenech | E. Galea |
| 50 Sena Banda 1947-1997 | Mro A. Camilleri | A. Camilleri |
| Celebrations | Mro D. Agius | D. Agius |
| Ta' Bellu | Mro A. Mizzi | F. Vella |
| Brajnuk | Mro R. Pisani | F. Camilleri |
| Maria Assunta | Mro L. Farrugia | L. Farrugia |
| Innu tal-Banda | Mro A. Camilleri | A. Camilleri |

**Dawn id-disa' marċi flimkien ma' l-Innu tal-Banda Re Ġorġ V, ġew irrekordjati fuq *cassette* għand Boffa Ltd. Dan il-*cassette* jinsab għall-bejgħ mill-Każin u mingħand Boffa Ltd Valletta/Paola.**

## Marċi Popolari Oħra

| | | |
|---|---|---|
| Lil Raħal Twelidi | Mro J. Farrugia | J. Farrugia |
| Daniela | Mro G.M. Barbara | G.M. Barbara |
| Lill-Fundatur G. Galea | Mro J. Farrugia | J. Farrugia |
| Ta' Silvio | Mro R. Pisani | I. Camilleri |
| Goliath | Arr. Herbert Pace | P. Farrugia |
| Aħna l-Kbar | Mro C. Cachia | J. Farrugia |
| Adriana | Mro E. Bugeja | M. Ghigo |
| Ta' Ġerrew | Mro A. Aquilina | V. Galea |
| Agrigento | Mro A. Coleiro | I. Camilleri |
| Superstars | Arr. Mro A. Camilleri | A. Camilleri |
| Whisky Galore | Mro A. Coleiro | A. Zahra/R. Camilleri |
| Ġejjin is-Sinjuri | Mro A. Coleiro | P. Mifsud/J. Farrugia<br>M. Vassallo/I. Farrugia |
| Ċelebrità | Mro A. Mizzi | C. Briffa |
| La Vincitrice | Mro A. Coleiro | V. Galea |

## SERVIZZI TAL-BANDA RE ĠORĠ V - 1997

| Data | Okkażjoni | Servizz | Lokal |
|---|---|---|---|
| 24 ta' Mejju | 50 Sena Banda | Kunċert Strumentali | Università ta' Malta |
| 8 ta' Ġunju | San Filep | Marċ u Programm | Żebbuġ |
| 10 ta' Ġunju | Recording | Marċi Brijużi | Paola |
| 6 ta' Lulju | San Pawl | Marċ | Rabat |
| 27 ta' Lulju | Tal-Karmnu | Marċ | Żurrieq |
| 30 ta' Lulju | Lejla Maltija | Programm ta' Marċi | Mqabba |
| 9 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ | Mqabba |
| 10 ta' Awissu | Santa Marija | Programm Strumentali | Mqabba |
| 13 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ | Mqabba |
| 15 ta' Awissu | Santa Marija | Marċ (filgħodu) | Mqabba |

# BARON CONFECTIONERY

*Żurrieq Branch*
*Caters for Parties, Weddings, Engagements, Baptisms, etc., and also Souvenirs for all occasions.*

**Dun Ġużepp Żammit Street, Żurrieq ŻRQ 04**
**Tel: 640819**

*Business Hours:*
*All mornings except Mondays: 7.00 a.m. - 12.00 p.m.*
*All evenings except Sundays: 4.00 p.m. - 7.00 p.m.*

# *MARTIN MONTREAL IRONMONGERY*

**Triq il-Bronja Żurrieq Tel: 682435**

***Issibu għall-Bejgħ: Żebgħa ta' kull kwalità, u ħafna oġġetti utili għall-bini***

**Kiri ta':**
Fekruna tat-trinek
Concrete mixers
Crane jiggers
Siġġijiet għall-parties

# Strawberry Blonde

## Unisex Hair Salon

**For latest Cuts, Tinting, Perms, etc.**

**32, Republic Square, Żurrieq**
**Tel: 683796**

# KURŻITÀ FL-IMQABBA

*kitba ta' Tony Terribile*

Illum il-KURŻITÀ se twassalna f'raħal żgħir iżda tipiku l-IMQABBA, raħal li għalkemm fih sar ċertu żvilupp għadu jżomm il-karatteristika ta' raħal Malti bit-toroq dojoq (xi wħud minnhom bla bankina) jwasslu għall-misraħ tal-knisja.

Hawn il-qalba tar-raħal.

Il-knisja parrokkjali, mibnija forma ta' salib latin, b'zuntier li jdur magħha, tiddomina l-inħawi kollha.

Fuq kull naħa jiġbdu l-attenzjoni ż-żewġ soċjetajiet mużikali tar-raħal li t-tnejn iqimu lill-Madonna bħala l-Padruna tagħhom.

Illum għalkemm l-inġenji huma aktar spissi milli kienu fl-imgħoddi, fir-raħal għadu jsaltan il-kwiet li dan jinkiser kull kwarta meta t-tokki ta' l-arloġġ tal-knisja jinstemgħu jħabbru l-ħin lin-nies ta' l-Imqabba.

Ġrajjiet l-Imqabba jmorru lura fl-istorja, għaliex dawn l-inħawi dejjem kienu mgħammra bin-nies tant li fl-1592 l-Isqof Gargallo għaqqad dan ir-raħal flimkien ma' Ħal Kirkop u Ħal Safi f'parroċċa waħda.

In-nies ta' l-Imqabba m'għoġbithomx din id-deċiżjoni u ħadmu u stinkaw sakemm fl-1598, kważi erba' mitt sena ilu, l-Imqabba saret parroċċa għaliha.

Matul dawn l-erba' sekli, flimkien mas-snin ta' qabilha, ma' dan ir-raħal intrabtet storja li din għandha bosta tifkiriet f'dan ir-raħal u għalhekk il-KURŻITÀ din il-ġimgħa għandha bosta x'tosserva.

Fid-dawra tagħna f'dan ir-raħal il-KURŻITÀ tiġbed l-attenzjoni għall-avviż li juri l-kelma KATAKOMBI. Hawn il-KURŻITÀ tistaqsi mela fl-Imqabba jeżisti xi Katakombi?

Iva, anzi tlieta. Dawn kienu nstabu fl-1860 minn Dr Anton Caruana u maż-żmien tniffdu u sa llum għadhom magħrufa bħala "Il-Katakombi tal-Mintna".

Għal dawn il-katakombi kien ħadem ukoll il-kaptan Strickland. Dawn il-katakombi jmorru lura għaż-żmien Paleokristjan u fihom firxa ta' madwar 140 metru. Kienu jservu bħala oqbra l-ewwel mill-pagani imbagħad mill-insara, tant hu hekk li meta Dr Caruana ħareġ rapport dwar dawn il-katakombi sejħilhom 'Ancient Pagan Tombs and Christian Cemetries'.

Isfel, f'dawn il-katakombi jiġbdu wkoll l-interess bosta ħwejjeġ bħal m'hi l-Agape: għamla ta' mejda li kienet tintuża f'dawk iż-żminijiet li flimkien ma' ħwejjeġ oħra f'dawn il-katakombi jkomplu juru li mill-imgħoddi mbiegħed l-Imqabba kienet mgħammra bin-nies.



Fl-istess inħawi ta' dawn il-katakombi l-KURŻITÀ tosserva dar b'sular wieħed u fuqha għamla ta' torri tond. X'kienet din id-dar?

Din kienet il-mitħna tar-raħal u għamlet żmien twil taqdi lin-nies tar-raħal. F'dak iż-żmien kienet armata b'kollox jiġifieri bir-raddiena, tant hu hekk li għadu jidher il-bieb li minnu kienu jaslu għal ħdejn ir-raddiena.

Ftit 'il fuq il-KURŻITÀ terġa' tiġbed l-attenzjoni għall-istatwa kbira ta' San Franġisk imqiegħda fuq kolonna għolja. Il-lewn ta' din l-istatwa hu kurjuż ħafna għaliex mhux lewn il-ġebel iżda lewn jagħti fil-kannella. X'fiha speċjali din l-istatwa biex tiġbed daqshekk l-attenzjoni tal-KURŻITÀ?

Din l-istatwa saret fl-1899 mill-Professur Giulio Moschetti. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn wieħed mill-ewwel jintebaħ li hi xogħol mill-isbaħ. L-istatwa hi tal-ġebel iżda meta saret ġiet miksija bid-deffun u l-pasta li taw lil din l-istatwa l-lewn li għandha llum.

Il-KURŻITÀ tibqa' tħuf madwar it-toroq u tieqaf quddiem bini qadim bil-ġebel tiegħu immermer, u fuq bieb wiesa' tidher kitba bil-Latin. X'inhu dan il-bini u x'tifsira għandha din il-kitba?

It-tifsira ta' dan il-bini tinsab f'dik il-kitba.

Fl-Imqabba dan il-bini huwa magħruf bħala l-Isptar il-qadim, kemm hu hekk, hekk jisimha t-triq.

Il-kitba tfakkar fil-jum ta' l-ewwel ta' Lulju tas-sena 1725 meta l-Fondazzjoni Cottoner (li din tant ħasbet għal saħħet il-poplu) ċediet din l-art lil Mariuzzo Zahra b'kera ta' 62 skud fis-sena għal żmien ta' 150 sena, iżda jekk l-isptar il-qadim qiegħed ifakkar żmien il-kavallieri ta' San Ġwann f'Malta isem ta' triq f'dan ir-raħal qiegħda tfakkar żmien l-aħħar gwerra dinjija.

Fil-gwerra l-Imqabba ġarrbet bosta ħsarat u dan iqanqal il-KURŻITÀ biex tistaqsi: Fejn kienu dawn il-ħsarat u x'rabta hemm ta' Triq it-Torri?

Triq it-Torri qiegħda tfakkar Torri sabiħ li kien jeżisti fl-Imqabba. Dan kien magħruf bħala Torri

# IL-PERSJANA

PIZZERIA

FULLY AIR-CONDITIONED

A tempting selection of Pizza and Pasta dishes to choose from. Worth mentioning are our Pasta al Salmone, Pizza Terracotta and undoubtedly our special Pizza Il-Persjana.




PIZZA AND PASTA AT ITS BEST

Take away is also available.

Canifor Hotel

Triq in-Nakkri, Qawra. Tel:582780.

Vincenti. Kien għoli erba' sulari u kien inbena mill-Prijur ta' l-Ordni Orfeo de Vincenzo fl-1726. L-għamla tiegħu kienet mill-isbaħ iżda fil-bidu ta' l-aħħar gwerra dinjija, fuq ordni ta' l-Awtoritajiet parti minnu nħattet billi dan kien qiegħed iservi ta' sinjal lill-għadu billi kien qiegħed iservi bħala sinjal li kienu qrib il-mitjar.

Wara l-gwerra dan it-Torri ma reġax ġie mibni iżda l-inħawi baqgħu magħrufa bħala "Ta' Vincenti"; kelma mħassra mill-isem tal-Prijur li bnieh Orfeo de Vincenzo. Il-gwerra iżda ħalliet aktar ħsara, ħsara kaġunata mill-bombi ta' l-għadu. Hawnhekk il-KURŻITÀ tistaqsi fejn saret din il-ħsara fl-Imqabba?

L-akbar daqqa ħaditha l-Knisja Parrokkjali.

Kien il-jum tas-7 ta' April tas-sena 1942. Malta kienet għaddejja minn kalvarju sħiħ ta' tbatija. Ftit ħin wara li daqq nofsinhar is-sirena nstemgħet tnewwaħ ma' l-Imqabba kollha.

In-nies ġriet lejn il-postijiet tal-kenn u ftit qabel is-siegħa l-ajruplani Ġermaniżi mlew is-sema kaħlanija ta' ġurnata sabiħa. Wieħed minnhom waddab il-munizzjoni qerrieda tiegħu fuq dan ir-raħal.

L-Imqabba theżżet.

Il-bombi ġew fuq is-saqaf tal-knisja u għamlu ħerba, iġġarrfet il-koppla, tfarrak il-kappellun tal-Kurċifiss, is-sagristija u l-kor.

Hawnhekk il-KURŻITÀ tħares lejn il-koppla u tara l-ġebel tagħha mhux daqshekk qadim u l-istess tosserva l-KURŻITÀ f'partijiet oħra tal-faċċata.

Dan il-ġebel ġdid għadu jfakkar dak iż-żmien ikrah ta' l-aħħar gwerra dinjija. Fuq din l-istess naħa l-KURŻITÀ tosserva ħaġa oħra, statwa kbira tal-ġebel li tirrappreżenta lil Marija Assunta. Tidher li mhix daqshekk qadima u hawnhekk il-KURŻITÀ tistaqsi meta saret din l-istatwa?



Il-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba dedikata lil Santa Marija

Bħala Parroċċa dedikata lil Marija Assunta qrib din il-knisja dejjem kienet teżisti statwa ta' Santa Marija f'dan il-post.

Iż-żmien kien mermer bosta partijiet minnha u l-attakk tal-gwerra kompliha, b'mod li kienet spiċċat, iżda n-nies ta' l-Imqabba dejjem baqgħu bix-xewqa li din l-istatwa jerġgħu jwaqqfuha u huma ħatfu l-okkażjoni meta fl-1950 il-Papa Piju XII kien ipproklama d-Domma ta' l-Assunta.

Il-festa tas-sena ta' wara, jiġifieri dik ta' l-1951 kienet waħda speċjali u bħala tifkira reġgħu waqqfu din l-istatwa.

L-għajnejn tal-KURŻITÀ jerġgħu josservaw ħaġa oħra kurjuża fil-misraħ ta' qrib din il-knisja.

Dan hu Salib tal-ġebel mgħolli fuq numru ta' targiet. Dan jiġbed l-attenzjoni tal-KURŻITÀ li tistaqsi, għalfejn dan is-Salib tal-ġebel?

Dan qiegħed ifakkar lil Dun Angelo Mallia, qassis mill-istess raħal li fl-1667 sar kappillan tar-raħal. Tħabat ħafna għall-bini tal-knisja parrokkjali. Miet fis-26 ta' Jannar tas-sena 1690 meta kien qiegħed jitkellem ma' xi ħaddiema f'dan il-post. Bħala tifkira waqqfu dan is-Salib tal-ġebel. Bħas-soltu f'post storiku bħal m'hi l-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba, l-għajnejn tal-KURŻITÀ jibdew jieqfu fuq bosta ħwejjeġ u l-ewwel ħaġa li tiġbed l-attenzjoni tal-KURŻITÀ hija s-sena 1960 mpittra bid-deheb fil-frież tal-koppla u tistaqsi x'inhi tfisser dik is-sena hemm fuq?

Din is-sena wkoll għandha rabta mal-gwerra li fiha kienet intilfet il-koppla oriġinali ta' din il-knisja. Sakemm inbniet din il-koppla ġdida u ġiet dekorata għaddew numru ta' snin sakemm fl-1960 il-proġett kien lest kollu.

Il-KURŻITÀ tkompli tgħarrex din il-knisja u tosserva ħaġa oħra oriġinali. L-orgni bil-gallerija ta' taħtu ma jinsabx fuq il-bieb maġġur iżda fil-kor - għaliex? u għaliex? tistaqsi l-KURŻITÀ madwar tal-bieb il-kbir hu kollu mpitter?

Fl-imgħoddi l-orgni kien ikun qrib ħafna l-altar maġġur. Għad baqa' bosta eżempji bħal San Ġwann u l-Ġiżwiti tal-Belt, Ħal Lija, il-Katidral u knejjes oħra fosthom din ta' l-Imqabba. In-nies t'hawn kienu intelliġenti għax ħallewha kif kienet u m'għamlux kif għamlu fi knejjes oħra. Għalhekk dawn il-galleriji juru l-qedem ta' l-istil ta' din il-knisja, il-ħasra hi li l-gwerra kienet ġarrfet il-galleriji oriġinali.

Dwar il-pittura ta' madwar il-bieb maġġur, din saret biex dak il-vojt jimtela b'pittura ta' Filippo Venuti li fiha naraw it-Tħabbira tal-Miġja tal-Messija. Il-kwadri tal-knisja jiġbdu l-attenzjoni tal-KURŻITÀ fosthom dak tal-Viżitazzjoni tal-

# PET CARE

*Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba, sustanzi eċċ.*
*Għall-pets mediċini għall-annimali kollha.*
*Ġwies u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,*
*ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,*
*qasab, snanar u swivels u*
*kaxxa tal-plastic tas-sajd, eċċ.*
*Lanza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful, eċċ.*

Qrendi Road, Żurrieq — Tel: 649727

# INDURATURI!!

**Għall-materjal ta' l-induratura irrikorru għand:-**

THEUMA_CO. LTD.

E. THEUMA & Co. Ltd
THEUMA HOUSE, 302, St Paul Street, Valletta
Tel: 234075/236605 Telefax: 244201

TAKE OFF

BAR & RESTAURANT
St. Thomas Rd., Luqa Tel: 800243
Inservu kull kwalita ta' ikel bi prezzijiet moderati.

Nispecjalizzaw fil-Pasta, Steaks, Chichen, u anke laħam taż-żiemel

Madonna, kwadru li ma tantx hu komuni fil-gżejjer tagħna iżda dan ukoll għandu tifsira warajh u qiegħed ifakkar knisja qadima li kienet teżisti f'dawn l-inħawi sa mis-seklu sittax u li mbagħad kienet inħattet biex inbniet il-knisja parrokkjali tal-lum, tant hu hekk li fis-sagristija għadu jeżisti kwadru qadim ieħor tal-Viżitazzjoni li jista' jkun li kien f'din il-knisja qadima tal-Viżitazzjoni.

Mill-għeluq tal-knisja l-KURŻITÀ toħroġ fil-beraħ tat-toroq u għajnejha jieqfu issa u jaqraw bosta ismijiet ta' toroq. Hawnhekk tosserva li bosta ismijiet ifakkru s-sengħa ta' l-imgħallmin tal-ġebel għax fl-imgħoddi dan ir-raħal kien magħruf ma' kulħadd għan-numru kbir ta' imgħallma tal-ġebel li kien iħaddan fih. Magħrufa wkoll kienu l-barrieri tal-ġebel. Għalhekk f'dan ir-raħal insibu Triq il-Kileb.

Kileb hija dik il-ġebla fil-ħajt imqiegħda biex issaħħaħ il-ħajt.

Triq il-Murselli qiegħda tfakkar dawk il-kantuni f'bini ġdid u li jkunu maħruġa 'l barra.

Triq il-Pal tfakkar biċċa għodda tal-bennejja tqila u ħoxna b'ras ċatta bħal ta' musmar, li biha jħabbtu fuq ċangun minqux li ġie mqiegħed f'postu.

Tifsira oħra fiha Triq l-Imterqa. Dan hu martell tan-naġġara użat għat-tkissir tal-ġebel.

Triq is-Saljaturi qiegħda tfakkar dik l-għamla ta' xkaffa żgħira u dekorata li fuqha tistrieħ il-gallerija.

Triq iċ-Ċavi tfakkar dawk il-bċejjeċ żgħar tal-ġebel, għamla ta' minċotti li jorbtu l-ġebel waħda ma' l-oħra.

Fl-Imqabba nsibu wkoll Triq it-Troll, li hu saqaf imwaqqaf bħal koppla, jiġifieri tisfiqa b'ġebel minġur.

Triq ix-Xriek qiegħda tfakkar dik l-għamla ta' ġebla ċatta, ftit irqiqa u tawwalija li permezz ta' bosta minnhom kien jingħalaq is-saqaf fl-imgħoddi, iżda fost dawn l-ismijiet li jfakkruna fl-għodda u fis-sengħa tal-ġebel, niltaqgħu ma' Triq San Bażilju twassalna għal post ieħor storiku.

Wara ċint għoli, magħluq bil-ħadid, naraw wesgħa kbira. Hawnhekk naraw żewġ knejjes u fuq il-lemin jidher monument tal-ġebel b'żewġ erwieħ u fin-nofs statwa tal-Madonna li tidher mhix daqshekk qadima. Taħt skulturata fil-ġebel tidher ras ta' mewt bil-berettin fuq rasha. Minquxa fuqha tidher is-sena 1776.

Il-KURŻITÀ, skantata, tistaqsi x'tifsira fihom dawn il-ħwejjeġ?

Dan hu ċimiterju ta' l-imgħoddi. Hawnhekk għandna eżempju ta' zuntier ta' knisja li kien iservi ta' ċimiterju u l-aqwa xhud hu dak il-monument tal-ġebel. Iż-żewġ knejjes huma ta' San Bażilju u ta' San Mikiel iżda l-eqdem fosthom hi dik ta' San Bażilju.

Il-qedem ta' din il-knisja wieħed jista' jarah l-ewwelnett mill-istil tal-bieb u t-tieninett mit-tieqa għamla ta' warda li tinsab fuq il-bieb.

Ġewwa l-KURŻITÀ jolqtuha aktar kurżitajiet bħal m'huma l-arkati li fuqhom hu mistrieħ is-saqaf ta' din il-knisja. Dawn m'humiex tondi iżda jispiċċaw bil-ponta. Din hi knisja ta' stil medjevali, jiġifieri waħda mill-eqdem knejjes li nsibu fil-gżejjer tagħna.

Hawnhekk il-KURŻITÀ tkompli tosserva aktar ħwejjeġ bħal m'hi s-sena minquxa fuq il-kwadru li hi xhieda oħra tal-qedem ta' dan il-post, għaliex din turi s-sena 1515.

Oriġinali wkoll xi bażijiet ta' l-arkati li jagħlqu s-saqaf li fihom tidher l-iskultura u l-istess altar fil-ġenb tal-knisja li l-istil tiegħu hu tabilħaqq uniku, għaliex fih naraw l-isbaħ tifkira kif kienu l-altari laterali fil-knejjes ta' l-imgħoddi.

Għal darb'oħra ergajna rajna eżempju ta' raħal qadim, mimli tifkiriet ta' l-imgħoddi li l-KURŻITÀ ġibdet l-attenzjoni għal bosta minnhom.

Huma ħwejjeġ li n-nies ta' dan ir-raħal jgħixu magħhom u qribhom u għalhekk qed jiffurmaw parti mill-wirt kulturali ta' l-Imqabba.


## FIL-JIEM TAL-FESTA
## NERSQU AKTAR LEJN IL-KNISJA BIEX:

- Nieħdu sehem attiv fil-funzjonijiet Liturġiċi kollha mifruxa fuq tliet ġimgħat.
- Napprezzaw il-ġawhra ta' tempju li jkollna armat kif jixraq matul il-Festa.

# Mobilia Penza Ltd.

**The Specialists in Antique Furniture.**

*Manufacturers & Exporters of Antique & Reproduction Furniture.*





**Factory & Showroom:**
204A, Industrial Estate, Luqa, Malta.
**Telephone: 222094**



# BELLIZZI TRAVEL & INSURANCE

**"El Paradiso", Triq Matteolo Saliba, Zurrieq. ZRQ 02**
**Tel 642519 Tel/Fax 689791**

Jekk għandek bżonn taqta' Biljett ta' l-ajru jew tal-Katamaran, tibbukkja Tour/Ġita, Lodging barra minn Malta, Coach Tour minn Londra bi Prezzijiet irħas, jew xi ħaġa oħra li għandha x'taqsam mas-Safar

*Agħmel bħal ħaddieħor ........................... Ejja għandna......................*
*Tinqeda xorta............................................ u Malajr...............................*

Jekk għandek bżonn tagħmel Transfer jew Insurance għall-karozza, dar, ħanut, kaċċa, safar, life jew Personal Accident

*Agħmel bħal ħaddieħor ........................... Ejja għandna......................*
*Tinqeda xorta............................................ u Malajr...............................*

# MQABBIN LI GHAMLU ISEM...BIEX MA JINTESEWX

*kitba ta' Ms Carmen Lia B.Ed.(Hons.), B.A.*

*Naħseb li ftit huma l-Imqabbin li qatt ma ġie f'idejhom il-perjodiku MALTA MISSJUNARJA. Iżda ftit huma dawk li jafu li l-ewwel Editur tiegħu kien saċerdot mill-Imqabba. Dan ma kienx ħlief Dun Nikola Zammit.*



## Min kien Dun Nikola Zammit?

Dun Nikola Zammit (ta' *Tittu*) twieled l-Imqabba fl-24 ta' Lulju 1888 bin Mikiel (Imqabbi) u Carmela née Aquilina (minn Ħaż-Żebbuġ). Fil-magħmudija, ngħata l-ismijiet ta' *Nicola, Innocenzo, Giovanni* u *Gioacchino*, iżda kellu jkun magħruf bħala Nikola.[1] Kellu r-residenza tiegħu f'numru 50, Triq San Basilju, l-Imqabba.[2] Laħaq qassis fl-20 ta' Settembru 1913.[3] Mill-bidu tas-seklu għoxrin sa l-1922 fl-Imqabba laħqu b'kollox 7 qassisin u għalhekk ir-raħal kien qisu "Seminarju". Peress li kien hemm ħafna qassisin, Dun Nikola beża' li mhux ser ikunu kapaċi jgħixu kollha minn raħal hekk żgħir u għalhekk telaq post ieħor, aktarx f'numru 6, Triq Adelaide Cini, il-Ħamrun.[4] Wara, aktarx mar joqgħod il-Belt Valletta. B'hekk bħala qassis ftit serva l-Imqabba. Jibqa' magħruf l-iżjed għaliex kien kittieb prolifiku u kien ukoll l-ewwel Editur ta' *Malta Missjunarja*.

## Ir-rivista *MALTA MISSJUNARJA*

Kien l-1932 meta grupp ta' studenti tal-Kors tat-Teoloġija fis-Seminarju tal-Furjana, mħeġġin bl-idea missjunarja u mixteqin li jagħtu f'idejn il-poplu Malti qari regolari dwar il-Missjoni, qatgħuha li jibdew joħorġu kull xahar, rivista li qatt ma kienet dehret bħalha f'Malta u li ngħatat l-isem ta' MALTA MISSJUNARJA.

Fost dawk is-Seminaristi kien hemm Mons. Antonio Cilia u Dun Ġwann Sciberras. Ġara, iżda, li billi dawn kienu seminaristi, ħadd minnhom ma seta' jagħmilha ta' editur. Għalhekk huma talbu lil Dun Nikola li jindaħal hu. Dun Nikola, li kien ukoll għalliem, aktarx tal-Matematika, fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi, kellu esperjenza kbira fil-qasam tal-kitba bil-Malti u dan aċċetta b'entużjażmu. Min-naħa tiegħu, d-Direttur Nazzjonali ta' l-Opri Missjunarji Pontifiċji li dak iż-żmien kien Mons. Alfonso Agius, aċċetta l-idea u l-ħatra ta' Dun Nikola.

Kien għalhekk li bil-kuraġġ u bl-għajnuna ta' Dun Nikola bdiet toħroġ il-MALTA MISSJUNARJA. L-ewwel ħarġa kienet fl-1932. B'interess u b'ħila kbira, Dun Nikola kien iħejji kull ħarġa tagħha, miġbur fil-kamra ta' fuq nett, fid-Dar ta' l-Assistenza, ħdejn San Ġakbu tal-Belt. Kien jilqa' u jagħrbel l-artikli li kienu jinkitbu mis-seminaristi biex il-perjodiku joħroġ dejjem iktar sabiħ u attraenti.



Dun Nikola baqa' jieħu ħsieb ir-rivista sakemm uħud minn dawk is-seminaristi laħqu saċerdoti. Fil-fatt Dun Ġwann Sciberras, xi snin wara, laħaq editur warajh.[5]

## Kittieb Prolifiku

Dun Nikola kiteb ħafna kotba bil-Malti. Fost il-kotba tiegħu fuq il-perfezzjoni nisranija u fuq il-ħajja tal-Qaddisin insibu dawn[6]:-

- Il-Ħajja ta' Santa Ġemma Galgani
- Il-Ħajja ta' Suor Beninja Consolata Ferrero
- Il-Vademecum ta' Suor Beninja Consolata Ferrero
- Il-Ħajja ta' Santa Margherita ta' Cortona
- It-Triek tal-Perfezzjoni Nisranija (L-Euuel Taksima)
- It-Triek tal-Perfezzjoni Nisranija (It-Tieni Taksima)

Dun Nikola miet nhar il-11 ta' Awissu 1969[7] fid-Dar tal-Kleru fi Fleur de Lys, fejn kien rikoverat matul l-aħħar snin ta' ħajtu. Huwa kellu 81 sena. Jibqa' magħruf bħala wieħed mill-pijunieri ta' MALTA MISSJUNARJA.




*Paġni minn uħud mill-kotba ta' Dun Nikola Zammit (Ħajr: Rev. Carmelo Ghigo)*

1. Reġistru Pubbliku, il-Belt. Att tat-twelid numru 3120/1888.
2. Muscat, G. General Guide to Malta and Gozo for the Year 1914, p. 378.
3. Zammit, Laurenz, Sac. Descrizioni Storica tal Cnisia Parrochiali tal Imkabba, 1929.
4. Muscat, G. Guida Generale di Malta e Gozo 1922-23.
5. Ħajr lil Franġiska Borg residenti Ħaż-Żabbar għal ħafna mill-informazzjoni.
6. Ħajr lil Rev. Carmelo Ghigo għal ħafna mill-informazzjoni.
7. Reġistru Pubbliku, il-Belt. Att tal-mewt numru 1894/1969.

# Rust Kills Cars

Rust attacks your car the minute it rolls out of the factory. Car manufacturers know this too well and many brands come with factory rust protection, plating and basic treatment.

However, a recent survey carried out by the Swedish Corrosion Institute reveals the truth. 668 cars with only factory rust protection were inspected. Of 18 different models tested, many popular brands have severe rust problems on hidden surfaces after only a couple of years. The majority suffer visibile rust damage within three years.

In many ways rust proofing is tailor-made for deception - it can take three or four years to judge how effective the treatment of your choice has been - and by then it could be too late.

The facts speak for themselves - all cars need effective rust protection. This is the best insurance policy your money can buy.

**Rust is your car's No.1 enemy.**

Tuff-Kote Dinol by Dinitrol ®

**The world's No.1 corrosion treatment.**

MAGRI AUTOCARE LUQA

MAGRI AUTOCARE

Airport Road, Luqa LQA 05. Tel: 897917 / 809376

# *Intervista ma'* MIKIEL ZAMMIT.

## *Bandist li għalaq 50 sena jdoqq mal-Banda Re Ġorġ V*

*minn Christopher Spiteri*



**X'kien li ħajrek li titgħallem il-mużika?**

Dak iż-żmien kont inqatta' ħafna ħin ma' missieri ġewwa l-każin fejn fl-1945 ġiet iffurmata l-orkestra Santa Marija. Niftakar meta riedu jiġbdu ritratt ta' l-orkestra kellhom bżonn lil xi tifel biex iżomm l-emblema u fost ħafna tfal għażlu lili. Kien dak il-mument li nibtet ġo fija l-ħajra għall-mużika.

**X'età kellek meta bdejt tistudja u xi strument daqqejt?**

Ta' disa' snin kont bdejt nitgħallem u ta' tnax-il sena ħriġt indoqq il-kwartin. Aktar 'il quddiem, fil-fatt kif għadni sal-lum, bdejt indoqq il-baxx.

**Xi mumenti sbieħ li tiftakar tul il-50 sena?**

Mumenti sbieħ hemm ħafna, għax il-banda meta teħodha bis-serjetà tagħtik sodisfazzjon kbir, iżda mument partikolari li kelli flimkien mal-banda kien bla dubju l-mawra li għamilna fl-Italja s-sena l-oħra. Mument sabiħ personali kien fil-bidu tal-karriera tiegħi, meta l-Banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro G.M. Barbara. Dakinhar il-Banda kellha servizz ġewwa ż-Żurrieq għall-festa ta' Santa Katarina, u waqt programm li konna qed nesegwixxu kelli biċċa solo fuq il-kwartin. Hekk kif il-Banda kienet għaddejja b'din is-silta nqata' d-dawl, imma xorta waħda bqajna għaddejjin. Hawnhekk konna qlajna applaws kbir min-nies preżenti li kienu apprezzaw l-isforz kbir li konna għamilna.

**Xi mument ta' diżappunt jew swied ta' qalb?**

Mumenti ta' swied ta' qalb, sfortunatament, niftakar tnejn. Il-mewt ħesrem ta' Mro George Martin li kienet ħasdet lil kulħadd b'mod speċjali lilna l-bandisti meta tiftakar li dan is-surmast qatta 35 sena bħala surmast direttur. Din kienet okkażjoni ta' swied ta' qalb li żgur ma ninsa qatt. L-istess nista' ngħid għall-mewt, din id-darba aktar riċenti, ta' Nardu Farrugia. Mewt ta' kollega tiegħi tul dawn il-50 sena.



*Mikiel Zammit jirċievi tifkira u ċertifikat wara ż-żjara tal-Banda fl-Italja s-sena l-oħra.*

**Inti l-aktar bandist anzjan tal-Banda tagħna. X'parir tagħti lill-bandisti żgħażagħ biex jimxu fuq il-passi tiegħek?**

Il-banda hi l-pulmun tas-Soċjetà filwaqt li d-dixxiplina u s-serjetà fit-tagħlim tal-mużika huma l-qofol tal-banda. Il-parir li nista' nagħti jien huwa dan - taf kemm taf fil-mużika qatt m'hu biżżejjed. Qiegħed ngħid dan mill-esperjenza tiegħi. Fil-banda tiltaqa' ma' bosta sfidi li trid tegħlibhom billi tieħu kollox b'serjetà u b'onestà. Għalhekk nappella lill-bandisti żgħażagħ għal aktar studju serju, biex fil-banda jkollna mhux biss numru imma bandisti ta' kwalità.

# AUTO TECH

## Auto Electrical Service

JOHN CUTAJAR

Valletta Road, Mqabba.
Tel: 640466 Mobile: 099 8465



# Noel's

## Confectionery

*Accepts orders for weddings, baptisms, parties, etc.*

VJAL L-INDIPENDENZA, ŻURRIEQ TEL: **680458**

Aħsbu kmieni għal kull ordni sabiex ma toħorġux diżappuntati

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 683129

Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd
jfakkru li huma jagħmlu

**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**

## *Ktieb ġdid storiku ppubblikat mis-Soċjetà*

# "ĠRAJJIET IS-SOĊJETÀ SANTA MARIJA U L-BANDA RE ĠORĠ V FL-ISTORJA TA' L-IMQABBA"




Raħal żgħir bi storja kbira. Dan il-ktieb ġie ppubblikat mis-Soċjetà Santa Marija f'għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V. Ktieb b'materjal utli għall-istorja sew tas-Socjetà Santa Marija kif ukoll ta' l-Imqabba. Ġrajjiet is-Soċjetà huma minsuġa b'mod oriġinali fi sfond tal-ħajja soċjali, politika u reliġjuża ta' l-Imqabba.

Insibu wkoll li l-ktieb jitratta xi snin li fuqhom ma nsibux dokumenti miktubin daqskemm nixtiequ u dan narawh l-iktar fl-analiżi ta' l-ewwel każini soċjali fl-Imqabba, jiġifieri Vittoria, San Giuseppe u Santa Maria. Il-materjal hu ppreżentat b'mod sabiħ u mexxej li żgur jogħġob lill-qarrejja. Kotra ta' noti jispjegaw aħjar dan ir-rakkont.

L-użu ta' dokumenti oriġinali ma naqasx, waqt li fin-nuqqas ta' dokumenti miktuba fi żmien meta ftit kienu l-Imqabbin li kienu jafu jiktbu, sar użu, b'reqqa kbira, minn intervisti u tagħrif ieħor ma' bosta nies imdaħħlin fil-ġrajjiet tar-raħal. Għalhekk f'dan il-ktieb naqraw materjal ġdid li s'issa għadu ma deher stampat imkien.

**DWAR L-AWTRIĊI...**

Carmen Lia twieldet il-Pietà fl-1960. Studjat l-Università ta' Malta fejn gradwat fil-Baċċellerat ta' l-Edukazzjoni fl-1982 u f'ta' l-Arti fl-1988. Preżentement qiegħda tkompli l-istudji tagħha ma' l-Università ta' Londra. Bħala għalliema tat is-servizzi tagħha f'diversi skejjel sekondarji, l-aktar fil-Junior Lyceum ta' l-Imrieħel.



*L-awtriċi Carmen Lia (xellug) waqt il-preżentazzjoni uffiċjali tal-ktieb nhar l-24 ta' Mejju 1997*

Tinteressa ruħha fl-istorja ta' Malta, l-aktar ta' l-Imqabba fejn trabbiet. Kitbet diversi artikli storiċi kif ukoll akkademiċi.

Attiva fil-Bord Editorjali tal-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba. Hija membru ta' Din l-Art Ħelwa kif ukoll tal-Malta Historical Society. Bħala delizzju, għandha l-kollezzjoni ta' kartolini u ritratti antiki u wkoll pupi minn diversi pajjiżi. Hija miżżewġa lil Dr Joseph Lia, Nutar u għandhom żewġt itfal, Mary Grace u Charles. Il-familja Lia toqgħod Ħaż-Żabbar.

**X'KITBU L-KRITIĊI LETTERARJI...**

Ktieb li jitratta b'mod ħaj suġġett tassew tipiku tal-ħajja Maltija...ħafna xogħol ta' riċerka li talbet paċenzja u reqqa kbira...ktieb li żgur se jżejjen l-isbaħ libreriji...informazzjoni ġdida li s'issa ħafna żgur ma kenux jafuha...stampa tajba u oriġinali tal-ħajja soċjali fl-Imqabba fuq 100 sena ilu...bosta mir-ritratti qodma f'dan il-ktieb għadhom f'kundizzjoni tajba, mhux bħal ħafna stampi li naraw f'pubblikazzjonijiet kbar u żgħar ta' din ix-xorta...Jiżbalja bl-ikraħ min jaħseb li ktieb bħal dan fih biss appell limitat għax imiss interessi lokali, tan-nies ta' l-Imqabba.

Patri J.M. Ghigo, S.J.
LEHEN IS-SEWWA - Is-Sibt 28 ta' Ġunju 1997

# How to protect your No Claims Discount with Middle Sea Insurance.

If you're a comprehensive motor policy holder and over 25 years of age, Middle Sea Insurance have some good news for you.

For a small extra charge, you can choose not to be penalised when you make your first claim during the insured period of your new motor policy.

So your valuable No Claims Discount remains nicely intact.

Freephone Middle Sea now on 0800 772277 or call any of our authorised intermediaries and ask for a quote.

*Freephone*

*0800 772277*

**MiddleSea***motor*

Il-ktieb jolqtok ma' l-ewwel daqqa t'għajn. Il-kopertina, bil-knisja parrokkjali u b'waħda mill-barrieri li għalihom l-Imqabba hi magħrufa...Bis-saħħa ta' dan il-ktieb ta' Carmen Lia, sirna nafu ftit aħjar il-ħajja u l-folklor ta' raħal Malti...ktieb bħal dan jista' jkun il-mudell ta' oħrajn li jiktbu xi ktieb ieħor ta' kronaka jew storja.

Alexander Bonnici OFM Conv.
IL-MUMENT - Il-Ħadd 6 ta' Lulju 1997

# *Il-Ktieb f'idejn l-ogħla Awtoritajiet...*







# PROGRAMM FESTI ESTERNI

**L-Erbgħa, 30 ta' Lulju 1997 - BIDU TAL-KWINDIĊINA**

**07.30 p.m.** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà SanTa Marija u Banda Re Ġorġ V. Il-festa ta' din is-sena tiftaħ permezz ta' Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Tieħu sehem il-Banda Re Ġorġ V flimkien ma' l-aqwa talent Malti. *Sponsors* tal-Lejla Maltija: BIG BUN CONFECTIONERY.

**Matul il-ġranet tal-Kwindiċina**

**08.00 p.m.** Mixgħela tal-faċċata tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**Il-Ħamis, 7 ta' Awissu - JUM TA' RADD IL-ĦAJR**

**06.30 p.m.** Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba organizzata mill-Għaqda Piroteknika Santa Marija, Mqabba. Mistiedna l-membri u l-*helpers* kollha. Iqaddes id-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Patri J.M. Ghigo S.J.

**08.30 p.m.** Riċeviment fis-swali tal-Każin tas-Soċjetà li għalih huma mistiedna l-membri kollha ta' l-Għaqda tan-Nar flimkien mal-*helpers* kollha.

**Il-Ġimgħa, 8 ta' Awissu - JUM TA' RINGRAZZJAMENT**

**06.30 p.m.** Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tieħu sehem attiv waqt il-quddiesa tal-Kwindiċina. Mistiedna ż-żgħażagħ kollha tar-raħal. Iqaddes il-W.R. Dun Joe Bartolo, Kappillan tal-Parroċċa.

**08.30 p.m.** Riċeviment annwali fis-swali tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li għalih huma mistiedna s-**Soċi, Benefatturi u Partitarji Nisa u Rġiel kollha.**

**Is-Sibt, 9 ta' Awissu - JUM IL-ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**

**09.00 a.m.** Jasal Malta mill-Italja l-kontinġent ta' Santa Vittoria in Matenano mmexxi mill-President tal-Provinċja ta' Ascoli Piceno, Dott. Pietro Colonnella u mis-Sindku ta' Santa Vittoria, Mro Francesco Mancini.

**07.00 p.m.** Tingħata merħba mill-Banda Re Ġorġ V, akkumpanjata mis-soċi u partitarji, lill-Banda ta' Santa Vittoria in Matenano ġewwa l-Imqabba f'tarf Triq Karmenu Ciantar. Immedjatament wara jibda marċ alternat mill-Baned ta' Santa Vittoria u Re Ġorġ V tul Triq Karmenu Ciantar sal-Knisja mmexxija mis-Surmastrijiet Diretturi rispettivi, Mro Francesco Mancini u Mro David Agius A.Mus.V.C.M.

**07.30 p.m.** Toħroġ l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Baned Re Ġorġ V u Santa Vittoria in Matenano bid-daqq ta' l-Innijiet. Wara, ż-żewġ baned ikomplu l-marċ alternat sal-Każin fejn jingħaqdu f'*Massed Band* sabiex idoqqu l-innu marċ Marija Assunta.

**09.15 p.m.** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus.V.C.M. tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'sett ta' marċi ġodda.

**Il-Ħadd, 10 ta' Awissu - JUM IL-50 SENA TAL-BANDA**

**10.00 a.m.** Il-Banda Taljana mistiedna *Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano*, taħt id-direzzjoni ta' Mro Francesco Mancini, tagħmel marċ minn quddiem il-Każin li jispiċċa quddiem il-Bini Muniċipali tal-Kunsill. Wara, l-kontinġent Taljan ikun il-mistieden tal-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba.

**08.00 p.m.** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro David Agius A.Mus.V.C.M., tagħti bidu għall-Programm Strumentali u Annwali għall-okkażjoni tal-festa, din is-sena aktar speċjali fl-Okkażjoni ta' Għeluq il-50 Sena minn meta l-Orkestra Santa Marija nbidlet fil-Banda Re Ġorġ V. Wara l-programm issir iċ-ċerimonja fil-Każin li matulha jiġu inawgurati żewġ lapidi kommemorattivi, waħda li tfakkar għeluq il-50 sena tal-Banda li se tinkixef mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra u oħra li tfakkar is-Surmastrijiet tal-Banda Re Ġorġ V li se tinkixef mill-ewwel surmast tal-Banda Re Ġorġ V Mro Joseph M. Barbara A.Mus.L.C.M. Il-lapidi jiġu mbierka mill-Vigarju Ġenerali Mons. Annetto DePasquale. Wara ċ-ċerimonja jsir riċeviment ġewwa l-Każin għall-mistednin distinti u bandisti tal-post.

**It-Tnejn, 11 ta' Awissu - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

**08.15 p.m.** Il-Banda mistiedna *Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano* mmexxija minn Mro Francesco Mancini, tibda marċ trijonfali minn Triq Santa Katerina.

**09.00 p.m.** Wara l-wasla ta' l-Ambaxxatur Taljan l-E.T. Dott. Mario Colombo u l-mistednin l-oħra, il-Banda Taljana *Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano* taħt id-direzzjoni ta' Mro Francesco Mancini, tibda Kunċert Strumentali fuq il-Planċier ġewwa l-Pjazza ta' quddiem il-Każin. Is-serata tintemm b'riċeviment f'ġieħ il-mistednin distinti Maltin u Taljani.

# F'ĠIEĦ SANTA MARIJA - 1997

**It-Tlieta, 12 ta' Awissu - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

**08.15 p.m.** Il-Banda San Bartilmew ta' Ħal Għargħur taħt id-direzzjoni ta' Mro Ray Zammit A.Mus.L.C.M., tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin. Il-marċ se jkun organizzat u sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.

**L-Erbgħa, 13 ta' Awissu - IT-TIELET U L-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU**

**10.00 a.m.** Marċ tul Triq ir-Repubblika ġewwa l-Belt Valletta mill-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano.* Wara l-marċ, il-kontinġent Taljan akkumpanjat mill-Kumitat tas-Soċjetà, s-Sindku ta' l-Imqabba u s-Sindku tal-Belt Valletta, jagħmlu żjara ta' kortesija lill-E.T. President ta' Malta Dr Ugo Mifsud Bonnici ġewwa l-Palazz tal-President, il-Belt Valletta.

**08.30 p.m.** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, tibda minn quddiem il-Każin, il-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar Tridu, marċ li l-Banda ilha tagħmel sa mit-twaqqif tagħha. Bħas-soltu jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċi u partitarji organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ.

**Il-Ħamis, 14 ta' Awissu - LEJLET IL-FESTA**

**08.00 p.m.** Programm Strumentali mill-Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat, Malta, taħt id-direzzjoni ta' Prof. Joseph Vella B.Mus.F.L.C.M. Wara, l-Banda tagħmel marċ minn ħdejn il-Każin għal madwar it-toroq tar-raħal.

**08.30 p.m.** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq immexxija minn Mro Alfred Farrugia L.Mus.L.C.M. tibda marċ minn Triq il-Pal għall-Pjazza fejn tiltaqa' mal-Banda Konti Ruġġieru. Wara, ż-żewġ baned ikomplu marċ alternat sal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**10.00 p.m.** Programm Strumentali mill-Banda Queen Victoria taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħha, Mro Alfred Farrugia L.Mus.L.C.M.

**Il-Ġimgħa, 15 ta' Awissu - JUM IL-FESTA**

**10.15 a.m.** Il-Banda Re Ġorġ V immexxija minn Mro David Agius A.Mus.V.C.M. tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal li mbagħad jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

**06.00 p.m.** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro Alfred Farrugia L.Mus.V.C.M., tibda marċ minn Triq Valletta sal-Pjazza.

**07.15 p.m.** Il-Banda Taljana *Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano*, mmexxija mis-Surmast tagħha Mro Francesco Mancini, tilqa' l-istatwa ta' Santa Marija fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo. Wara l-ħruġ tal-vara, l-istess banda takkumpanja l-Purċissjoni bid-daqq ta' innijiet reliġjużi.

**08.35 p.m.** Malli l-istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria, taħt id-direzzjoni ta' Mro Alfred Farrugia L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir **Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema**, kompożizzjoni ta' Chev. Mro George Martin A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo S.J. Jieħdu sehem il-Baritonu Alfred Camilleri, it-Tenur Andrew Sapiano, kif ukoll il-Kor San Sebastjan ta' Ħal Qormi. Wara l-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.15 p.m.** Il-*Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano*, akkumpanjata mill-bandisti tal-post tal-Banda Re Ġorġ V, jagħlqu l-festa ta' din is-sena permezz ta' marċ li jibda minn Triq il-Parroċċa sa ħdejn il-Każin.

**Is-Sibt, 16 ta' Awissu - L-GĦADA TAL-FESTA**

**04.30 a.m.** Il-kontinġent Taljan ta' Santa Vittoria in Matenano jħalli Malta sabiex jirritorna lura lejn l-Italja.

**Il-Ġimgħa, 22 ta' Awissu - L-OTTAVA TAL-FESTA**

**07.30 p.m.** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**08.00 p.m.** Il-Festa ta' Santa Marija għas-sena 1997 tagħlaq permezz ta' Lejla Maltija oħra ġewwa l-pjazza ta' quddiem il-Każin.

**Big BUN** *Caterers*

*Shop:*
Sir Ugo Mifsud Street,
Luqa
Tel: 808493
Mobile: 097 3682

*Dolceria:*
Triq id-Dukkar,
Żabbar
Tel: 803547



**Big BUN** *Caterers*

*Caterers for all occasions*

*Shop:*
Sir Ugo Mifsud Str.,
Luqa
Tel: 808493, 640008
Mobile: 097 3682

*Dolceria:*
Triq id-Dukkar,
Zabbar
Tel: 803547



# Katina Marjana

*Kitba ta' Antoine Farrugia*

Fil-gżejjer Maltin insibu devozzjoni qawwija lejn Sidtna Marija. Insibu matul iż-żminijiet lil **Santa Marija** bħala l-patruna speċjali tagħna l-Maltin. Bosta parroċċi għandhom lill-Verġni mbierka bħala titular tagħhom, min taħt titlu u min taħt ieħor. Barra dawn il-parroċċi, nsibu numru kbir ta' kappelli mxerrdin ma' Malta kollha. Minn hawn naraw kemm missirijietna għarfu jħaddnu dan il-kult Marjan biex ħolqu din il-Katina Marjana.

Nibdew mill-gżira Għawdxija, fejn ġewwa l-Għarb insibu l-Viżitazzjoni ta' Marija lil Eliżabetta. Fl-istess parroċċa hemm is-santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Minn hawn noħorġu lejn il-belt Victoria, fejn f'nofs it-triq insibu salib Marjan. Warajna għandna lis-santwarju Ta' Pinu u fuq il-lemin għandna l-knisja tal-Madonna tas-Sukkors Perpetwu li nsibuha f'Kerċem. Fuq ix-xellug wieħed isib ir-raħal taż-Żebbuġ fejn il-ħsieb idur mill-ewwel lejn **Santa Marija** u quddiemna naraw il-katidral t'Għawdex li huwa taħt il-ħarsien ta' **Santa Marija**. Jekk minn Kerċem ninżlu x-Xlendi nsibu l-kappella tal-Madonna tal-Karmnu, waqt li jekk ninżlu mir-Rabat għal Marsalforn insibu x-xbieħa tal-Madonna tal-Grazzja. Aħna u sejrin lejn l-Imġarr, insibu r-raħal tax-Xagħra u r-raħal ta' Għajnsielem fejn wieħed hu dedikat lil Marija Bambina filwaqt li l-ieħor hu dedikat lill-Madonna ta' Loretu. F'nofs il-fliegu bejn Malta u Għawdex ma rridux ninsew lill-kappella dedikata lil **Santa Marija** ta' Kemmuna.



*L-Istatwa Titulari ta' Santa Marija meqjuma fil-Parroċċa tagħna waqt il-purċissjoni nhar il-festa. L-Istatwa saret minn Xandru Farrugia fl-1836.*

Kif nirfsu Malta min-naħa ta' fuq insibu xejn inqas minn seba' parroċċi konġunti ma' xulxin, kollha dedikati lill-Madonna. Dawn huma:- l-Mellieħa fejn hemm Marija Bambina filwaqt li f'San Pawl il-Baħar insibu lid-Duluri. F'Burmarrad insibu lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija filwaqt li l-Mosta u H'Attard insibu lil **Santa Marija**. In-Naxxar insibu lil Marija Bambina filwaqt li Ħal Balzan insibu l-ħarsien ta' Marija Annunzjata. Jekk minn H'Attard nitilgħu r-Rabat insibu lill-Madonna ta' l-Għar filwaqt li jekk nibqgħu telgħin Had-Dingli nsibu lil **Santa Marija** li hija l-patruna ta' dan ir-raħal fil-kampanja. L-Imġarr ukoll għandu l-ħarsien ta' **Santa Marija**. Fi Fleur de Lys insibu lill-Madonna tal-Karmnu. F'Ħal Qormi nsibu s-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas u l-Ħamrun insibu lill-Kunċizzjoni u l-kappella tas-Samra.

Ftit 'il bogħod insibu lill-parroċċa ta' Marija Reġina fil-Marsa u l-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Ġdid. Jekk nibdu lejn il-Fgura nsibu lil tal-Karmnu, u f'Ħaż-Żabbar insibu s-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. F'Bormla hemm il-Kunċizzjoni u fil-qrib hemm l-Isla fejn hi dedikata lil Marija Bambina. Jekk minn Raħal Ġdid din id-darba mmorru Ħal Tarxien insibu lil Marija Annunzjata. F'Ħal Għaxaq u l-Gudja nsibu bħala titular lil **Santa Marija**. Il-festi sekondarji fil-Gudja nsibu lil taċ-Ċintura u lil tar-Rużarju.

Jekk ninżlu Marsaxlokk insibu lill-Madonna ta' Pompei. Jekk mill-Gudja ngħaddu minn taħt il-mini ta' l-ajruport insibu lir-raħal ta' l-Imqabba bit-titular tkun għal darb'oħra **Santa Marija** filwaqt li s-sekondarja hija tal-Ġilju. Fil-Qrendi nsibu lil **Santa Marija** u l-Madonna ta' Lourdes. Fiż-Żurrieq insibu lill-Madonna tal-Karmnu.

Fix-xaqliba l-oħra ta' Malta nsibu parti kbira oħra minn din il-katina. Gwardamanġa nsibu lill-Madonna ta' Fatima u fil-Gżira nsibu lill-Madonna tal-Karmnu. F'San Ġwann hemm il-Madonna ta' Lourdes filwaqt li tas-Sliema hemm żewġ parroċċi:- Tas-Sacro Cuor u Stella Maris. Paceville hemm il-kappella tal-Madonna tal-Kunsill it-tajjeb filwaqt li l-Balluta hija mħarsa mill-Madonna tal-Karmnu.

Dawn huma ftit mill-knejjes u kappelli mxerrda ma' Malta u Għawdex fejn juru li aħna l-Maltin għandna Katina Marjana li ftit li xejn għandha tarf.

Enjoy
Coca-Cola
Trademarks Regd.

# PROGRAMM TAL-FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

## FIL-FESTA SOLENNI TA' SANTA MARIJA

### 30 ta' Lulju - 22 ta' Awissu 1997

**L-Erbgħa, 30 ta' Lulju - BIDU TAL-KWINDIĊINA**

**6.30 p.m.** Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, Innu u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħamis, 7 ta' Awissu**

**6.30 p.m.** Quddiesa għall-membri ta' l-Għaqda tan-Nar, minn Patri J.M. Ghigo S.J.

**IL-Ġimgħa, 8 ta' Awissu**

**6.30 p.m.** Il-Quddiesa tal-Kwindiċina llum tkun bil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ.

**Is-Sibt, 9 ta' Awissu**

**6.30 p.m.** Quddiesa kantata, tingħad it-talba tal-Kwindiċina u ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**7.30 p.m.** Isir il-ħruġ solenni ta' l-Istatwa ta' Santa Marija u jitkanta l-Innu *Ave Maris Stella* u l-Antifona.

**Il-Ħadd 10 ta' Awissu - JUM IT-TIFKIRA TAS-SOĊI U BENEFATTURI MEJTIN**

**6.00 p.m.** Quddiesa kantata mill-W.R. Dun Joe Bartolo, Kappillan tal-Parroċċa, b'sufraġju għall-Erwieħ tas-soċi u benefatturi mejtin. Tingħad it-talba tal-Kwindiċina u ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika (f'din iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika jitkanta *Te Deum* b'ringrazzjament 'l Alla fl-okkażjoni ta' għeluq il-50 sena tal-Banda Re Ġorġ V).

**It-Tnejn, 11 ta' Awissu - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

**6.30 p.m.** Quddiesa solenni mill-W.R. Mons. Karm Zammit bl-omelija "Marija mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem".

**7.15 p.m.** Tingħad it-talba tal-Kwindiċina, Innu, *Salve Reġina*, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**It-Tlieta, 12 ta' Awissu - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

**7.00 a.m.** Quddiesa kantata.

**6.30 p.m.** Quddiesa solenni mill-W.R. Arċipriet Dun Richard Borg bl-omelija "Marija, Sultana tas-Sema u ta' l-Art".

**7.15 p.m.** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**L-Erbgħa, 13 ta' Awissu - IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

**7.00 a.m.** Quddiesa kantata.

**6.30 p.m.** Quddiesa solenni mill-W.R. Mons. Ġorġ Deguara bl-Omelija "Marija, Saħħa tal-Morda". B'mod speċjali huma mistiedna l-morda u l-anzjani tal-parroċċa għax waqt l-istess quddiesa jiġi amministrat lilhom is-Sagrament tal-Morda.

**7.30 p.m.** Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ħamis, 14 ta' Awissu - LEJLET IL-FESTA**

**8.15 a.m.** Quddiesa solenni mill-W.R. Kappillan tal-Parroċċa, Dun Joe Bartolo. Wara jitkanta t-*Te Deum* u l-Antifona "*Beata Mater*".

**6.30 p.m.** Translazzjoni solenni tar-Relikwa, immexxija mill-W.R. Mons. Ġużeppi Pace. Wara ssir Quddiesa kantata mill-W.R. Patri Joseph Ghigo S.J., *Salve,* Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 15 ta' Awissu - JUM IL-FESTA**

**6.00 a.m.** Quddiesa letta.

**7.15 a.m.** Quddiesa letta.

**8.00 a.m.** Kant solenni tal-Lawdi, bil-parteċipazzjoni tal-fidili preżenti fil-Knisja.

**9.00 a.m.** Quddiesa konċelebrata solenni, bil-Paniġierku, mill-W.R. Mons. Ġużeppi Pace.

**11.00 a.m.** Quddiesa letta.

**11.00 a.m.** Quddiesa letta fil-Kappella San Bażilju.

**12.00 p.m.** Quddiesa letta.

**5.00 p.m.** Quddiesa letta.

**6.00 p.m.** Għasar Solenni mill-W.R. Mons. Ġużeppi Pace, *Salve* u Litanija.

**7.15 p.m.** Purċissjoni bl-Istatwa Artistika, devota u titulari tal-Parroċċa, mmexxija mill-istess Monsinjur.

**10.15 p.m.** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ġimgħa, 22 ta' Awissu - L-OTTAVA TAL-FESTA**

**6.30 p.m.** Quddiesa solenni, reposizzjoni tar-Relikwa, *Te Deum* u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. (1) *Il-Ħamis, lejlet il-Festa, filgħodu u filgħaxija, jkun hawn konfessuri barranin għall-Qrar. Inħeġġu lill-Imqabbin kollha biex jersqu għall-Qrar u t-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.*

(2) *Il-Mużika tat-Tliet Tridijiet, lejlet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast il-W.R. Patri Salv Galea, O.P.*

MANGION BROS LTD MANBROS BLOCKS LTD





**BUILDING CONTRACTORS**
**Concrete Mix and Crane Hire**

**MANUFACTURERS OF FINE QUALITY BRICKS**

**Valletta Road, Zurrieq**
**Tel: 649590 - 642649**
**Mobile 099 2624/2625**
**Fax: 689719**

# BESTMARK

SUB POST OFFICE

Rokku Buhagiar Street, Qrendi

Tel. 685872

***Ħanut modern fiċ-ċentru tal-Qrendi fejn issibu RIGALI għal kull okkażjoni***

Linef - Electrical Appliances - Għamara
Ħwejjeġ - Toys - Haberdashery
Stationery - Photocopy Service
Souvenirs tat-Tieġ
Film Developing Same Day Service

*Naċċettaw Wedding u Engagement Lists*

# IS-SANTWARJU TA' SANTA MARIJA TAL-ĦLAS

*minn Chev. Carmel Bianchi*

**Il-Bini tal-Knisja**

Fuq ir-riħ ta' Wied is-Sewda, qalb ir-rabà, ftit 'il bogħod mill-belt ta' De Rohan, insibu Santwarju wisq antik u devot. Qiegħed ngħid għas-Santwarju ta' Santa Marija tal-Ħlas. Din il-knisja ċkejkna, imma sabiħa ħafna, fl-antik ma nsibuhiex kif inhi llum. L-ewwel knisja lil din il-Madonna nbniet fi żmien il-Kastiljani (1412-1530) u dak iż-żmien kienet ġà meqjuma sewwa.

Din il-Knisja tal-Ħlas li naraw illum, tradizzjonalment jingħad li nbniet fl-1693 fuq pjanta tal-magħruf arkitett Malti Lorenzo Gafà. Dan il-perit għamel din il-pjanta tal-Knisja ta' Santa Marija tal-Ħlas b'ringrazzjament, talli l-koppla tal-Parroċċa ta' San Ġorġ li kien ippjanta hu stess u li tlestiet fis-sena 1684, ma kienx ġralha ħsarat fit-terremot qawwi li kien ħakem lil Malta nhar il-11 ta' Jannar, 1693.

**Leġġendi**

Dan is-Santwarju ta' Santa Marija tal-Ħlas għandu marbuta miegħu żewġ leġġendi ħelwin ħafna. Qabel ma nibda ngħidilkom dwar dawn il-leġġendi, nistħajjel li min jaf fejn hu dan is-Santwarju, jagħmel din il-mistoqsija, "Għaliex dan is-Santwarju tal-Ħlas, aktar qiegħed qrib ta' Ħaż-Żebbuġ, imma jagħmel mal-Parroċċa ta' San Ġorġ, Ħal Qormi?" Ħa nirrakkontalkom dawn il-leġġendi u araw x'jidhrilkom! Leġġenda minnhom tgħid li meta l-benefattur, il-Kavallier Franċiż Fra Kristofru Montgaudri, kien qiegħed imut, bagħat żewġ qaddejja milli kellu, wieħed Ħaż-Żebbuġ u l-ieħor Ħal Qormi, biex iġibulu qassis ħalli jamministralu s-sagrament tal-morda. Jingħad li ta' Ħal Qormi wasal l-ewwel qabel dak ta' Ħaż-Żebbuġ. U b'rikonoxximent dan il-benefattur ħalliha lil ta' Ħal Qormi San Ġorġ.

Storja oħra tgħid li meta f'Malta kien sar terremot qawwi, f'Jannar 1693, dan il-maqdes ġarrab ħsarat kbar. Il-Qormin ħallsu l-ispejjeż għal dawn il-ħsarat. Jingħad li ż-Żebbuġin malli raw il-Knisja rranġata riduha. Iżda l-Qormin ma ħallewhiex lixxa u waslu sa quddiem l-inkiżitur.



L-inkiżitur ta' għaref li kien, wara li għarbel x'kien ġara, qal lil ta' Ħaż-Żebbuġ, "'Il fejn iħares il-bieb prinċipali ta' din il-knisja?" U dan wieġbu, "In-naħa ta' Ħal Qormi." Qabeż l-inkiżitur u qalilhom, "Mela l-knisja hija ta' Ħal Qormi."

Fl-Arkivji tal-Parroċċi m'hemm xejn miktub dwar dawn il-leġġendi. Iżda tajjeb li ngħidu wkoll li fil-Vista Pastorali li għamel Mons. Pietru Dusina fl-1575 iqis li din il-Knisja ta' Santa Marija tal-Ħlas tagħmel ma' Ħal Qormi.

**Kwadri Titulari**

Fis-sagristija ta' din il-Knisja, qabel kien hemm imdendel il-kwadru titulari mpitter fuq l-injam. Dan il-kwadru sabiħ u ta' arti kbira kien sar fis-sena 1573. L-awtur tiegħu mhux magħruf. Biss nafu li ġie mħallas minn Fra Kristofru Montgauri. F'dan il-kwadru naraw lil Santa Marija nkurunata, jidhru wkoll San Ġwann il-Battista u San Pawl, iż-żewġ protetturi tal-Kavallieri u ta' Malta. Tidher ukoll id-dehra tal-Port il-Kbir. Hemm impittra wkoll l-arma ta' Montgauri li ħallas il-kwadru, u s-sena 1573.

Fi żmien il-Prokuratur ta' din il-Knisja tal-Ħlas, li kien il-Qormi Kanonku Penitenzier Dun Ġużepp Zammit, kien ħass li dan il-kwadru ta' valur hekk kbir jiġi restawrat. Fil-fatt hekk għamel u kien fdah f'idejn ir-restawratur magħruf Maurice Cordina li kien joqgħod il-Fgura.

Illum għal raġuni ta' sigurtà, dan il-kwadru ta' valur kbir jinsab fil-Mużew tal-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi.

Il-kwadru titulari li naraw illum hu attribwit lil Francesco Zahra (1710-1773) li sar fis-sena 1773. Xogħol ieħor attribwit lil Francesco Zahra hu dak li juri l-Missier Etern. Dan il-

BAKERY
**Maypole**
LTD
*Carmel Debono*

FANCY BREAD

14, St Joseph Street, Qormi
1, Victory Street, Qormi
Tel: 488992

Erba' Mwieżeb Street, San Pawl
Tel: 581646

TA' BALAL
PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

Prop. Emanuel Gatt

New Street, Luqa
Tel: 809351

*Carabott Jewellers*

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 680760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days

kwadru ovali, kważi tond, jinsab fuq il-kwadru titulari.

Il-pittura ma' l-apside jew fl-arzella, kif bosta wkoll isibuha, saret fl-1719 minn Enrico Regnaud (1692-1764). Din turi l-inkuronazzjoni tal-Madonna mit-Trinità Qaddisa.

### Statwa tal-Ġebel

Kull min iżur din il-Knisja, fil-misraħ ta' quddiemha, jistħajlu qisu f'Malta fi żmien il-Kavallieri. Fuq iz-zuntier insibu loġoġ jew aħjar ħnejjiet bil-bankijiet u mwejjed tal-ħaġar. Jingħad li dawn il-bankijiet u mwejjed kienu saru apposta, għal dawk id-devoti li fiż-żmien kienu jmorru jeħilsu l-wegħdi tagħhom. Ħdejn iz-zuntier ta' din il-Knisja nsibu statwa sabiħa ta' Santa Marija, xogħol fil-ġebel ta' l-Imgħallem bravu Ċensu De Kandia fis-sena 1867. Ma' din l-istatwa hemm lapida li tgħid, li l-Isqof Monsijur Gejtu Pace Forno, jagħti 40 jum indulġenza lil min jirreċita 'Ave Marija', quddiem din l-istatwa. Dan id-digriet li jagħti 40 jum, ħareġ nhar it-8 ta' Jannar tas-sena 1868.

### Ħarsien mil-Liġi

Dik il-ħabta skond il-liġi, jekk xi ħadd ikun għamel xi delitt, biex jeħles mill-ġustizzja, kien jew jidħol ġo xi knisja, jew joqgħod fuq iz-zuntier tagħha, (jew inkella jaqbad ma' Suttana ta' xi qassis, u b'hekk kien jeħles mill-kastig). Min jaf kemm dawn il-ħnejjiet jew loġoġ ta' din il-Knisja servew ta' kenn mill-ksieħ u xita u mill-qilla tax-xemx fis-sajf lil dawk il-ħatja. Mal-ħajt ta' din il-knisja, bħal ħafna knejjes żgħar oħra, fuq barra, fejn illum hemm il-bieb prinċipali hemm irħama bil-kliem fuqha bit-Taljan li jgħid hekk, "Non Gode l'Immunità Ecclesiastica" li tfisser li l-Immunità Ekklesjastika spiċċat. L-irħama kienet tiwaħħal mal-faċċata tal-knisja biex turi li dik il-knisja ma kenitx tgawdi l-privileġġ ta' l-immunità. Din il-proklama governattiva ħarġet nhar l-10 ta' April 1828.

### Kwadri tal-Wegħdi

Bħal ma diġà rriferejt, id-devozzjoni lejn Santa Marija tal-Ħlas hija qawwija ħafna. Infatti nsibu numru mhux żgħir ta' kwadri tal-wegħdi, imdendlin fis-sagristija u fid-daħla tagħha. Uħud minnhom huma antiki ħafna u juru l-grazzji maqlugħa. Fuq uħud minn dawn il-kwadri naraw V.F.G.A. li jfissru, Votum Fecit Gratiam Accepit jew Voto Fatto Grazia Accettata. Dan ikun xhieda li d-donatur tal-kwadru jkun qala' l-grazzja.

### Pellegrinaġġi

Saru wkoll ħafna pellegrinaġġi għal dan is-Santwarju tal-Ħlas fejn irrikorru lejn Santa Marija tal-Ħlas fil-bżonnijiet tagħhom, u f'kull għawi li l-gżira tagħna kienet tinħtieġ.

Fis-sena 1718, żmien l-Isqof Fra Ġakbu Cannaves, Malta kienet skarsa ħafna mix-xita. Dan ordna li jsiru sufraġi lill-Erwieħ tal-Purgatorju u purċissjonijiet ta' penitenza. Il-Kappillan ta' l-Isla, Dun Furt Vella, għamel purċissjoni bil-vara ta' Marija Bambina, bil-mixi għal dan is-Santwarju tal-Ħlas. Fi triqthom lura, talbhom ġie mismugħ. Bdiet nieżla xita bil-qliel.

Fis-sena 1850 Malta kienet maħkuma mill-kolera. Il-Vigarju ta' Ħal Qormi, Dun Ġamri Vella, qassis mill-istess raħal, għamel



*Il-kwadru titulari preżenti, xogħol attribwit lill-pittur magħruf Francesco Zahra fis-sena 1773*

pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Ġorġ mill-Knisja Parrokkjali għal din tal-Ħlas.

Fis-sena 1870, Malta reġgħet kienet skarsa ħafna mix-xita. Il-Kappillan ta' Ħal Qormi, dak iż-żmien, Dun Alwiġ Ellul, għamel pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Ġorġ għal dan is-Santwarju.

Fis-sena 1920, wara l-gwerra, l-Kappillan ta' Ħal Qormi, Dun Vincenz Azzopardi, għamel

# JOHN & MICHAEL GHIGO
# TA' PATAW




## SOFT STONE QUARRY

## OLD VALLETTA ROAD
## MQABBA

## SPECIALISING IN LAYING OF BLOCKS




## Telephone: 642811
## Mobile: 099 3311

pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

Fis-sena 1940 fuq Malta kien għaddej żmien ikrah. Kienet qorbot il-gwerra fuq il-gżira tagħna. Il-Kappillan ta' Ħal Qormi, Dun Anton Vella, kien għamel pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Massimu u Santa Konsolata Martri, mill-Parroċċa ta' San Ġorġ għal dan is-Santwarju ta' Santa Marija tal-Ħlas. Dan il-Kappillan Dun Anton Vella, laħaq Kappillan fis-sena 1934 sa l-1953 u Arċipriet sa l-1955. Dan kien l-ewwel Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi.

Pellegrinaġġ ieħor li xieraq ħafna li jissemma ma' dawn huwa dak li sar nhar it-13 ta' Mejju 1988 fis-Sena Marjana. Dan il-pellegrinaġġ kien sar bejn iż-żewġ Parroċċi Qormin flimkien, jiġifieri l-Parroċċa ta San Ġorġ u San Bastjan.

**Il-Priedka tal-Milied bil-Lejl**

Ta' min jgħid ukoll li fis-sena 1979 saret il-quddiesa tal-Milied bil-lejl. Il-Prim ċelebrant kien Dom. Angelo Mifsud O.S.B. li għal xi żmien kien ukoll ir-rettur ta' din il-knisja tal-Ħlas. F'din il-quddiesa saret għall-ewwel darba l-priedka tradizzjonali tal-Milied minn tfajjel ċkejken. It-tfajjel li għamel il-priedka tal-Milied kien ibni Saviour. Għal din il-quddiesa ta' bil-lejl ġew nies saħansitra mill-Mellieħa. Jien li wkoll flimkien ma' marti Carmen u binti Mariosa konna preżenti f'din il-quddiesa, tkellimna ma' dan ir-raġel u l-familja tiegħu mill-Mellieħa. Dawn qalulna li ġew biex jirringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna tal-Ħlas għall grazzja kbira li kienu qalgħu. Billi dak iż-żmien ma kienx hemm dawl elettriku, (iżda llum il-ġurnata hemm) għal din il-quddiesa nġieb ġeneratur żgħir, biex inxtegħlu xi bozoz il-knisja. Fuq il-bejt ta' din il-knisja, fuq iz-zuntier u fuq il-ħitan tar-raba fil-pjazzetta ta' madwar il-knisja, nxtegħlu numru sabiħ ta' fjakkoli. L-atmosfera sabiħa li kien hemm f'dan is-Santwarju ta' Santa Marija tal-Ħlas, f'dan il-lejl għażiż u Qaddis tal-Milied, hija xi ħaġa sabiħa u impressjonanti, li mhux la kemm tinsiha kif ġieb u laħaq.

**Preżentazzjoni tat-Trabi**

F'dan is-Santwarju, bosta huma dawk l-ommijiet minn kull rokna tal-gżira tagħna li jiġu jippreżentaw lit-trabi tagħhom lil Santa Marija. Ħafna huma dawk l-ommijiet li fil-ħlas u t-tqala tagħhom jitolbu ħerqana lil Santa Marija biex ikollhom ħlas tajjeb. Dawk l-ommijiet jew familji li jixtiequ li jippreżentaw lit-trabi tagħhom, għandhom jikkuntattjaw l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi.

Qabel, f'dan is-Santwarju kien isir quddies kull nhar ta' Ħadd. Iżda ġara li minħabba nuqqas ta' saċerdoti, qed issir quddiesa kull tielet Ħadd ta' kull xahar. Dan is-Santwarju huwa sabiħ ħafna u miżmum nadif kif tassew jixraq.

**Referenzi**

Karmenu Psaila: Il-Knisja Arċimatriċi ta' Ħal Qormi bil-ġrajja tagħha, Malta 1937.
Joseph F. Grima (Editur): Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ - Erba' Sekli ta' Storja, Malta 1984.
Carmel Bianchi: Is-Santwarju ta' Santa Marija tal-Ħlas, Malta 1973.

**Żomm l-isbaħ rikordju tal-Festa speċjali ta' din is-sena:**

***Ħu ħsieb ibbukkja issa***

**VIDEO TAL-FESTA 1997**

**TISTA' TORDNA L-KOPJA TIEGĦEK**
**MINGĦAND IL-MEMBRI TAL-KUMITAT**

# Pineapple

Confectionery & Pastizzeria

*Monday to Saturday: 7.00 a.m. to 7.00 p.m.*
*Sunday: 6.00 a.m. to 12.00 p.m.*

# ELLUL WOODWORK MQABBA

Għal kull xorta ta' xogħol ta' aperturi, għamara u
kolonni tat-taraġ bi prezzijiet moderati
irrikorru għand:

Ellul Woodwork
Valletta Road, Mqabba
Tel: 683152, 689470

# FRIZOLL

*Manufacturers of commercial refrigeration, bar counters & cold rooms*
*Refrigeration Equipment*

Frizoll
Paola Hill, Paola

For estimates and maintenance phone: 806866, 824388

# Concorde Mini Market

*Carmelo Ciantar Street, Mqabba*
*Tel: 680922*
*for comfortable shopping*
*free delivery on request*
*Prop. Mr Mario Formosa*

# Surmastrijiet tal-Banda Re Ġorġ V

S'issa l-Banda kellha dawn is-Surmastrijiet:-

Mro Ġużeppi Maria Barbara mill-1947 sa l-1950,
Mro Leonard Spiteri mill-1951 sa l-1956,
Mro George Martin mill-1956 sa l-1991,
Mro Anthony Camilleri mill-1991 sa l-1997,
Mro David Agius mill-1997 sa...

### Mro Ġużeppi Maria Barbara



Ġużeppi Barbara minn Marsaxlokk twieled fl-1918 u beda l-karriera mużikali fl-1935 meta daqq l-ottavin mal-Banda *Beland* taż-Żejtun. Huwa studja t-teorija għand Mro J. Worley u taħtu għamel kors regolari ta' l-*Advanced Grade*. Studja armonija u kontrapunt taħt Mro Vincent Costa ta' Birkirkara u kiseb id-diploma ta' *Associate* tal-Kulleġġ Mużikali ta' Londra (A.Mus. L.C.M.). Fl-1945 ħa taħt it-tmexxija tiegħu l-Banda *Santa Marija* ta' Ħal-Għaxaq u fl-1946 organizza u kabbar il-Banda *King George V* ta' l-Imqabba. Fl-1956 ħa taħt idejh il-Banda *Holy Trinity* tal-Marsa u biha wettaq Innu tiegħu f'ġieh it-Trinitá Mqaddsa, versi tal-poeta msemmi Dun Frans Camilleri u li kien milqugħ b'tifħir mill-pubbliku u mill-ġurnali. Fl-1960 beda jidderieġi l-Banda *San Ġużepp* ta' Ħal Għaxaq. Xogħlijiet mużikali għandu ħafna. Minbarra għadd ta' marċi brijużi u oħrajn funebri, għandu l-Innu grandjuż f'ġieh Santa Marija Assunta, versi ta' l-Imqabbi Patri Ġiżwita Joseph Ghigo, u li ndaqq għall-ewwel darba fit-13 ta' Awissu 1949 mill-Banda *King George V* ta' l-Imqabba. Dakinhar indaqq ukoll għall-ewwel darba l-*Overture Odette* mill-istess Banda u kiseb suċċess. Għandu wkoll Fantasija għall-klarinett in Mi Bimoll u *Overtures*:: *Persicaria* u *Madame D'Honneur*. Il-mużika tiegħu twettqet minn diversi baned. Huwa dam Surmast tal-Banda ta' l-Imqabba mill-1947 sa l-1950.

### Mro Leonard Spiteri

Twieled l-Imqabba fit-18 ta' Jannar 1930. Il-karriera mużikali tiegħu bdiet meta beda jistudja t-teorija tal-mużika għand Carmelo Costa. Fl-1951, wara Mro Barbara, l-Banda *King George V* għaddiet taħt it-tmexxija tas-Surmast Leonard Spiteri F.L.C.M., iben l-istess Banda. Ħadem ħafna sew fil-Każin kif ukoll fil-Banda. Fl-1953, Mro Leonard Spiteri ġab l-*Associate of the London College of Music* A.(Mus.). Fil-5 ta' Jannar 1955 iddeċieda li jmur jistudja l-mużika l-Ingilterra. Irritorna Malta f'Awissu ta' l-1955 meta l-Banda fl-Imqabba kienet għadha bla surmast għax Mattew Zammit (tal-Mejlaq) kien dejjem bit-tama li Leonard Spiteri jibqa' Surmast tagħhom. F'dik is-sena, l-marċ ta' filgħodu f'jum il-festa u l-*Ave Maria* li ndaqqet minn fuq iz-zuntier qabel il-marċ, kienu taħt id-direzzjoni ta' l-istess Surmast. F'Ġunju 1956, is-Surmast Spiteri reġa' mar jistudja l-kompożizzjoni mużikali fl-Ingilterra wara li ħa *special leave* mid-*Dockyard*. Huwa ġab il-*Licenciate of the London College of Music* fl-1957 (L.Mus.) u l-*Fellowship of the London College of Music* (F.L.C.M.) fl-1962. Kien imbagħad f'dan iż-żmien li ddeċieda li l-banda kellha tgħaddi taħt is-Surmast George Martin li kien midħla sew ta' Mattew Zammit.



Id-direzzjoni tal-Banda damet f'idejn Mro Leonard Spiteri sal-1956 li għad li kien għadu żgħir, kien wera li kien kapaċi ħafna. Fiċ-ċelebrazzjonijiet kbar li għamlet is-Soċjetà b'tifkira tad-Domma ta' l-Assunta f'Awissu ta' l-1951, il-mużika tal-festa kienet taħt id-direzzjoni tiegħu. Il-Kantata *Innu lil Marija Assunta* ta' Patri J.M. Ghigo/Mro G.M. Barbara, taħt id-direzzjoni ta' l-istess Surmast Spiteri, ndaqqet mill-Banda *King George V* meta l-purċissjoni bl-Istatwa ta' Santa Marija waslet ħdejn il-Każin. Dan l-Innu ndaqq wara li delegazzjoni mill-Każin għamlet arranġamenti mas-Surmast J.M. Barbara li l-Innu jindaqq filgħaxija mill-Banda *King George V*.

# LINDA STORE

***46,Republic Street, Żurrieq***

***Tel: 647215***

*Household goods,Small Furniture Chandaliers, Colour T.V., Video Recorders*

---

CATERERS FOR ALL OCCASIONS

**Primavera**

DOLCERIA

SCHOOL STREET, TARXIEN TEL: 826226

---



CAR TECH LTD.

**CAR TECH** Loreto Cutajar Str.,
Żebbug ŻBG 06
Tel: 467052, Mobile: 099 6865

***GENERAL CAR SERVICE***

**Tuning of Fuel Injection & Electronic Ignition Engines,
Vehicles Safety Test & Wheel Alignment**

Ix-xogħlijiet mużikali ta' Mro Leonard Spiteri huma diversi. Fl-1960, fl-okkażjoni tal-festi li saru f'ġieħ San Pawl, kiteb *Theme and Variations*. Din indaqqet ukoll fuq il-BBC mill-pjanista Frederick Stones. F'Lulju ta' l-1962 fuq il-BBC indaqqu diversi siltiet mużikali li kellhom konnessjoni mal-ħajja tas-Surmast Spiteri. Għandu diversi xogħlijiet mużikali oħra fosthom Kantata għall-kor, vuċi u orkestra, bażata fuq *scroll* li Roosevelt ta lil Malta. Kiteb ukoll *Innu lil Marija Assunta* li, minħabba l-mod kif inhu maħdum u armonizzat, juri l-abiltà fil-kompożizzjoni ta' dan is-Surmast Imqabbi. Il-kliem ta' dan l-Innu ma nafux ta' min hu; nafu biss li l-kliem kien ġie mogħti n-*Nihil Obstat* fit-12 ta' Lulju 1945.

It-tifkiriet tas-Surmast Spiteri huma ħafna. Il-Banda *King George V* mill-1951 sa l-1956 kienet banda tajba ħafna. Il-Banda li wiret mingħand is-Surmast Barbara kien fiha madwar sebgħa u tletin element Imqabbi u mbagħad kienu jinġabu madwar tmien bandisti oħra u kienu jsiru marċi u programmi mużikali sbieħ ferm. F'festa kienu jsiru xi tliet programmi: fil-Kwindiċina, l-aħħar tat-Tridu u fl-ottava. Fil-festi tad-Domma saru minn ħames sa seba' programmi. Ġara iżda, li din il-Banda li kienet armata ħafna, tnaqqret mill-bandisti kawża ta' l-emigrazzjoni. Emigraw bandisti tajbin bħal Ġamri Borg (tal-*Hami*), Franġisk Saver Ciantar, Emanuel Farrugia u Ġanni Borg (tal-*Ball*).

## Mro George Martin



Wara Mro Leonard Spiteri, laħaq Mro George Martin A.(Mus.), L.C.M., S.M.O.S.J. li dam Surmast mill-1956 sa l-1991. Kien iħobb il-Banda daqs il-mimmi ta' għajnejh. Beda l-karriera mużikali tiegħu ta' età żgħira ħafna mal-Banda *Queen's Own* ta' l-Isla u billi mill-bidu nett wera li għad javvanza ħafna, l-Kumitat ta' dak iż-żmien iddeċieda li jibagħtu għal studju avvanzat taħt iċ-ċelebri Maestro Gaffarelli. Kien hawn li huwa żviluppa bħala wieħed mill-aqwa strumentalisti, fejn apparti strumenti mużikali oħrajn, huwa speċjalizza fil-*French Horn*. Żmien wara kompla jistudja taħt il-bravu Mro Carmelo Pace F.L.C.M., L.R.S.M. għad-Diploma ta' *Associate of the London College of Music* fejn ħa kors intensiv fl-Armonija, Kontrapunt, Fuga, Strumentazzjoni, Kompożizzjoni u Storja tal-Mużika. Minbarra Surmast Direttur tal-Banda *King George V*, kien ukoll għal żminijiet twal Surmast Direttur ta' diversi baned oħra bħal *San Leonard* ta' Ħal Kirkop, *Queen's Own* ta' l-Isla u *Vilhena* tal-Furjana. Huwa dderieġa l-banda Nazzjonali diversi drabi.

Minbarra li Mro Martin hu tista' tgħid wieħed mill-ewwel Maltin li ġie aċċettat bħala membru tal-*Performing Rights Society* ta' Londra, kellu wkoll l-unur kbir li l-bijografija tiegħu ġiet imdaħħla fid-Dictionary of International Biographyu, dizzjunarju li huwa awtorità.

Il-kompożizzjonijiet tiegħu, minbarra numru kbir ta' marċi brijużi u funebri, jinkludu erba' *Concert-Overtures*, fantasija mużikali, *Momente Romantique* u żewġ Innijiet grandjużi għall-Banda, Solisti u Kor, wieħed lil San Leonardu u ieħor lil Santa Marija ta' l-Imqabba, li mill-1966, meta żżanżan, baqa' jindaqq kull sena.

Fl-4 ta' Marzu 1974, Mro Martin kien onorat għall-kapaċità tiegħu fil-qasam mużikali billi nħatar *Kavallier di Grazia* ta' l-Ordni Sovrana ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm.

Fl-1981, f'egħluq il-ħamsa u għoxrin sena tas-Surmast George Martin bħala Direttur tal-Banda fl-Imqabba, saru festi speċjali. Is-Soċjetà *Santa Marija*, bħala turija ta' apprezzament, ippreżentat bandiera ġdida tal-Banda li ttellgħet għall-ewwel darba fl-10 ta' Awissu, jum li kien iddedikat lis-Surmast Martin.

Mro George Martin miet fl-24 ta' Frar 1991 wara ħajja twila mal-Banda. Jibqa' mfakkar għall-Innu kapolavur *Lil Marija Mtellgħa s-Sema*.

## Mro Anthony Camilleri

Mro Anthony Camilleri L.Mus.V.C.M., A.Mus.L.S.M., bin Nikol mis-Siġġiewi u Goachina nèe Zammit mill-Imqabba, twieled l-Imqabba fit-8 ta' Frar 1965. Huwa rċieva l-edukazzjoni ġenerali tiegħu fl-Iskola tal-Gvern u f'*Mt Carmel College* ta' Santa Venera. Wara sentejn fil-Liċeo l-Ġdid ta' l-Imsida, daħal l-Università ta' Malta, minn fejn, wara ħames snin kiseb bl-unuri l-Baċċellerat fl-Inġinerija Mekkanika. Huwa miżżewweġ lil Louise née Camilleri miż-Żurrieq u joqogħdu l-Imqabba.

Mal-Banda beda bħala alliev u ħareġ idoqq bħala bandist fil-festa ta' Santa Marija ta' l-1981. Huwa kien għal żmien twil delegat tal-banda. Għal fuq minn sitt snin sħaħ okkupa l-kariga ta'

**VPL**

**GENERAL CONTRACTORS**

**CIVIL ENGINEERING WORKS**

**VASSALLO PROPERTIES LTD.**

(ALPHA) CONSTITUTION STREET,
MOSTA - MALTA
Tel/Fax: 413295



THE CARMELITE CENTRE AT FLEUR DE LYS



MICRO PROPOGATION CENTRE LABORATORY AT ATTARD. FOR THE MINISTRY OF AGRICULTURE



CONSTRUCTION WORKS AT THE SANTA MARIJA ESTATE

# SCICLUNA FLORIST GARDEN CENTRE

"Cor Jesus" Triq il-Bronja
Żurrieq
Tel: 649621, 676252

Specialists in arrangements of
fresh and artificial flowers
for Weddings, Engagement Parties and Funerals

Accepts orders
for printing of invitations.

Souvenirs, Tulle and Accessories
for all occasions at moderate prices.

Assistent Surmast/Direttur u għalliem ta' l-allievi. Wara l-mewt ħesrem ta' Mro George Martin, waqt is-seduta tal-Kumitat ta' l-14 ta' Marzu 1991, huwa kien maħtur uffiċjalment bħala s-Surmast/Direttur tal-Banda.



L-ewwel tagħlim mużikali tiegħu rċevieh mingħand l-Assistent Surmast Leonard Farrugia u peress li mill-bidu nett huwa wera dik iċ-ċerta ġibda partikulari lejn l-arti mużikali, fuq l-insistenza tas-Sur Farrugia kien ġie offrut *sponsorship* mill-Każin sabiex jibda jmur għal-lezzjonijiet tat-teorija tal-mużika. Għaldaqstant f'Ottubru ta' l-1983, huwa, b'sagrifiċċju personali kbir għax kien għadu kif daħal l-Università, beda jattendi għal-lezzjonijiet għand Mro Dr Charles Zammit Ph.D., Mus., GLSM, FLCM, FVCM, FCSM. Cert. FBCM, Hon FNSCM, FWTC. Dan wasslu sabiex, wara li għadda mill-eżamijiet kollha, kiseb l-ewwel diploma professjonali tiegħu A.Mus L.S.M. mill-*Lancashire School of Music*.

Kiteb numru sabiħ ta' marċi fosthom l-Innu Popolari *Ġawhra Mqabbija* li hu kkompona fl-1986 biex jitfakkar għeluq il-mija u ħamsin sena mill-miġja ta' l-Istatwa ta' Santa Marija fost l-Imqabbin. Fl-1991, bħala l-ewwel sena Surmast tal-banda, rregala *Innu tal-Banda*. Fl-1995 ikkompona *Overture Religioso* bl-isem ta' *Fundatio*, xogħol rivoluzzjonarju għall-baned Maltin u Għawdxin minħabba l-fatt li, għalkemm maħdum fuq il-forma klassika ta' l-*Overture*, huwa xogħol iġġenerat minn funzjonijiet matematiċi permezz ta' programmar avvanzat tal-kompjuter.

## Mro David Agius

Is-Sur David Agius inħatar Surmast tal-Banda *Re Ġorġ V* (Mqabba) fit-23 ta' Marzu 1997. Huwa beda l-istudju tal-mużika tiegħu meta kellu biss seba' snin f'Ħaż-Żabbar fil-każin tal-banda *San Mikiel* għand is-Surmast Charles Wallace Suda, s-surmast attwali tal-banda *San Mikiel*.

Ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-banda *San Mikiel* fl-1982 u l-istrument tiegħu huwa l-Clarino in Sib. Wara biss sentejn li ħareġ idoqq, il-kumitat tal-banda *San Mikiel* għamlu solista. Is-Surmast David Agius ħa sehem f'diversi kunċerti mportanti kemm mal-banda kif ukoll ma' orkestri. Kien ukoll mużiċista permanenti tal-*Banda Nazzjonali* meta kienet imwaqqfa hawn Malta.

David kompla jistudja u wasal sal-Grade 8 tar-*Royal School of Music* għand Mro J.J. Pace u baqa' wkoll jikseb suċċessi fl-iskola Johan Strauss fejn kiseb ukoll l-ogħla marki fl-eżamijiet li jsiru f'din l-iskola tal-mużika. Fl-iskola Johan Strauss kien jieħu l-lezzjonijiet għand Mro C. Monreal. Aktar tard David Agius ġie avviċinat mill-Kumitat tal-banda *San Mikiel* biex jgħallem l-istrumenti ta' l-injam fl-istess każin, fejn ftit wara ġie maħtur uffiċjalment l-Assistent Surmast ta' din il-banda.



Mro D. Agius qatt ma waqaf mill-istudju. Sadattant kompla l-istudju tat-teorija, fejn sal-lum għadu jmur għand Mro Ronnie Debattista FLCM, fejn irnexxielu jikseb *Honours Certificate* fl-A(Mus)VCM. Huwa qed ikompli jistudja biex jersaq għal iktar eżamijiet u biex iżomm ruħu aġġornat fil-kamp mużikali. Sentejn ilu ġie maħtur Assistent Surmast tal-banda Sant'Elena Birkirkara, liema kariga għadu jokkupaha sal-lum.

David Agius, għalkemm għandu età żgħira ta' 25 sena diġà qed jagħmel isem kbir fil-qasam bandistiku lokali. Kiteb diversi marċi brijużi, arranġamenti, kif ukoll valz għall-banda. Huwa sinonimu ma' marċi popolari li kisbu suċċess ma' Malta kollha bħas-*Santos* u oħrajn. Iddereiġa wkoll il-Banda *San Mikiel* fil-programm li jittella' ġewwa l-każin b'risq il-bandisti u fil-Festival Mużiċisti Żgħażagħ mtella' mill-Assoċjazzjoni tal-baned Maltin, fejn kellu f'idejh il-programm kollu. Barra minn hekk ta' kull sena jiddderieġi l-banda *Sant'Elena* ta' Birkirkara fil-programm annwali mtella' mill-istess banda, f'partijiet tal-programm. Hawnhekk is-Surmast David Agius japprezza ħafna l-għajnuna li jsib mingħand l-istess Surmast tal-banda *Sant'Elena*, s-Surmast Joseph Vella A.(Mus)LCM.

Għal David Agius m'hemmx waqfien u huwa xorta waħda baqa' jistudja biex jgħolli l-livell tiegħu għax dejjem jemmen bl-umiltà tiegħu li, taf kemm taf qatt ma taf xejn. Is-Surmast David Agius huwa miżżewweġ lil Antonella.

# MANUEL BEZZINA CO. LTD.

**IMPORTER,**
**EXPORTER,**
**& AGENT FOR:**

***LISETA***
***CARA***
***AVONDALE***

**SEED POTATOES**

Importer of Fresh Fruits, Table & Seed Potatoes and other Agricultural Products.



Żerriegħa tal-Patata, ta' qatgħa Safra Olandiża, bikrija u ta' l-aqwa kwalita'. Tgawdi fama tajba fis-suq Ewropew.

**LISETA**

Cara żerriegħa tal-Patata Irlandiża tal-qatgħa bajda. Resistenti għall-ġlata u għall-mard ieħor. Tgawdi stima kbira fis-suq barrani.

**CARA**
TA' GHAJNA HAMRA





Żerriegħa tal-Patata Irlandiża, tal-qatgħa bajda, għammiela ħafna, tiflaħ għall-mard u ta' l-aqwa kwalita'.

**AVONDALE**

Iktbu dawn il-varjetajiet fl-uffiċji ta' l-Agrikultura, għand is-snasal jew ċemplu l-aġent f'Malta:-
MANUEL BEZZINA CO. LTD. Office: 23 Liesse Hill, Valletta. Tel: 238558. Fax: 241194.
Residence: "Springfield", Excelsior Street, Gharghur. Tel: 410204, 412587. Mobil: 099 7346

# BUKKETT B'ĦAMSIN WARDA
# LIS-SOĊJETÀ SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ - MQABBA

**27.03.1947 - 27.03.1997**

Taħt ħarstek Santa Marija
f'din il-pjazza miġburin,
biex infakkru din il-ġrajja
hawn għadd ġmielu ta' Mqabbin.

Din il-Banda Re Ġorġ Ħamsa
li fl-Imqabba thenni sħiħ
b'dawk il-marċi t' armonija
l-Imqabbin tpaxxi qatiħ.

Din il-Banda Imqabbija
fil-Parroċċa taħdem sħiħ
ad unur Santa Marija
biex tagħtiha l-ogħla ġieħ.

Ħamsin sena ilha mwaqqfa
magħduda fost it-tajbin,
għal ħidmietha ġiet magħrufa
minn għadd ġmielu ta' Maltin.

Dal-Każin fil-pjazza nbena
ta' l-Imqabba l-aħjar post
ħdejn dat-tempju ġawhra tagħna
tiġi żżuru, tieħu gost.

Din il-Banda ġawhra f'qalbna
biha aħna wisq kburin,
w'għaliha nagħmlu ħilitna
għax ngħożżuha l-Imqabbin.

Kemm il-kbar u anke ż-żgħażagħ
ma' dil Banda mdawwrin
biex il-marċi dawn jisimgħu
b'attenzjoni w'ħerqanin.

Tkun mistiedna, s-servizz tagħti
sew fl-irħula jew fl-ibliet
tħejji marċi pprogrammati
tifħir tieħu b'li ħejjiet.

L-Banda daqqet barra xtutna
ġo l-Italja s-servizz tat,
xogħlijiet sbieħ mużikali
u ċapċip kbir ingħatat.

Sliem lis-Sur Ġużeppi Galea
ta' l-orkestra fundatur,
dan bis-sħiħ ħadem u stinka
żgur f'dil Banda ħaqq' unur.

Is-Surmast Ġamri Barbara
b'ħila w'dedikazzjoni,
b'interess u bl-akbar ħrara
mexxa l-ewwel direzzjoni.

Is-Surmast Leonard Spiteri
kien it-tieni direttur
li dderieġa din il-Banda
b'għaqal kbir lejn il-futur.

It-Tielet Surmast tal-Banda
Ġorġ Martin il-Kavallier
li b'tant ħila hu jigwida
dis-soċjetà, għax kien sinċier.

Is-Sur Leonard Farrugia
dan ukoll jistħoqqlu ġieħ
assistent surmast tal-banda
għoxrin sena dam qatiħ.

Warajh ħa din it-treġija
Camilleri s-Sur Anton
tal-bandisti t-tmexxija
biex isemmgħu l-isbaħ ton.

Issa f'idu bil-bakketta
is-Surmast David Agius,
lill-bandisti jikkummenta
bi kliem għaqli u meqjus.

Ħajr tassew nagħtuh minn qalbna
l-ex bandisti w dawn ta' llum,
l-kumitati u 'l dawk kollha
għal ħidmiethom ta' kuljum.

Grazzi wkoll benefatturi
ta' kull għotja lill-Każin
jixirqilkom kull unuri
għas-sehem tagħkom imfaħħrin.

Hawn is-Sur Carmelo Zahra
li nħatar president
dan ħidmietu wisq imfaħħra
bih kull soċju hu kuntent.

President, Kumitat, soċji
komplu aħdmu bla waqfien,
biex dil Banda wisq kapaċi
tibqa' mfaħħra kullimkien.

Din il-ġrajja nonqxu f'qalbna
bi skarpell mill-aktar fin,
biex hemm tibqa' fl-għożża tagħna
f'rabta waħda magħqudin.

Insellmulek Banda tagħna
ġawhra w'għożża għall-Imqabbin,
ibqa' mela int paxxina
b'marċi sbieħ, b'noti ħelwin.

Minn ġnien qalbi jien noffrilek
ħamsin warda l-aktar sbieħ
u npoġġihom b'ferħ quddiemek
għax inħobbok jien qatiħ.

*Carmel Bianchi*

# SAVIOUR MAGRO

**IRONMONGERY & CEMENT STORE**

*Żurrieq Road, Luqa*
*Tel: 677133*
Accounts: 801213
Fax: 809147

*Għal żebgħa ta' kwalunkwe kwalita
Għodda ta' l-idejn u tad-dawl
Qtugħ ta' ċwievet u kiri ta' mixers, Jiggers u Generators



Step in

**SNACK BAR & TAKE AWAY**

WIED iż-Żurrieq, Malta Tel: 683104
(Prop. Michael Vella)

**A friendly reception awaits at the
Step In Snack Bar & Restaurant
at Wied iż-Żurrieq
Nawguraw il-festa t-tajba lill-Imqabbin**

***Also serving a wide range of snacks, including Pizza and a range of burgers & chips (Take-away also available)***





SOUTHERN FRIED
Lip Licking Flavour
Chicken

# ĠEMELLAĠĠ

## BANDA RE ĠORĠ V -MQABBA - MALTA.

## *CORPO BANDISTICO SANTA VITTORIA IN MATENANO ASCOLI PICENO - ITALIA.*

*Artiklu tas-Sur Alfred Galea.*

Kien ilu f'moħħ il-Kumitat tas-Soċjetà li xi darba l-Banda tagħna tmur iddoqq barra minn Malta. Kellna għadd ta' offerti minn aġenziji Maltin sabiex il-Banda tagħti servizz barra minn xtutna però kull darba li l-Kumitat għarbel sewwa kull offerta, dejjem ra li għall-ġid tas-Soċjetà u l-Banda kien jaqbillu ma jgħaġġilx u warrab l-offerta. Apparti minn hekk, kienet xewqa tagħna wkoll li avveniment bħal dan m'għandux ikun biss sempliċiment li l-Banda ssiefer u daqshekk, iżda xtaqna li din għandha tkun okkażjoni li minnha noħolqu ĠEMELLAĠĠ internazzjonali, ħaġa verament unika li sa issa, ġewwa raħalna, s-Soċjetà tagħna biss irnexxielha tagħmel. B'dan l-artiklu għandi pjaċir naqsam magħkom kif dan l-avveniment svolġa sa mill-Bidu nett.

Kien fil-ġimgħat ta' qabel il-festa ta' l-1995. Niftakar konna qegħdin narmaw. Jien kont għadni kif irritornajt mill-Italja fejn mort indoqq ma' banda Maltija. F'ħin minnhom is-Segretarju staqsieni kif kont mort. Jien ikolli nammetti li l-esperjenza kienet għoġbitni u ssuġġerejt lis-Segretarju li "aħna hekk imissna nagħmlu". Is-Segretarju deher li ħa interess u ħeġġiġni biex nibda naħdem. Jien min-naħa tiegħi ħallejt il-festa tgħaddi u mill-ewwel bdejt billi kkuntattjajt xi ħbieb li kont għamilt l-Italja. Permezz ta' dawn il-ħbieb irnexxieli nagħmel l-ewwel kuntatti ma' baned Taljani li ġejjin miż-żona tar-Reġjun Marche. Nammetti li ma stennejtx li ser ikolli rispons tajjeb minn dawn il-baned. Però nista' ngħid li sa Novembru kelli risposti mingħand xi tmien baned Taljani. Għajr għal xi tnejn li, minħabba xi raġuni jew oħra ma setgħux jagħmlu ġemellaġġ magħna, l-baned l-oħrajn kollha wrew interess fl-inizjattiva. Wara li l-Kumitat iddiskuta l-proposti kollha jien komplejt bil-kuntatti. Billi xi baned sabu xi intoppi u rigward xi oħrajn rajna li ma kinux adattati li jinġiebu għall-festa,



Corpo Bandistico
S.Vittoria in Matenano



COMPLESSO BANDISTICO
ELARA
GRUPPO FOLKLORISTICO

*Korrispondenza li tat bidu għall-ġemellaġġ storiku bejn il-Banda Re Ġorġ V u l-Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano*

l-lista tal-baned niżlet għal xi erbgħa. Billi l-ewwel kuntatt li kien irnexxieli nagħmel kien mal-Banda li ġejja mir-raħal ta' Santa Vittoria in Matenano, ġie deċiż li l-ġemellaġġ isir mal-Banda ta' dan ir-raħal.

F'Diċembru 1995 saret laqgħa għall-bandisti tal-post fejn għarrafnihom bl-inizjattiva. Nistgħu ngħidu li l-inizjattiva ntlaqgħet tajjeb. Wara dan kollu ma kienx fadal għajr li nħabbru pubblikament dan l-avveniment. Dan sar waqt l-ikla ta' l-aħħar tas-sena 1995. Dakinhar kienu l-partitarji tagħna li laqgħu tajjeb din l-inizjattiva. Wara li prattikament kellna l-approvazzjoni tal-Bandisti u l-Partitarji kollha tagħna, kkonfermajna kollox ma' Mro Francesco Mancini, Surmast u Sindku ta' Santa Vittoria u qbilna li delegazzjoni mill-Kumitat tagħna kellha titla' f'Santa Vittoria sabiex tiffinalizza kollox. Fil-fatt nhar il-11 ta' Jannar 1996 jiena flimkien mal-President is-Sur Carmel Zahra u s-Sur Alex Ghigo, dak iż-żmien membru tal-Kumitat, tlaqna lejn l-Italja. L-Italja sibna akkoljenza tajba ħafna. Matul it-tlett ijiem li qattajna hemmhekk iltqajna mal-Kumitat tal-banda u assistejna għall-provi tal-Banda, rajna l-lukandi fejn

# DENFAR

*THE NAME IN CONCRETE*

**• Building Construction • Concrete & Torba Suppliers**
**• Earth Moving • Trench Excavation**
**• In House Quality Control**





**DENFAR**

WHERE QUALITY
COMES FIRST

*Denfar House,*
*Old Valletta Road,*
*Mqabba*
*Tel: 683228, 685706*
*Fax: 689529*

konna se nkunu alloġġjati, ftehmna rigward iż-żmien li aħna kellna mmorru l-Italja u l-programmi li l-Banda tagħna kellha tagħti ġewwa l-Italja, u stedinna formalment lill-Banda ta' Santa Vittoria sabiex tiġi hawn Malta għall-festa ta' din is-sena. Għalkemm kien Jannar u f'Santa Vittoria t-temp ma kienx daqshekk tajjeb (fix-xitwa billi r-raħal qiegħed qalb il-muntanji, jkun hemm ħafna kesħa u kmieni filgħaxija jaqa' ċ-ċpar), mill-ewwel inġbidna mis-sbuħija tal-post u mill-mod kif ġejna milqugħa diġà konna ċerti li ż-żjara tal-Banda tagħna kellha tkun suċċess.



Il-bandisti tal-post li akkumpanjaw lill-Banda fl-Italja flimkien mas-Surmast (l-ewwel filliera, t-tieni mix-xellug) u l-Kumitat

Meta nżilna lura Malta, filwaqt li jien komplejt bil-kuntatti tiegħi mar-raħal ta' Santa Vittoria, l-Kumitat beda jieħu ħsieb jiġbor il-bookings għal min ried jakkumpanja lill-Banda ġewwa l-Italja u s-Surmast ta' dak iż-żmien, Mro Anthony Camilleri, flimkien mal-Kummissjoni Banda bdew jippreparaw il-banda permezz ta' l-għażla tal-mużika, preparazzjoni ta' uniformi ġdida, kunċerti, eċċ.. Iż-żmien beda jgerbeb u bejn kunċerti tal-Banda, organizzazzjoni taż-żjara, preparazzjoni tal-Programm, ġbir ta' bookings, eċċ.. malajr wasal Lulju, x-xahar li fih konna ser insiefru mal-Banda. Nhar l-Erbgħa 3 ta' Lulju 1996 inżammet laqgħa għall-grupp kollu ġewwa l-Każin fejn ġie spjegat il-Programm u ngħataw l-aħħar dettalji. Ġie mqassam ukoll programm li ġie ppubblikat għall-okkażjoni.

Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju kienet il-ġurnata tat-tluq minn Malta lejn l-Italja. Fit-3.30am il-Kontinġent kollu ta' madwar 120 ruħ iltaqa' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Wara li sar iċ-*check-in*, kulħadd telaq lejn id-*Departure Lounge* minn fejn ftit wara tlajna fuq l-ajruplan tip 737-200 ta' l-Air Malta. Għall-ħabta tal-5.30am ħallejna Malta fuq it-titjira Chartered KM2630 lejn Ancona. Wara titjira ta' madwar siegħa u tliet kwarti wasalna l-ajruport ta' Ancona fejn sibna jistennewna tliet *coaches* flimkien ma' l-Arkitett Vincenzo Pennesi, Organizzatur/Ko-ordinatur min-naħa ta' Santa Vittoria. Wara li kulħadd ġabar il-bagalji u għabbejna kollox fil-*Pulmans* tlaqna minn Ancona. Is-siegħa u nofs vjaġġ li kellna nista' ngħid li ma rajnihomx għax kulħadd kien mehdi jammira x-xenarji sbieħ taż-żona minn fejn għaddejna. Wasalna f'Servigliano fejn ġewwa l-Hotel San Marco ġew allokati l-ewwel grupp ta' nies li akkumpanjaw il-Banda. Ftit il-bogħod imbagħad wasalna Santa Vittoria in Matenano fejn ġewwa Hotel Farfense u Pensionato San Benedetto ġew allokati l-bandisti, s-Surmast, xi membri tal-Kumitat, nisa u familjari tagħhom. Il-persuni l-oħrajn tal-kontinġent ġew allokati ġewwa r-raħal qrib ta' Montefalcone Appennino eżattament f'Hotel Da Luisa. Wara li kulħadd irranġa ruħu



Il-President tas-Soċjetà Carmel Zahra (lemin) jirċievi rigal mingħand il-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Baned Taljani. Jidhru wkoll iż-żewġ sindki Emanuel Buttigieg, Mqabba (xellug) u Francesco Mancini, Santa Vittoria (lemin).

# F & R SCHEMBRI

**SWEETS & CIGARETTES**
**CIGARS & TOBACCO**

**"FRARENE", ST. EDWARD STREET, QORMI.**
**TEL: 441453 / 449938**



Għal kull xogħol ta'
bibien, twieqi, turġien u gallarijiet
tip Malti irrikorru għand

# JOE'S
## PROFILE ALUMINIUM

**3, Valletta Road, Żurrieq,**
**Tel: 649601**

# G. CAMILLERI
# PETROL STATION

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS

PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**
**TEL: 611647, 647235 FAX: 682245**



Fermo *e* P. S. Giorgio

Venerdì 12 luglio 1996

S. VITTORIA

**Gemellaggio, delegazione da Malta**

Da qualche mese Santa Vittoria in Matenano ha avviato una serie di scambi culturali ed economici con la città di Mqabba (Malta). Il gemellaggio ufficiale, però, verrà siglato nel corso di una settimana intensa e fitta di appuntamenti. La spedizione maltese arriverà all'aeroporto di Falconara nella mattinata odierna, dopodiché troverà sistemazione nel centro montano e nei vicini Servigliano e Montefalcone. Per oggi sono previste visita a ditte artigianali e il trasferimento a Comunanza per il concerto in piazza. Da domani, fino a venerdì 19 luglio, spazio a visite guidate nella zona del parco dei Sibillini, momenti musicali e religiosi.



*Ascoli* Lunedì 17 giugno 1996

**Gemellaggio con Malta: una settimana di feste**

S. VITTORIA IN M. — Dopo alcuni contatti e la visita, agli inizi dell'anno, di una delegazione di Malta a Santa Vittoria, si è concretizzato un programma di scambi culturali che ha permesso il gemellaggio del centro montano con la città di Mqabba. Tale avvenimento sarà celebrato nella settimana a cavallo tra il 12 e il 19 luglio. La spedizione maltese, composta da circa 140 persone, sarà ospitata a Montefalcone e Servigliano, mentre a Santa Vittoria sarà accolto il corpo bandistico «Re Giorgio V» di Mqabba. Il programma prevede una serie di visite guidate nei vari paesi della Comunità Montana dei Sibillini: il clou si avrà domenica 14 luglio, quando si esibiranno le bande dei due Comuni gemellati in un concerto serale. Tra le altre località sedi di visite, di sicuro i maltesi visiteranno Ascoli e qualche zona dell'Umbria e della Romagna. Naturalmente non mancheranno contatti ed incontri con esponenti dell'imprenditoria locale: sono previsti visite ad aziende e ditte artigianali, con l'intento di valorizzare e far conoscere la realtà socio-economica e i prodotti tipici della zona. «Alla vigilia di questo evento per il nostro paese vorrei ringraziare per l'interessamento gli operatori della Comunità montana, la provincia e la stessa Apt», ha sottolineato il sindaco Francesco Mancini.




*Xi pubbliċità u rappurtaġġ tal-gazzetti li dehru waqt iż-żjara tal-Banda Re Ġorġ V ġewwa l-Italja*

ġewwa l-kamra tiegħu, għal nofsinhar, kulħadd niżel għall-ikel u wara kulħadd mar jistrieħ xi ftit.

Tard wara nofsinhar kellna dawra madwar il-postijiet fejn konna allokati. F'kull post kellna Gwida tispjega li dawritna madwar il-postijiet fejn konna allokati, Servigliano, Santa Vittoria u Montefalcone. Nagħtikom xi tagħrif dwar l-irħula ta' Servigliano u Montefalcone Appennino (dwar Santa Vittoria qed jidher artiklu sħiħ aktar 'il quddiem).

Servigliano huwa raħal ta' xi 2500 ruħ u jinsab xi 315m fuq il-livell tal-baħar. Ir-raħal jaf l-oriġini tiegħu sa qabel żmien ir-Rumani. L-isem ġej minn isem il-fundatur, Servilio Rulli. Fis-sena 1108, Servigliano ġiet fortifikata permezz ta' ħajt li jdawwar ir-raħal kollu u li għadu mwaqqaf sa llum.

Servigliano huwa raħal fil-provinċja ta' Ascoli li baqa' magħruf sewwa fil-qasam mużikali. Ġewwa fih twieldu u għexu mużiċisti kbar Taljani, Amerindo Camilli u Luigi Vecchiotti (seklu 17). Fost il-monumenti storiċi ġewwa r-raħal insibu l-Knisja ta' Santa Maria del Piano u dik parrokkjali ta' San Marco. L-arma tar-raħal iġġib l-iljun li hu s-simbolu tal-Patrun tar-raħal.

Montefalcone Appennino huwa raħal żgħir ta' xi 650 abitant u jinsab fuq l-għolja 'Aso' madwar 650m 'l fuq mil-livell tal-baħar. Sa mill-Medjuevu r-raħal kien immexxi mill-Ordni Farfense sakemm fl-1214 sar raħal awtonomu. Ir-raħal kien ġie mibni minn ġebel meħud minn ħitan ta' kastelli li xi fdalijiet tagħhom għadhom jidhru fuq ir-'Rocca' li tinsab f'tarf minn fejn tidher panorama stupenda li twassal mill-muntanji Sibillini sal-Baħar Adrijatiku.

Wara l-ikla ta' filgħaxija, għall-ħabta tad-9.00pm kulħadd akkumpanja lill-Banda ġewwa r-raħal ta' Comunanza fejn kellu jsir l-ewwel kunċert tal-Banda. Comunanza huwa raħal ta' 3,000 ruħ u jinsab 500m 'l fuq mil-livell tal-baħar. Ir-raħal hu dedikat lil Santa Katerina. Ir-raħal hu maqsum f'żewġ partijiet, dik antika u l-oħra moderna. Minn nofshom tgħaddi xmara żgħira, Lago di Gerosa, li żżomm temperatura friska matul is-sena kollha. Pont imbagħad jgħaqqad liż-żewġ partijiet flimkien. Ir-raħal jaf l-oriġini tiegħu fis-seklu 14 u ħa l-isem oriġinali ta' Comunantia Montis Passilli minħabba li twaqqaf minn komunità li kienet tgħix fuq Monte Passillo u li kellha titrasferixxi ruħha lejn l-inħawi, minħabba li d-djar tagħhom twaqqgħu biex jagħmlu wisgħa għall-bini ta' Ascoli. Kull sena, fis-26 ta' Diċembru, l-parti antika tar-raħal tiġi mdawla b'għadd ta' fjakkli u litteralment ittrasformata fi presepju ħaj. Ġewwa dan ir-raħal, il-Banda esegwiet l-ewwel Kunċert tagħha quddiem folla numeruża akkumpanjata mill-viċi Sindku tal-lokal. Wara l-kunċert, li matulu l-Banda rċeviet tifħir mhux ħażin, sar diskors mill-viċi Sindku ta' Comunanza li wara ppreżenta lis-Surmast b'bukkett fjuri.

L-għada filgħodu, s-Sibt 13 ta' Lulju, l-kontinġent kollu ltaqa' ġewwa Santa Vittoria minn fejn tlaqna għal żjara ġewwa r-raħal ta' Montemonaco, raħal żgħir ta' xi 800 ruħ b'altitudni ta' madwar 1000m. Mal-wasla, b'mod informali, l-Banda daqqet xi marċi Maltin li ġew apprezzati ħafna mill-komunità t'hemmhekk. Wara riċeviment żgħir li organizzalna l-*Comune* ta' Montemonaco ltqajna mal-gwida li dawwarna madwar ir-raħal. Montemonaco huwa raħal imdawwar bil-muntanji Sibillini. L-oriġni tiegħu huma marbuta ma' patri Benedittin li waqqaf monasteru li kien iservi bħala fortifikazzjoni/rifuġju għan-nies tar-raħal kontra xi attakki matul is-seklu IX. Minn dan il-patri ġej l-isem ta' Montemonaco. Matul iż-żjara żorna anke l-park naturali minn fejn tidher panorama stupenda tal-Muntanji Sibillini. Fil-fatt Montemonaco huwa

PERONDA

FIRST CHOICE CERAMICS



THERE ARE NO LIMITS TO STYLE



FLOOR & WALL TILES THAT STAND THE TEST OF TIME...

FLOOR TILES AVAILABLE FROM 32X32 TO 60X60cm
WALL TILES AVAILABLE FROM 20X33 TO 42X60cm
EXCLUSIVELY REPRESENTED BY

*GALEA CERAMICS Co. Ltd.*

Showroom: St. Thomas Street, Luqa LQA 05
Tel: 808490 • Fax: 806298

## WILĠA STORES

Tel: 897912, 099 4965
Fax: 690685

- TIMBER
- TIMBER PRODUCTS
- HOLLOW SECTIONS
- GALV. SHEETS
- BUILDING MATERIAL
- TOOLS / XIBKA
- INJAM TAX-XUTTER
- JAKKIJIET (PROPS)

**S & L IMP/EXP LTD**
**WILĠA STREET**
**LUQA LQA 02**

## TORBA

**TORBA GĦAL TAĦT**
**IL-MADUM U KONTRABEJT**

*Irrikorru:*
Quarry 26, Ta' Kandja
I/o Mqabba

Tel: 689368
683382
673936

"TA" KAZZA"
*(Ħdejn il-Pumping Station)*






*Rigali li rċeviet il-Banda tagħna ġewwa l-Italja, fosthom Replika ta' Pittura li turi lil Santa Ċeċilja rregalata mill-A.N.B.I.M.A. (Assoċjazzjoni tal-Baned Taljani)*

magħruf ħafna mat-turisti bħala post tat-tluq għal eskursjonijiet fuq il-muntanji Sibillini. Wara l-ikel ta' nofsinhar tlaqna għal żjara ġewwa r-raħal qrib ta' Montefortino, raħal li għandu popolazzjoni ta' 1500 ruħ u jinsab f'altitudni ta' 700m. Dan ir-raħal, mibni f'ġenb ta' għolja qrib il-Muntanji Sibillini, kiseb l-awtonomija fis-sena 1084 meta ħeles l-ewwel mill-ħakma tal-Goti u aktar tard tal-Longobardi. Minn dik is-sena r-raħal baqa' dejjem iżomm l-indipendenza tiegħu. Ir-raħal huwa magħruf l-aktar għas-Santwarju dedikat lill-Madonna dell' Ambro li jinsab qrib nixxiegħa f'bosk barra ċ-ċentru storiku. Waqt iż-żjara tagħna ġewwa Montefortino żorna dan is-Santwarju. Laqtitna ħafna l-ospitalità li biha laqgħuna l-Komunità ta' patrijiet li jmexxu dan is-santwarju. Wara l-ikla ta' filgħaxija ġewwa l-lukandi kulħadd segwiena f'Amandola għat-tieni Kunċert Strumentali tal-Banda. Amandola tgħodd madwar 5000 ruħ u tinsab madwar 500m 'l fuq mil-livell tal-baħar. Amandola hija wieħed miċ-ċentri ewlenin ġewwa r-reġjun Marche magħruf għall-kultura. Huwa mfittex ferm għall-opri ta' l-arti li joffri. L-isem oriġina minn żmien il-Medjuevu u ġej mill-kelma 'Mandorlo' li hija pjanta li kienet tiġi kultivata fiż-żona ta' dan ir-raħal. Il-patrun ta' Amandola hu l-Beatu Antonio Migliorati li għex ġewwa r-raħal bejn is-snin 1355 u 1450. Il-fdalijiet tal-ġisem tiegħu għadhom miżmuma b'għożża kbira ġewwa s-Santwarju tar-raħal. Amandola llum huwa magħruf għall-artiġjanat fis-setturi ta' l-għamara u l-Ferro Battuto. Il-Banda Re Ġorġ V matul is-serata tat kunċert fil-pjazza kbira ta' quddiem is-santwarju. L-udjenza li segwiet il-kunċert kienet waħda numeruża u l-mużika li daqqejna kienet apprezzata ħafna. Għadu stampat f'moħħna l-applaws li rċeviet il-Banda waqt il-marċ ta' l-opra Aida. Wara l-kunċert tal-Banda, flimkien mas-Sindku tar-raħal tagħna, konna mistiedna fil-Bini Muniċipali ta' Amandola fejn sar riċeviment ad unur il-Banda tagħna.

Il-Ħadd 14 ta'Lulju kien il-jum dedikat għall-Ġemellaġġ bejn il-Baned tagħna u ta' Santa Vittoria. Filgħodu kulħadd iltaqa' ġewwa Santa Vittoria. Min ried, seta' jibqa' ġewwa r-raħal sabiex idur dawra mal-'Mercato' (Monti) li jarma kull tieni Ħadd tax-xahar. L-oħrajn segwew lill-Banda għal żjara żgħira ġewwa r-raħal qrib ta' Montelparo. Montelparo huwa raħal ta' xi 1000 ruħ li jinsab f'altitudni ta' 600m. Huwa raħal antikissimu li jaf l-oriġini tiegħu minn Żmien il-Bronż. Illum ir-raħal inbidel kompletament għajr għal xi fdalijiet ta' l-era pre-Romana li għadhom jidhru. Ġewwa dan ir-raħal twieldu żewġ kardinali, Fulgenzio Travellini u Gregorio Petrocchini. Ta' l-aħħar għadu mfakkar permezz ta' kappella mibnija minnu stess li tinsab fid-daħla tar-raħal. Għalkemm raħal żgħir, Montelparo joffri għadd ta' mezzi ta' divertiment fosthom pixxina, faċilitajiet sportivi u Palat lokali mill-aqwa. Matul iż-żjara, l-Banda daqqet marċi Maltin ad unur is-Sindku ġdid li kienet għadha kif ġiet eletta fil-kariga. Saret ukoll laqgħa bejn iż-żewġ sindki ta' Montelparo u l-Imqabba. Wara dawra gwidata mar-raħal u riċeviment żgħir fejn iltqajna ma' xi nies tal-lokal li wrew interess kbir fuq Malta meta tkellmu magħna, rritornajna ġewwa Santa Vittoria. Hemmhekk attendejna għall-quddies ġewwa l-Knisja Kolleġġjata ta' Santa Vittoria. Waqt l-għoti tal-Paċi, l-Kappillan ta' Santa Vittoria għamel ġest li tassew onorana billi niżel personalment minn fuq l-artal sabiex jieħu b'idejn is-Surmast u l-bandisti. Wara nofsinhar dawk li ma kinux allokati ġewwa Santa Vittoria kellhom dawra mmexxija minn gwida madwar dan ir-raħal.

**Uskin** LIMITED

# Garage Doors & Fibre Glass Works

**Uskin Limited, Valletta Road, Żurrieq**

uskin
(tal Giliu page 66)




**PVC Coated & Galvanised Steel Doors**
**Automated & Remote Controlled Gates**



**WATER TANKS**
UP TO 3000 gallons

**Tel: 682370 – Fax: 689258**
**Mobile: 097 4786, 099 9052**
**CONTACT MARK DARMANIN**

**Fibre Glass tanks stocked in various shapes.**

**We also manufacture Boat Hulls to highest specification.**

**All materials used are guaranteed for 2 years.**




# Leli Falzon

Żebbuġ - Malta

## Minibus Service

Day & Night

Tel: 464203

Mobile: 099 9313

Aktar tard wara nofsinhar, il-Banda Re Ġorġ V saret l-ewwel u l-unika Banda Mqabbija li daqqet f'Massed Band flimkien ma' Banda barranija billi flimkien mal-Corpo Bandistico di Santa Vittoria għamlet marċ madwar it-toroq ewlenin ta' Santa Vittoria. Il-marċ intemm quddiem il-Bini Muniċipali tal-Comune ta' Santa Vittoria fejn immedjatament wara saret iċ-ċerimonja simbolika tal-Ġemellaġġ. Preżenti, minbarra ż-żewġ Baned, kien hemm is-Sindki ta' Santa Vittoria u ta' l-Imqabba, Francesco Mancini u Emanuel Buttigieg, il-President għall-Provinċja ta' Ascoli Piceno, Dott. Pietro Colonnella u l-President ta' l-Assoċjazzjoni tal-Baned Taljani A.N.B.I.M.A. għar-reġjun Marche, Ins. Diego Terzoni. Matul iċ-ċerimonja saru diskorsi miż-żewġ Sindki. Is-Sindku ta' Santa Vittoria, wara li rringrazzja lil kull min ikkontribwixxa għall-inizjattiva, spjega lil dawk preżenti n-novità mhux biss għar-raħal ta' Santa Vittoria iżda għall-provinċja ta' Ascoli (il-Banda ta' Santa Vittoria hi l-ewwel Banda mill-Provinċja li qiegħda tagħmel Ġemellaġġ ma' banda oħra barra l-Italja). Huwa wera x-xewqa li dan il-ġemellaġġ ma jieqafx maż-żjajjar tal-Baned iżda jitkompla permezz ta' tibdil Soċjo-Kulturali. Warajh is-Sindku ta' l-Imqabba f'kelmtejn beda biex irringrazzja lil Sig. Mancini għall-istedina li għamillu u kompla biex spjega l-ħidma tal-Banda Re Ġorġ fil-qasam mużikali ġewwa Malta u għadda sabiex spjega ftit l-istruttura tal-Kunsilli Lokali Maltin u l-ħidma tagħhom fi ħdan il-Kultura Mużikali. Wara tgħannieqa simbolika bejn iż-żewġ Sindki, sar bdil ta' rigali bejniethom f'isem il-Kunsilli rispettivi tagħhom. Imbagħad Diego Terzoni għamel kelmtejn fejn faħħar l-inizjattiva u awgura għal aktar inizjattivi simili bejn Baned Maltin u oħrajn Taljani. Wara d-diskors tiegħu huwa ppreżenta rigali f'isem l-Assoċjazzjoni tiegħu liż-żewġ Presidenti tal-baned. F'kelmtejn li qal imbagħad il-President tal-Provinċja ta' Ascoli Piceno rringrazzja lill-Baned għall-inizjattiva u awguralhom għall-futur. Matul id-diskors huwa wera l-interess tiegħu fil-Gżira ta' Malta speċjalment fejn tidħol l-istorja ta' pajjiżna. Wara diskors żgħir mill-President tal-Banda tagħna, sar bdil ta' rigali bejn iż-żewġ baned. Wara ċ-ċerimonja nżamm riċeviment għal kulħadd ġewwa l-Bini Muniċipali tal-Comune. Aktar tard wara nofsinhar saret ċena uffiċjali għall-mistednin distinti ġewwa ristorant tipiku ta' Santa Vittoria in Matenano. Din il-ġurnata memorabbli għall-Banda tagħna għalqet imbagħad filgħaxija permezz ta' Kunċert Strumentali fil-pjazza ewlenija ta' Santa Vittoria li għalih attendew il-mistednin kollha li kien hemm matul iċ-ċerimonja tal-Ġemellaġġ.

Il-ġurnata tat-Tnejn 15 ta' Lulju, eżatt xahar qabel il-festa, qomna daqsxejn aktar kmieni billi kellna nagħmlu vjaġġ daqsxejn twil sabiex immorru għal eskursjoni lejn San Marino. San Marino hija parti mill-Italja li hi repubblika antika u stat indipendenti. Matul iż-żjara ġewwa San Marino, l-gwida dawritna madwar il-bini storiku ta' dan l-istat. Fost oħrajn żorna l-Mużew ta' l-armi u r-*Rocca*, Kastell fil-quċċata ta' San Marino li fl-antik kien iservi għas-sigurtà tar-Repubblika. Il-kumplament tan-nofs ta' nhar ta' filgħodu kien liberu. Billi San Marino hu post turistiku, r-rata ta' taxxi u dazji hija baxxa sabiex iżżomm il-prezzijiet irħas. Għalhekk kien hemm min ħa l-opportunità u għamel xi *shopping*. Iż-żgħażagħ għażlu aktar li jiddevertu u rikbu fuq il-*Cable Car* sabiex jagħmlu sightseeing madwar San Marino (dan l-istat jinsab fuq il-quċċata ta' għolja). Għall-ħabta ta' nofsinhar tlaqna minn San Marino lejn Rimini. Wara l-ikla ta' nofsinhar ġewwa ristorant f'Rimini, min ried, qatta' l-kumplament ta' wara nofsinhar ġewwa l-Park *Italia in Miniatura*, li huwa park fejn hemm esebiti fl-apert il-mudelli tal-monumenti prinċipali li hemm madwar l-Italja, mill-Belt ta' Venezja sad-Duomo ta' Milan. L-oħrajn li ppreferew mod ieħor qattgħu n-nofs ta' nhar jgħumu u jgawdu l-baħar ta' Rimini. Tard wara nofsinhar irritornajna lura lejn il-lukandi xi ftit għajjenin però sodisfatti għax l-eskursjoni rnexxiet tassew.

L-għada t-Tlieta 16 ta' Lulju erġajna bakkarna kmieni sabiex immorru għat-tieni eskursjoni, din id-darba għall-bliet reliġjużi ta' Assisi u Cascia. Wara vjaġġ twil mhux ħażin (xi tliet sigħat) wasalna ġewwa Assisi. Kif wasalna sibna jistenniena lil Padre Massimiliano Mizzi, patri Franġiskan ta' nazzjonalità Maltija li jinsab ġewwa Assisi. Dan il-qassis ta' kull sena jinzerta Malta għall-vaganzi matul Awissu u qatt ma jfalli li jiġi l-Imqabba għall-Festa ta' Santa Marija. Meta ċempiltlu qabel tlaqna lejn l-Italja u għidtlu li grupp mill-Imqabba konna ser inżuru Assisi, mill-ewwel aċċetta li jiltaqa' magħna u jdawwarna madwar ir-raħal. Wara introduzzjoni żgħira mal-Pjazza ewlenija tal-Belt morna għal żjara ġewwa l-Kwartieri tal-Franġiskani f'Assisi. Hemmhekk kellna laqgħa ġewwa s-sala tal-konferenzi, l-istess sala li laqgħet lill-Papa Ġwanni Pawlu II meta għamel żjara f'Assisi. Aktar tard Padre Mizzi tellagħna fuq il-bejt minn fejn rajna panorama stupenda li tkopri l-belt kollha ta' Assisi. Wara ftit ħin liberu għal min ried jixtri xi *souvenirs* segwejna lil Padre Massimiliano għall-Bażilika ta' San Franġisk;

# REDMAR TRADING



St. Paul Street, Marsa Tel: 245587 099 2905

# *V. Spiteri & Sons Ent. Ltd.*

*Fully Air-Conditioned Coaches*
*& Mini Buses for Hire*

*Importers of*
*VOLVO COMMERCIALS*

*GRAVIC HALL*
*For Weddings, Engagements, Party Receptions, etc.*

Apply at 'Gratiae Plena' Wilga Street, Luqa.
Tel: 820749 Mobile: 097 0405 Fax: 673251

bażilika immensa li tikkonsisti fi tliet knejjes fuq xulxin. L-ewwel żorna l-Bażilika ta' fuq. Wara spjega interessanti, Padre Mizzi ħadna ġewwa l-Bażilika tan-nofs. Hemmhekk kellna Quddiesa bil-Malti konċelebrata minn Padre Mizzi. Dakinhar kienet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu u fuq inizjattiva ta' Padre Massimiliano stess, il-liturġija kienet iddedikata lill-Madonna; l-istess liturġija li tinqara nhar il-festa ta' Santa Marija. Fi tmiem il-Quddiesa kantajna l-Innu Malti flimkien. Kienu ħafna t-turisti li waqfu u staqsewna minn liema pajjiż konna ġejjin. Dakinhar servejna ta' ambaxxaturi denji għal pajjiżna. Wara l-quddies għamilna vista ġewwa l-mużew tal-Bażilika fejn jinsabu relikwi ta' San Franġisk u Santa Kjara kif ukoll affarijiet li kien juża f'ħajtu San Franġisk. Iż-żjara ġewwa l-Bażilika ta' San Franġisk ntemmet b'viżita fil-parti t'isfel fejn jinsab il-qabar ta' San Franġisk. Hemmhekk saret talba u ngħatat il-Barka. Nista' ngħid li din kienet ġurnata tassew memorabbli għal ħafna minna. Għadd ta' nies ġew fuqi (fosthom is-Sindku ta' l-Imqabba) u qaluli li kienet waħda mill-isbaħ ġranet ta' ħajjithom. Wara li tlabna benedizzjoni, tajna l-appuntament lil Padre Mizzi għal Santa Marija (appuntament li żamm bħal dejjem), u ħallejna l-Bażilika. Wara li kellna l-ikel ta' nofsinhar ġewwa ristorant tassew ħelu fil-qalba tal-belt erġajna qbadna l-*Coach* sabiex immorru nżuru l-belt ta' Cascia. Wasalna għall-ħabta tat-3.00pm. Billi fiċ-ċentru tal-belt ma jidħolx traffiku mxejna ftit sakemm ilħaqna ċ-ċentru fejn hemm il-Bażilika ta' Santa Rita li tmiss mal-kunvent ta' l-Agostinjani, l-istess monasteru fejn Santa Rita għexet is-snin li għamlet soru. Wara żjara ġewwa l-Bażilika fejn hemm midfun il-ġisem ta' Santa Rita, aktar tard dħalna ġewwa l-Monasteru, fejn ikun hemm viżiti gwidati madwar il-post fejn għexet il-Qaddisa. Santa Rita twieldet fl-1381 ġewwa Roccafrena, raħal xi 6km bogħod minn Cascia. Hi kienet miżżewġa u kellha żewġ subien. Ir-raġel tagħha kien bniedem prepotenti li fl-aħħar safa maqtul waqt ġlieda. Bit-talb tagħha Santa Rita evitat aktar tixrid ta' demm meta waqqfet vendetta li riedu jagħmlu t-tfal tagħha wara l-qtil ta' missierhom. Aktar tard Santa Rita daħlet soru Agostinjana. Ġewwa d-daħla tal-Monasteru hemm kamra kollha pitturi li juru episodji mill-ħajja ta' Santa Rita. F'kamra oħra ġewwa l-kunvent hemm affarijiet oħrajn fosthom il-kuruna li biha kienet titlob Santa Rita u ċ-ċurkett taż-żwieġ tagħha. Matul iż-żjara dħalna wkoll fiċ-ċella tal-qaddisa fejn anke kienet irċeviet il-pjagi ta' Sidna Ġesù Kristu. Fil-bitħa mbagħad għad hemm ħajja dielja li kienet ikkultivat Santa Rita u li b'miraklu minn zokk niexef warrdet u għamlet il-frott. Tard wara nofsinhar erġajna rkibna l-Pullmans għal vjaġġ ieħor twil sabiex nerġgħu lura lejn il-lukandi. Wasalna lura daqsxejn tard u wara l-ikel kulħadd mar jistrieħ, għajjien iżda sodisfatt li għadda ġurnata li bil-mod jinsa kemm idum ħaj.

Il-ġurnata tas-17 ta' Lulju bdejniha bi żjara ġewwa l-belt viċin Santa Vittoria, Fermo. Fermo hija belt daqsxejn kbira b'popolazzjoni ta' 35,000 ruħ u tinsab madwar 320m fuq il-livell tal-baħar. Hija belt nobbli b'oriġni li tmur lura sa żmien ir-Rumani. L-istorja antika tal-Belt tidher minquxa fil-bini, triqat, knejjes u monumenti antiki li jdawwruha. Fermo hi belt magħrufa għal għadd ta' gwiebi mibnija taħt l-art fi żmien ir-Rumani, li kienu jservu għall-ħażna ta' l-ilma. Fost il-knejjes li nsibu f'Fermo hemm il-Katidral imponenti mibni fuq stil Gotiku dedikat lil Santa Marija Assunta, padruna tal-belt. Fiċ-ċentru tal-Belt imbagħad hemm il-Pjazza ewlenija, 'Piazza del Popolo' li tiġbor fiha l-monumenti ewlenin tal-belt. Għall-ħabta ta' nofsinhar erġajna lura lejn il-lukanda għall-ikel. Wara l-ikel min ried seta' jmur għal żjara ġewwa belt oħra viċin, Porto San Giorgio fejn saret dawra max-xatt tal-belt u xi *shopping*. Min ipprefera seta' jibqa' jistrieħ fil-kamra tiegħu. Iż-żgħażagħ li għalihom ma jeżistix mistrieħ, ippreferew imorru sal-Pixxina ta' Santa Vittoria biex jgħumu ftit filwaqt li oħrajn ftehmu maż-żgħażagħ tar-raħal, li issa kienu saru ħbieb sewwa u għaddew nofs ta' nhar jilagħbu l-futbol ġewwa l-*ground* tat-*turf* li jinsab fiċ-ċentru tar-raħal. Filgħaxija wara l-ikel morna ġewwa r-raħal ta' Smerillo fejn il-Banda esegwiet l-aħħar kunċert Strumentali tagħha. Smerillo huwa raħal żgħir ta' appena 500 ruħ u jinsab f'altitudini ta' 800 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar. Ir-raħal jinsab fuq għolja qrib il-Wied Tenna u l-Muntanji Sibillini. Smerillo huwa meqjus bħala 'gallarija' naturali minn fejn wieħed jista' jgawdi xena stupenda li twassal mill-Muntanji Sibillini sal-Baħar Adrijatiku. M'hemm xejn ċar dwar l-oriġni li jingħad li jwasslu sas-seklu IX. Il-knisja parrokkjali tar-raħal hi dedikata lil San Pietru u San Pawl raffigurati f'pittura flimkien mal-Madonna li tinsab fl-istess knisja. Matul il-Kunċert tal-Banda, li sar ġewwa Amfiteatru żgħir fl-apert li jinsab fil-qalba tar-raħal, kien hemm attendenza numeruża li segwiet b'attenzjoni l-mużika li esegwejna. Wara l-esekuzzjoni kien hemm anke min talab il-'Bis' u matul l-esekuzzjoni tar-Radetsky March, l-udjenza akkumpanjat mar-ritmu tal-Banda permezz taċ-ċapċip.

# *Where does character come from?*




## *An exceptionally high malt content.*

TEACHER'S®

*A measure of character*

Premium Brands from: ALBERT FS MANDUCA LTD. 229/230, St. Paul Str., Valletta. Tel: 233909, 231787

Wara l-kunċert ittieħdu l-aħħar ritratti tal-Banda u wara konna mistiedna tas-Sindku tar-raħal għal riċeviment li għoġbu joffrilna.

L-aħħar ġurnata taż-żjara tagħna bdiet bi żjara ġewwa l-belt kapitali tal-Provinċja, Ascoli Piceno. Din hi belt ta' xi 53,000 ruħ. Abitata sa mill-preistorja, Ascóli għandha forma ta' peninsula bejn żewġ xmajjar, Tronto u Castellano. Din l-għamla naturali dejjem serviet bħala protezzjoni għall-belt mill-attakki ta' l-għadu u minn xi katastrofi naturali. Ascoli Piceno hija waħda mill-ibliet l-aktar interessanti li nsibu fiċ-ċentru ta' l-Italja minħabba l-arti, kultura u storja li wieħed isib fiha. Il-bini tal-belt, bħal f'ħafna postijiet oħra tal-provinċja, huwa mibni mill-ġebla tat-Travertino; ġebla maqtugħa mill-barrieri tal-provinċja. Matul is-snin Ascoli kienet dominata minn diversi ħakkiema sakemm fl-1815 waqgħet taħt il-Knisja Kattolika. Ma' l-unifikazzjoni ta' l-Italja, Ascoli ġiet dikjarata l-belt Kapitali ta' waħda mill-erba' provinċji tar-Reġjun Marche. Ġewwa Ascoli Piceno konna mdawrin minn gwidi provduti apposta għalina li dawruna madwar il-postijiet storiċi tal-belt. Aktar tard konna mistiedna fil-Palazzo Provinciale fejn erġajna ltqajna mal-President tal-Provinċja Dott. Pietro Colonnella. Waqt il-laqgħa ħadna l-aħbar sabiħa li l-President Provinċjali ser imexxi delegazzjoni fuq skala ministerjali li ser takkompanja lill-Banda ta' Santa Vittoria waqt iż-żjara tagħha f'Awissu li ġej. L-ikla ta' nofsinhar tal-ġurnata saret ġewwa Colle San Marco, post fil-kampanja qrib Ascoli Piceno li għandu sbuħija naturali li ssaħħar. Hawnhekk qattajna wkoll il-ħin ta' wara nofsinhar. In-nies ħadu l-opportunità sabiex jieħdu l-aħħar ritratti flimkien max-xufiera tal-pullmans li issa kienu saru ħbieb kbar tagħna. Wara li tlaqna minn Colle San Marco fi triqitna lura lejn il-lukandi, għamilna waqfa qasira ġewwa San Benedetto del Tronto, belt kbira mal-baħar li għandha x-xatt tagħha ma jispiċċa qatt. Filgħaxija wara ċ-ċena, li spiċċat bil-ftuħ tax-xampanja offerta lilna mill-propjetarju tar-ristorant, aħna ż-żgħażagħ għalaqna din iż-żjara tagħna ġewwa Santa Vittoria niddevertu ġewwa diskoteka fl-apert f'Pedaso flimkien maż-żgħażagħ ta' Santa Vittoria li wara ġimgħa magħhom konna sirna qisna ħbieb li ilhom flimkien is-snin. Irritornajna lura fil-lukanda fis-sigħat bikrin ta' filgħodu u wara li b'xi ftit ta' dwejjaq sellimna lill-ħbieb tagħna, erħejnielha lejn il-lukanda sabiex nippreparaw il-bagalji ħalli nitilqu lura.

Għal xi l-4.00am kulħadd kien lest bil-bagalji sabiex nirkbu fil-*Pulmans* ħalli naqbdu t-triq lejn l-ajruport ta' Falconara sabiex niġu lura Malta. Xi ftit atmosfera ta' dwejjaq kienet tirrenja fuq kulħadd. It-temp kompla jżid din id-dieqa meta beda jriegħed u appena rkibna l-*Pulmans* infetħu bwieb is-sema. Matul it-triq lejn l-ajruport ħadd ma qal kelma minħabba li kulħadd kien għajjien (l-aħħar lejl lanqas biss irqadna). Hekk kif wasalna l-ajruport kulħadd niżżel il-bagalji tiegħu u appena sar il-ħin bdejna ċ-*Check in*. Wara li sellimna lill-ħbieb Taljani li ġew magħna l-ajruport, għall-ħabta tas-7.55am kulħadd kien fuq l-Ajruplan ta' l-Air Malta li fuq titjira Numru KM2631 kellu jwassalna lura Malta. Waqt li l-ajruplan kien qed jinqata' fl-ajru stajna naraw lix-xufiera tal-*Pulmans* flimkien ma' dawk li għoġobhom jakkumpanjawna l-ajruport, għadhom mal-*fence* ta' l-ajruport ixejrulna. Wasalna Malta għall-ħabta tad-9.40am. Ġewwa l-ajruport ta' Malta sibna għadd ta' partitarji tagħna li ġew jagħtuna merħba. Kulħadd deher għajjien però s-sodisfazzjon kien jidher fuq wiċċ kulħadd. Kull wieħed u waħda minna kien jaf li ta sehmu biex permezz ta' din iż-żjara ktibna paġna storika b'ittri tad-deheb mhux biss fl-istorja tas-Soċjetà iżda fl-istorja ta' raħalna. L-Imqabba mbagħad ġejna mogħtija merħba kbira. Saħansitra tan-nar tawna merħba kif jafu jagħmlu huma permezz ta' ħruq tal-murtali.

Hekk kif għaddiet il-festa tas-sena l-oħra, mill-ewwel bdejna naħdmu sabiex norganizzaw kif inhu xieraq għaż-żjara tal-*Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano* ġewwa Malta. Illum, madwar xahrejn qabel il-festa, nista' ngħid li għandna kollox programmat. Nistennew issa bil-ħerqa l-jum tad-9 ta' Awissu 1997 sabiex nagħtu merħba xierqa lill-kontinġent mistieden tagħna matul il-ġimgħa KOLLHA tal-festa li ġejja. Nawgura li dan il-ġemellaġġ ma jieqafx fis-16 ta' Awissu meta l-Banda ta' Santa Vittoria tħalli Malta, iżda jkompli anke wara, permezz ta' skambji kulturali, kummerċjali, eċċ. Minn dak li qed nesperjenza meta niltaqa' ma' persuni li kienu magħna fl-Italja, naħseb li l-ġemellaġġ ser jirnexxi mhux ħażin. Ħafna mill-persuni żammew kuntatti mal-ħbieb li għamlu gewwa l-Italja u qed juru dejjem xewqa li nerġgħu nżuru Santa Vittoria. Jien min-naħa tiegħi nappella lill-korpi/għaqdiet ta' raħalna li jixtiequ jibnu relazzjonijiet ma' xi għaqdiet minn Santa Vittoria sabiex javviċinawni. Jien lest nagħmel l-ewwel kuntatti sabiex nagħti bidu għal dawn ir-relazzjonijiet. J'Alla l-ġemellaġġ li sar bejn il-Baned jinfirex aktar sabiex imbagħad inkunu nistgħu nħabbru Ġemellaġġ bejn ir-Raħal tagħna u dak ta' Santa Vittoria in Matenano.

# COMBINED TRADES CENTRE

SALJATURA STREET, MQABBA
(wara Celest il-Mechanic)
Fejn issibu: varjeta ta' għodda fosthom
Welding Sets, Battery Chargers, Boosters, Tapes & Dies
Metric, UNF, UNC.
High Pressure Washers, Pompi ta' l-ilma għad-dar
Boldijiet B.S.W., B.S.F., U.N.F., M.M.
Kiri ta' Chaser Specjali għat-tħaffir tat-trinek tal-kanen tad-dawl.
Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 - 7.00p.m.
Is-Sibt mit-8.00a.m. - 12.30p.m.

# D'AMATO FINE TUNES

**Piano & Pipe Organ: Servicing,
Rebuilding, Tuning: Supply & Rental**

**Sonata Building, Bronja Street, Żurrieq, Malta
Tel/Fax 685326 Mobile 099 5828**



# MQABBA RADIATORS

Triq is-Saljatura, Mqabba
Tel: 685826

Għal Tiswija u Bejgħ ta' kull tip ta' Radiators,
Xogħol garantit, Materjal ta' Kwalità



PREZZIJIET RAĠONEVOLI

# CORPO BANDISTICO CITTÀ DI SANTA VITTORIA IN MATENANO

## Tagħrif u Storja

*minn Alfred Galea*

Ir-raħal ta' Santa Vittoria huwa wieħed mill-irħula fil-provinċja ta' Ascoli Piceno li għandu għeruq sodi fl-arti mużikali. Insibu li sa l-aħħar tas-seklu dsatax kienu jeżistu saħansitra żewġ baned mużikali. L-istorja tgħid li kienet teżisti pika mhux ħażin bejn il-baned. Il-baned kienu sponsorjati minn żewġ familji differenti ta' Santa Vittoria li kienu predominanti mhux ħażin f'dawk iż-żminijiet, il-familji Monti u Lamponi. Minn tagħrif li ksibna meta konna l-Italja sirna nafu li f'dik l-era r-raħal kien saħansitra maqsum f'żewġ territorji, b'kull familja tmexxi t-territorju tagħha. Għalkemm dan iż-żmien issa spiċċa, sal-ġurnata tal-lum iż-żewġ partijiet għadhom imsejħa simbolikament fost l-abitanti bħala n-naħa tal-Monti u n-naħa tal-Lamponi (l-istess bħal kif fl-Imqabba għandna n-naħa tal-Mentna, n-naħa ta' Fuq, eċċ.). Kull sena ġewwa r-raħal il-partijiet konċernati jorganizzaw speċi ta' festa (ikla kbira fil-beraħ). Ma tonqosx il-pika simbolika sabiex il-festa tal-Monti tkun aħjar minn tal-Lamponi u viċe-versa.

Il-Banda eżistenti ta' Santa Vittoria in Matenano twaqqfet fl-1906 u kellha bħala surmast lil Mro Luigi Cirenei li kien anke kompożitur tajjeb. Jingħad li Mro Cirenei studja taħt il-kompożitur magħruf Taljan Pietro Mascagni bejn is-snin 1899 u 1902. Aktar tard dan is-Surmast laħaq anke Surmast Direttur tal-Banda tal-Carabinieri fejn baqa' magħruf għall-kompożizzjoni tiegħu '*Marcia d'Ordinanza La Fedelissima*'. Din il-kompożizzjoni għadha tindaqq sal-lum f'kull programm li l-banda tal-Carabinieri tagħmel. Fl-1909 il-Banda ta' Santa Vittoria għaddiet taħt il-gwida tas-Surmast Saraceni li dam fil-kariga sa l-1911 meta l-Banda waqfet mill-attività għal disa' snin. Fl-1920 il-Banda ġiet organizzata mill-ġdid minn Mro Raffaele Passamonti. Taħt dan is-Surmast ħarġu għadd ta' mużiċisti tajbin li aktar tard għamlu isem ma' l-Italja kollha. Matul dan il-perjodu daħlet ukoll fix-xena l-familja Mancini, li għadha marbuta mal-Banda sal-ġurnata ta' llum, permezz ta' Francesco Mancini Sr, nannu tas-Surmast attwali tal-Banda li aktar tard sar anke Surmast tal-Banda. Membri oħrajn tal-familja Mancini li ffurmaw parti mill-Banda nsibu lil Paolo, Pietro, Matteo u Luca (missier is-Surmast attwali u anke ex-Surmast tal-Banda), kollha tfal ta' Mro Francesco Mancini Sr.

Intant, mill-1925 il-*Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano* kellha għal xi żmien bħala Surmast Direttur lil Mro Anacleto Facco. Warajh, kif diġà aċċennajt qabel, laħaq bħala Surmast Mro Francesco Mancini Sr. Taħtu l-Banda kompliet tikber u għamlet isem tajjeb. Mro Mancini aktar tard, fl-1932, waqqaf il-Banda ta' Force, raħal ftit 'il bogħod minn Santa Vittoria. Wara sena taħt id-direzzjoni ta' Mro Bevilacqua, fl-1935, il-Banda għaddiet taħt it-tmexxija tas-Surmast Renato Frizzi. Taħt Mro Frizzi l-Banda ma tantx għamlet suċċess minħabba l-fatt li għalkemm Mro Frizzi kien pjanist ċelebri, ftit kellu esperjenza fl-istrumentazzjoni tal-Banda. Wara perjodu ta' tliet snin, fl-1935, Mro Mancini reġa' ħa l-Banda taħt idejh. Miegħu bħala assistent baqa' Mro Renato Frizzi li għen mhux ftit fil-formazzjoni ta' mużiċisti tajbin fosthom Mario Cerquozzi u Vinicio Panaioli li aktar tard komplew jistudjaw ġewwa Ruma fejn għamlu isem fil-kamp mużikali f'dak iż-żmien.

Matul is-snin tat-tieni gwerra dinjija, bħalma kien ġara lil ħafna baned Maltin, il-Banda ta' Santa Vittoria kellha twaqqaf l-attività tagħha. Xi snin wara l-gwerra s-Surmast Luca Mancini, iben Francesco Sr li matul il-perjodu 1941 sa 1943 għamel suċċess bħala Surmast tal-Banda tad-49 Reġiment 'Fanteria' ta' Ascoli, reġa' għaqqad il-Banda. Minn hawn bdiet era tad-deheb għall-Banda ta' Santa Vittoria. F'dan il-perjodu l-Banda kellha element tajjeb ħafna u kienet kapaċi toffri repertorju klassiku vast. Baqgħet tissemma fl-istorja l-'isfida' ta' nhar Santa Marija ta' l-1947 mal-Banda ta' Force. Dakinhar il-Banda għamlet kunċert li minnu ħarġet bl-unuri. Fl-1948 Mro Francesco Mancini Sr reġa' ħa t-tmexxija tal-Banda. Mro Mancini kellu prattikament jagħmel rinnovazzjoni sħiħa tal-Banda minħabba li ħafna mużiċisti tajbin li kellu kellhom jemigraw barra r-raħal minħabba x-xogħol. Fl-1950 saret rinnovazzjoni sħiħa fejn tidħol uniformi tal-banda kif ukoll strumentatura. F'temp ta' tliet snin mill-1948, Mro Mancini rnexxielu jerġa' jġib il-Banda għal-livell li kellha qabel. Il-Banda aktar tard kisbet suċċessi kbar f'għadd ta' partijiet ta' l-Italja. Mro Francesco Mancini jibqa' mfakkar fl-istorja tal-Banda għall-impenn tiegħu fit-tmexxija tal-Banda.

Matul is-snin sittin, emigrazzjoni oħra ta' għadd ta' żgħażagħ 'il barra minn Santa Vittoria, nistgħu ngħidu li kienet il-fattur ewlieni talli l-Banda naqqset ħafna mill-attività tagħha u llimitat ruħha għal servizzi ġewwa r-raħal ta' Santa Vittoria biss. Fis-sena 1970 wieħed mill-ftit bandisti tal-Banda, Francesco Mancini, li hu n-neputi ta' Mro Francesco Mancini, iben Mro Luca u issa Surmast attwali, għaqqad grupp żgħir ta' mużiċisti f'orkestra żgħira


FGP
The Garage Door People
We supply ALL types of doors in
PVC coated and galvanised steel
and AUTOMATE them with
REMOTE CONTROL, MAGNETIC
KEY and CARD ACCESS systems
FGP LIMITED - GARAGE DOORS & ROLLER SHUTTERS
49, VALLETTA ROAD, LUQA LQA 05 TEL: 667107 - 667108


POWER & SPEED
TO CONQUER THE WAVES
YAMAHA OUTBOARDS
HIGH PERFORMANCE MODELS KNOWN FOR
RELIABILITY AND ADVANCED TECHNOLOGY
YAMAHA
V-x
YAMAHA
For the Best Buy!
International Automobiles ltd.
Rue D'Argens, Gzira. Tel: 344180
Gozo Garage, Tel: 551866
Group of Companies

li bdiet tieħu sehem f'esibizzjonijiet żgħar magħrufa bit-Taljan bħala '*Concertino*'. Dan il-grupp li għadu attiv sal-lum, hu magħmul minn element mill-Banda ta' Santa Vittoria u jdoqq mużika tradizzjonali u popolari Taljana. Bit-twaqqif ta' dan il-Grupp, Francesco Mancini, issa Surmast Direttur tal-Banda, ħoloq entużjażmu ġdid ġewwa r-raħal u aktar żgħażagħ bdew jitħajru jitgħallmu l-mużika u l-Banda reġgħet bdiet tiżdied fin-numru ta' bandisti sabiex fl-1980 il-Banda kienet komposta minn 60 element kollha minn Santa Vittoria. Minn dik is-sena l-Banda ma ħarsitx lura, saret waħda mill-baned ewlenin tal-Provinċja kapaċi tippreżenta repertorju vast ta' mużika klassika u moderna. Fl-1983 il-Banda ta' Santa Vittoria rebħet il-konkors bandistiku tal-Provinċja li sar ġewwa Porto San Giorgio. Dakinhar il-Banda kisbet tifħir kbir li ġie rapurtat mill-*media* tar-reġjun.

Illum il-ġurnata l-Banda tibbaża fuq element sod kważi kollu tal-post għajr għal xi bandisti 'mistiedna' li ġejjin minn baned oħra tal-Provinċja. Ir-repertorju jvarja minn mużika klassika għal dik moderna kif ukoll mużika tradizzjonali Taljana. Matul is-sena tagħti bosta servizzi mużikali kemm ġewwa r-raħal ta' Santa Vittoria in Matenano, f'diversi partijiet tal-Provinċja Ascolana kif ukoll ġewwa partijiet tar-reġjun Taljan Marche. Matul dawn l-aħħar snin il-*Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano* rnexxielha tafferma ruħha mill-ġdid fost l-aħjar baned fil-Provinċja ta' Ascoli Piceno. Dan ikkonfermawh miegħi għadd ta' baned mir-reġjun ta' Marche li magħhom kelli xi forma ta' kuntatti kif ukoll xi mużiċisti professjonali (fosthom wieħed li se jakkumpanja l-Banda ġewwa Malta) li ltqajt magħhom ġewwa l-Italja. Meta titkellem mas-Surmast u mal-bandisti ta' Santa Vittoria mill-ewwel tinduna bil-ħeġġa tagħhom għall-arti mużikali u jidhru intenzjonati li jżommu ħajja din l-arti fir-raħal tagħhom. Il-Banda fil-preżent tagħmel tliet provi fil-ġimgħa matul is-sena kollha. Dan juri l-impenn u d-dedikazzjoni tal-Banda. Il-Banda mmexxija minn Mro Francesco Mancini tinsab issa determinata sabiex tagħmel isem internazzjonalment permezz tal-Ġemellaġġ mal-Banda Re Ġorġ V. Bħal ma kien fil-każ tagħna, għall-Banda ta' Santa Vittoria, din hi l-ewwel esperjenza tagħhom fil-kamp internazzjonali. Jien ċert li l-Banda għandha tkun attrazzjoni mhux biss għall-Imqabba iżda għal Malta kollha. Nistieden lil kulħadd, dilettanti u mhux, ħalli ma jitilfux il-Kunċerti li se tagħti l-Banda ta' Santa Vittoria ġewwa Malta. Nawgura minn qalbi lill-Banda ħabiba tagħna kull suċċess ġewwa Malta u kullimkien.

Fl-okkażjoni ta' Għeluq il-50 Sena mit-Twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V, kif ukoll tal-Ġemellaġġ bejn l-istess Banda u l-Banda Taljana ta' Santa Vittoria in Matenano, s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba tippreżenta:

# PROGRAMMI MUŻIKALI

## mill-Corpo Bandistico
## Città di Santa Vittoria in Matenano, Ascoli Piceno, Italja.

Mqabba, Malta - 11 ta' Awissu 1997 - 08.30 p.m.
Rabat, Għawdex - 12 ta' Awissu 1997 - 08.00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| *Marcia Sinfonica* | OMAGGIO A PAGANICA | *De Virgilis* |
| *Concerto per Clarinetto* | RICORDI PRIMAVERILI | *Pilade Bennati* |
| *Fantasia* | IL TROVATORE | *Giuseppe Verdi* |
| *Intermezzo* | MERCATO PERSIANO | *Albert W. Ketelby* |
| *Divertimento per Bombardino* | L'INNAMORATO | *M. Bartolucci* |
| *Tema su motivi dall'Opera* | LUCREZIA BORGIA | *G. Donizzetti* |
| *Arrangamenti* | CANZONIERE | *Francesco Mancini* |
| *Esitazione* | NINUCCIA | *D. Pancaldi* |
| | CONCERTO PER OBOE | *Vincenzo Bellini* |
| *Gran Finale Secondo* | POLIUTO | *G. Manente-G. Donizzetti* |
| *Fantasia Brillante* | LA MEZZANOTTE | *O. Carlini-S. Pucci* |
| *Innu Nazzjonali* | MALTI | *Robert Samut* |
| *Inno Nazionale* | ITALIANO | *Mameli* |




*Everything you need for your home under one roof*

# SUPER S IRONMONGERY

Dun Matteolo Saliba Street,
Żurrieq. Tel: 689256

**Opening Hours: Monday to Friday 6.30a.m. - 7.00p.m.**
**Saturday 6.30a.m. - 2.00p.m.**

Electrical & Water Fittings, Cement, Lime & Fuq il-Fil

A large selection of Power Tools & Hand Tools

Indoor & Outdoor Lightings Skirting, Metal & Wooden Curtain Poles

A large variety of household appliances and kitchen utensils

Fans, Dehumidifiers, Coolers, Heaters & Fan Heaters

Ruzuni, Garden furniture, Picnic Tables, Umbrellas, Resin Tables & Chairs

**FOR HIRE**
**JIGGERS, MIXERS, SCAFFOLDINGS.**

# FRANCESCO MANCINI

## SURMAST DIRETTUR TAL-BANDA
## SINDKU TA' SANTA VITTORIA IN MATENANO

Sig. Francesco Mancini twieled ġewwa r-raħal ta' Santa Vittoria in Matenaro nhar is-6 ta' Diċembru 1939. Huwa ġej minn familja bi tradizzjoni mużikali kbira. Membri tal-familja baqgħu mużiċisti sinonimi mal-Banda ta' Santa Vittoria in Matenano. Infatti nannuh Francesco kien Surmast tal-Banda fil-perjodu ta' qabel u wara t-tieni gwerra dinjija. Missieru Luca beda bħala bandist u aktar tard sar Surmast Direttur tal-Banda. Hut missieru, Paolo u Matteo Mancini kienu żewġ solisti bravi ferm fil-perjodu ta' wara l-gwerra.

Mro Mancini beda l-istudji mużikali tiegħu taħt nannuh Francesco fuq l-*Accordian* (bit-Taljan *Fisarmonica*) u l-Kurunetta. Iddebutta għall-ewwel darba mal-Banda meta kellu 16-il sena. Ta' 31 sena għaqqad grupp żgħir ta' mużikanti minn Santa Vittoria, l-*Orchestrina*, li nistgħu ngħidu tat ħajja ġdida lill-Banda ta' Santa Vittoria minn wara l-1970 'l hawn. Il-formazzjoni mużikali li wasslitu sabiex jaqbad karriera bħala Surmast Direttur tal-Banda bdiha għand missieru Luca u aktar tard kompla għand l-ex Surmast tal-Banda ta' Santa Vittoria, Mro Cerquozzi. Mro Francesco Mancini ilu Surmast Direttur tal-*Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano* għal dawn l-aħħar 18-il sena.

Bħala attività professjonali, qabel ma laħaq Sindku ta' Santa Vittoria, Francesco Mancini kien impjegat fis-Servizz Ċivili Taljan bħala Segretarju mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Taljan. Kien wieħed mill-attivisti ewlenin li waqqfu l-*Comunità Montana die Sibillini*, għaqda magħmula minn rappreżentanti ta' diversi rħula miż-żona ta' Santa Vittoria u qrib il-muntanji *Sibillini*. Din l-għaqda tieħu ħsieb tippromwovi l-Kultura u l-istorja ta' din iż-żona ta' l-Italja. Francesco Mancini għamel perjodu President ta' din l-Għaqda.

Mro Francesco Mancini għandu ferm għal qalbu l-arti mużikali. L-għan ewlieni tiegħu hu li permezz tal-mużika jżomm liż-żgħażagħ ta' Santa Vittoria 'l bogħod mill-perikli tad-dinja moderna. F'dikjarazzjoni li għamel fl-introduzzjoni ta' ktieb storiku rigward l-istorja tal-banda ta' Santa Vittoria insibuh jgħid: "L-imħabba lejn il-mużika timbuttani biex nagħmel ħilti kollha sabiex immexxi 'l quddiem din il-Banda li, bl-umiltà kollha, għandha l-iskop ewlieni li tqajjem interess mużikali fost iż-żgħażagħ tar-raħal tagħna bil-għan li jżommhom bogħod mill-perikli li d-dinja ta' llum sfortunatament toffri. Hekk ukoll bl-għajnuna ta' dawn iż-żgħażagħ mal-Banda jien nista' noffri lill-pubbliku repertorju vast ta' mużika u allura garanzija lil min jiġi għall-kunċerti tal-Banda tagħna li jqatta' mumenti pjaċevoli filwaqt li jiskopri wieħed mill-aktar aspetti validi tal-Kultura."



*Mro Francesco Mancini (lemin) flimkien mas-Sindku ta' l-Imqabba*

# JC Displays

Żabbar Road, Fgura.
*Opposite Tip-Top*
Tel: 826843

*Screen Printing on T-Shirts, Fabrics, Plastics, Jeans, Labels, Souvenirs, Felt & Rubber Print*

## Għal xogħol ta'

Pittura u Sfumar
fuq Bnadar, Standardi,
u Bandalori
ċempel lil
Salvu Camilleri fuq
Tel: 685468



# NEW LIFE BAR

4, PJAZZA TAL-KNISJA
MQABBA

*Prop. Gaetan Farrugia*

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd

# SANTA VITTORIA IN MATENANO

## Raħal Żgħir bi Storja Kbira

*Tagħrif miġbur minn Alfred Galea*

Santa Vittoria in Matenano huwa raħal li jgħodd madwar 1,500 ruħ. Ir-raħal jinsab ftit 'il fuq miċ-ċentru ta' l-Italja man-naħa tal-Baħar Adrijatiku eżattament fir-Reġjun Taljan ta' *Marche* u jagħmel parti minn waħda mit-tliet provinċji tar-Reġjun, dik ta' Ascoli Piceno. Fil-fatt Santa Vittoria jinsab xi 38 km bogħod mill-belt ta' Ascoli Piceno. Ir-raħal jinsab fuq l-għolja msejħa *Monte Matenano*, xi 650 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar. L-għolja tinsab f'nofs żewġ widien, *Valle del Tenna* u *Valle dell'Aso*, f'post ċentrali bejn il-Baħar Adrijatiku u l-muntanji *Sibillini*.



*Grupp ta' bandisti flimkien mal-gwida waqt dawra mar-raħal ta' Santa Vittoria*

Għalkemm raħal żgħir Santa Vittoria għandu storja u tradizzjoni antiki ferm. L-oriġini jmorru lura sas-sena 680 wara Kristu meta Komunità reliġjuża mill-Ordni Farfense ta' Sabina waqqfu monasteru (*Monastero di San Ippolito*) eżattament bejn żewġ għoljiet, *Monte Matenano* u *Monte Falcone*. Fis-sena 790 wara Kristu, ġewwa San Ippolito wasal l-Abbati Wandelbert li għamel mill-Monasteru rifuġju spiritwali u protettiv għall-abitanti ta' l-inħawi. Aktar tard l-Abbati Pietro I, li sab rifuġju ġewwa San Ippolito wara li l-Monasteru ta' Sabina ġie abbandunat minħabba assedju mis-Saraceni, bena Fortizza f'pożizzjoni strateġika aħjar, eżattament fuq il-quċċata tal-*Monte Matenaro*. Fis-sena 934, abbati ieħor, din id-darba Raffredo, rnexxielu jwassal ġewwa r-raħal il-fdalijiet tal-qaddisa Santa Vittoria, martri minn Ruma. Minn dak iż-żmien ir-raħal kiseb l-isem li għandu llum.

Mal-medda tas-snin l-Ordni Farfense kibret ħafna tant li fis-sena 1357 ir-raħal ta' Santa Vittoria ġie dikjarat Kwartier Ġenerali ta' l-istess Ordni li tat spinta qawwija lis-snajja ta' l-Agrikoltura, Bini u Artiġjanat lokali fil-qasam tar-ram u l-injam. Infatti dawn is-snajja saru l-attivitajiet prinċipali għall-għajxien tan-nies tar-raħal. Matul is-seklu ħmistax ġewwa Santa Vittoria nsibu jgħixu għadd ta' artisti Taljani li baqgħu magħrufa għall-opri artistiċi li ħallew. Fosthom insibu lil Mariano Angeli u Giacomo di Cola. Xogħlijiet varji ta' dawn iż-żewġ artisti għadhom imxerrdin madwar l-Italja kollha sal-ġurnata tal-lum. Matul l-istess seklu r-raħal kiseb l-awtonomija tiegħu billi sar *Comune*.

Illum il-ġurnata Santa Vittoria għadu ċentru interessanti ferm u mfittex ħafna għall-istorja, l-arti u anki għal-letteratura. Ġewwa r-raħal għadu miżmum b'għożża kbira dokument antik ferm rigward l-Oriġini tal-lingwa Taljan imsejjaħ *Il Ritmo di Sant'Alessio* kif ukoll kuntratt antikissmu tas-sena 1201 li jitratta qbiela ta' art agrikola. Dan ta' l-aħħar huwa xhieda ta' l-ispinta qawwija fl-Agrikoltura li l-Ordni Farfense tat lir-raħal.

Ir-raħal tal-lum, bħal ħafna mill-irħula Taljani, hu maqsum f'żewġ partijiet, il-parti antika fortifikata hekk imsejħa *Centro Storico*, u l-parti moderna fuq barra. Barra minn hekk il-kampanja fil-konfini ta' madwar ir-raħal hi mimlija b'għadd ta' djar tal-kampanja. Iċ-*Centro Storico* ta' Santa Vittoria jibda ftit 'l isfel mill-quċċata tal-*Monte Matenano* fejn qabel kien hemm il-Kastell u l-Monasteru ta' l-Ordni Farfense li ġġarrfu bit-terremot ta' l-1771. Mixja madwar ir-raħal tibda minn arkata li tinsab taħt it-Torri ta' l-Abbati Odorisio (seklu 13). Ma' l-ewwel daqqa t'għajn tolqtok id-dehra tal-bini antik mibni bil-ġebla lokali tat-*Travertino* kif ukoll l-istruttura tat-triq kollha ċċangjata (l-ebda trid tar-raħal m'hi asfaltata). Meta tidħol iżjed 'il ġewwa tispiċċa fit-triq prinċipali *Corso Giacomo Matteotti* fejn jinsab *Palazzo Melis*, bini tas-seklu erbatax, kif ukoll il-Knisja dedikata lil San Agostino mibnija fis-seklu ħmistax. Aktar ma titla' 'l fuq imbagħad issib il-Knisja

# Welcome to two gems from the Peugeot family ...

## 106 XR DIESEL YOUR IDEAL COMPANION!




New sleek curves. A new 1.5 diesel engine offering up to* 26.5km per litre (75 miles per gallon). Standard equipment includes Front Electric Windows, Tinted Glass, Central Locking and Power Brakes. There's an exciting range of colours to choose from.

The 106 is also available in 3 and 5 door petrol versions.

## Powerful • Elegant • Stylish 406 THE DRIVE OF YOUR LIFE!




Driving should always be a pleasure. And the 406 makes sure it is.

Objectively superior to its competitors in terms of security, riding pleasure, comfort and roadholding, Peugeot is offering you the results of its experience and creativity.

Available in petrol injection and turbo diesel versions with various accessories as standard equipment.

PEUGEOT CONCESSIONAIRES **MICHAEL ATTARD Ltd.**

National Road, Blata l-Bajda. Tel: 238854, 221951 • Psaila Street, St. Venera. Tel: 449312

* at a constant 90 km / hour (56 miles /



*Id-daħla għar-raħal ta' Santa Vittoria, minn taħt it-Torri ta' l-Abbati Odorisio*

parrokkjali *Colleggiata* dedikata lill-qaddisa patruna tar-raħal, Santa Vittoria. Il-knisja, mibnija bejn is-snin 1741 u 1815, għandha kampnar mgħammar b'seba' qniepen. Ġewwa urna tal-ġebel fil-kripta tal-Knisja jinsabu l-fdalijiet tal-Qaddisa Patruna. Kull sentejn fil-Knisja ssir ċerimonja fejn l-urna tinfetaħ. Din hi tradizzjoni antika ferm li kienet issir sabiex il-poplu ta' Santa Vittoria jiżgura ruħu li l-fdalijiet tal-Patruna tiegħu għadhom ġewwa l-urna u ma nsterqux. Kif wieħed jilħaq il-quċċata ta' l-għolja Matenano, għandu jara żewġ veduti stupendi, minn fuq naħa l-baħar Adrijatiku u n-naħa l-oħra l-muntanji Sibillini, fix-xitwa mimlija bis-silġ u fis-sajf ihaddru bi ġmiel in-natura. Fil-quċċata nett tal-*Monte Matenano* hemm imbagħad kappella mibnija fuq il-fdalijiet tat-Torri u l-Knisja ta' l-Ordni Farfense. Mal-ħajt tax-xellug fuq ġewwa tal-Kappella għadna nsibu pitturi antiki ferm (seklu 15) ta' Fra Marino Angeli. Ġewwa l-Muniċipju, li jinsab f'*Corso Matteotti*, mbagħad hemm konservati għadd ta' dokumenti storiċi fosthom parċmini tas-sena 1212, minuti tal-Kunsill bejn is-snin 1481 u 1799, u l-kopja oriġinali ta' l-Istatut tal-Kunsill magħmul fis-sena 1406.

Santa Vittoria in Matenano llum hu ċentru li għalkemm żgħir huwa attiv ħafna, karatterizzat minn industriji żgħar ta' l-artiġjanat lokali fil-qasam tal-ġild u tessuti. Fir-raħal tiffunzjona għaqda volontarja, *Croce Azzurra*, tip ta' *Red Cross* lokali, kif ukoll insibu tliet skejjel, waħda primarja u oħra sekondarja kif ukoll l-*Istituto Professionale per il Commercio*, frekwentat minn studenti taz-zona ta' Santa Vittoria. Il-post huwa wkoll punt tat-tluq għal diversi ġiti interessanti kemm fil-kampanja ta' madwar ir-raħal kif ukoll madwar iċ-ċentru storiku fejn hemm ukoll knisja dedikata lil *Santa Maria degli Angeli*. Ġewwa din il-knisja hemm pittura tal-*Madonna del Latte* li turi lill-Madonna tredda' lill-Bambin Ġesù. Din il-pittura għandha tradizzjoni ħelwa ħafna marbuta magħha. Daqs 4km bogħod minn Santa Vittoria hemm nixxiegħa msejħa *Fonte dell'Latte* (Nixxiegħa tal-Ħalib). Jingħad li fejn hemm din in-nixxiegħa kienet għamlet waqfa mirakoluża r-relikwa (fdalijiet) ta' Santa Vittoria fi triqitha minn Ruma lejn ir-raħal. Sa ftit snin ilu nisa li ma setgħux jipproduċu ħalib għat-trabi tagħhom kienu jixorbu ilma minn din in-nixxiegħa mirakoluża sabiex ifiqu mill-marda tagħhom.

Matul is-sena ġewwa Santa Vittoria jsiru għadd ta' manifestazzjonijiet interessanti fosthom il-festa tal-Patruna f'Ġunju. Matul ix-xhur ta' Lulju u Awissu, żmien li fih ħafna nies min-naħa ta' fuq ta' l-Italja jinżlu ġewwa Santa Vittoria għall-vaganzi, jsiru avvenimenti kulturali fosthom wirjiet ta' pittura u prodotti tipiċi tal-lokal kif ukoll sfilata bil-kostum tas-seklu dsatax li tiffigura l-ħajja kampanjola ġewwa r-raħal matul l-istess seklu. Ma jonqsux ukoll kunċerti mużikali minn orkestri Taljani u barranin kif ukoll kunċerti mill-banda lokali u oħrajn barranin. Fil-ġurnata tal-15 ta' Awissu ta' kull sena ġewwa Santa Vittoria ssir purċissjoni għad unur Santa Marija Assunta li fiha tieħu sehem il-Banda ta' Santa Vittoria. Dan il-fatt nistgħu ngħidu li poġġa sinifikat speċjali fuq il-ġemellaġġ li qed nagħmlu mal-*Corpo Bandistico di Santa Vittoria di Matenano*.

Kif wieħed jista' jinnota, għalkemm raħal żgħir, Santa Vittoria in Matenano huwa post tassew interessanti bi storja antika ferm. Ir-raħal joffri dik it-tip ta' ħajja kwieta u trankwilla li toffrilek vaganza li ma tinsa qatt. Barra minn hekk ir-raħal joffri l-faċilitajiet sportivi kollha fosthom *tennis court*, żewġ *football pitches*, *playing field* għat-tfal u pixxina fil-magħluq miftuħa għall-pubbliku s-sena kollha. Imbagħad xi ngħidu għan-nies ta' Santa Vittoria? Nies tassew ġentili li tagħmel ħbieb magħhom hekk kif issir tafhom u wara ftit granet tħoss li donnok ilek tafhom snin twal. Il-kċina lokali toffri dak il-palat tajjeb li għaliħ hi magħrufa l-Italja. Insomma, Santa Vittoria huwa post li jekk iżżuru darba ibqa' ċert li terġa' tirritorna żgur. Dan jistgħu jikkonfermawh in-nies li akkumpanjaw lill-Banda matul iż-żjara kulturali ta' Lulju 1996.




L-arma uffiċċjali tar-raħal

# Aida Hall

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq

***For Receptions, Parties and all occasions***

**Tel: 683112 - 640083**



**Għal kull xogħol ta' Salotti,**
**Divanijiet u Corner Units Ġodda u anke Qodma,**
**Kisi ta' Siġġijiet eċċ.**
**irrikorru għand**

# JOE BORG



*B'20 SENA ESPERJENZA*

Plot 40, Triq l-Ibraġġ, Safi
Tel: 683936

# TIFKIRIET TA' KAV. GEORGE MARTIN

## Is-Surmast li għadda t-tieni nofs ta' ħajtu jidderieġi l-Banda Re Ġorġ V

*mis-Sinjura Joyce Guillaumier, bint George Martin*

**Introduzzjoni**

*Wara li fil-ktejjeb tas-sena l-oħra fakkarna lill-mibki Leonard Farrugia li kien għadu kif ħalliena f'Marzu ta' l-istess sena, ħsibna li tkun ħaġa xierqa jekk nibdew nippubblikaw tifkiriet ta' persuni oħrajn li f'ħajjithom ħadmu għall-ġid tal-banda tagħna. Għalhekk din is-sena, f'għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Banda rajna li tkun xierqa li nfakkru persuna li ħadmet ħafna ma' Nardu għal snin twal. Din il-persuna m'hi ħadd ħlief il-Kav. George Martin, li għamel 35 sena sħaħ bħala Surmast tal-Banda. Sabiex twasslilna din it-tifkira naħseb ma stajniex nagħżlu persuna aktar adattata minn bint George Martin stess, il-ħabiba tagħna s-Sinjura Joyce Guillaumier. Jekk Alla jrid is-sena d-dieħla nfakkru persunaġġ ieħor li ddedika ħafna minn ħajtu jaħdem għall-Banda, ħadd ħlief Ġużeppi Galea, Fundatur ta' Omm il-Banda, l-Orkestra Santa Marija u aktar tard Bandist u għalliem tal-Mużika fil-Każin.*

Talbuni nikteb xi ħaġa dwar missieri. Żgura li xi tagħrif bijografiku dwaru tafuh diġà. Iżda xorta nixtieq inwasslilkom xi ħsibijiet tiegħi li forsi jitfgħu iktar dawl dwar dan il-persunaġġ li għal tant u tant żmien kien marbut mal-ħajja mużikali u kulturali ta' ħafna nħawi Maltin speċjalment ir-raħal ta' l-Imqabba.

L-ewwel tifkiriet li għandi tiegħu huma l-ispeċi ta' kwiż mużikali li kien iħobb jagħmilli. Kelli biss ftit snin meta niftakru jdoqqli l-melodiji ta' siltiet famużi bħal ngħidu aħna l-'1812' u l-'Capriccio Italiano' ta' Tzchaikovsky, jew xi biċċa mill-'Blue Danube' ta' Strauss, jew 'The Legend of the Glass Mountain' ta' Rota, u jien nipprova naqta' l-isem tas-silta u l-kompożitur. Niftakru wkoll ħdejja, waqt li kont inkun nipprova l-iskali jew xi arpeggio fuq il-pjanu wara li bdejt nitgħallem dan l-istrument meta kelli biss 5 snin. Kont nitgħallem il-prattika għand is-sorijiet ta' l-iskola ta' Santa Monica, l-Gżira, fejn konna noqogħdu, iżda t-teorija kien jgħallimhieli hu, bħal ma kien jgħallimni wkoll l-*ispellings* u d-*dictation* ta' l-Ingliż. Niftakar ukoll waqt il-ħin ta' l-ikel nhar ta' Ħadd nisimgħu r-*request* operistiku fuq ir-*Rediffusion*. Ma konniex nitilfu programm. B'hekk trabbejt f'ambjent ta' mużika klassika u operistika, biex ma nsemmix ukoll id-drabi li kont nakkumpanjah għall-kunċerti ta' prova fid-diversi każini tal-baned fejn kien jeżerċita t-talent mużikali tiegħu. Iżda naħseb li wasal il-waqt li nagħtikom xi tagħrif bijografiku dwaru.

Is-Surmast George Martin twieled fit-2 ta' Marzu, 1920 fl-Isla, iben Alfred Martin u M'Assunta née Vella. Kien it-tieni minn għaxart itfal ta' din il-koppja. Tfulitu għaddieha f'belt twelidu, fil-kumpanija ta' ħutu, ħafna ħbieb u kuġini, fosthom dak li aktar tard kellu jsir Patri Dumnikan u Professur ta' l-Istorja - ir-Reverendu Professur Andrew Vella.

Missieru Alfred kien ta' nisel Ingliż, għalhekk it-tfajjel George ħa t-tagħlim fl-iskola riservata għat-tfal tal-*personnel* militari Ingliż. Il-ħajra għall-mużika wrieha minn kmieni tant li beda l-istudju mużikali fil-każin tal-banda ta' belt twelidu, l-Banda Queen's Own ta' l-Isla. Tant mar tajjeb li ħareġ idoqq għall-ewwel darba fl-età żgħira ta' 8 snin. Billi wera ħila kbira għall-mużika, u speċjalment għad-daqq tal-kornu, l-kumitat tal-banda ta' dak iż-żmien iddeċieda li jafda t-tagħlim tiegħu f'idejn Mro Professur Caffarelli, li dak iż-żmien kien id-direttur tal-Banda Queen's Own. Biż-żmien kellu jsir wieħed mill-aqwa esponenti fid-daqq tal-kornu f'pajjiżna u kien imfittex ħafna minn baned ewlenin biex jingħaqad magħhom kull meta kien ikollhom bżonn ta' solist tal-kornu. Baqa' jistudja taħt id-direzzjoni ta' Mro Carmelo Pace F.L.C.M. L.R.S.M. u tħarreġ sew fl-Armonija, Kontrapunt, Fuga, Strumentazzjoni, Kompożizzjoni u Storja tal-Mużika. Resaq għall-eżami għad-Diploma of Associate of the London College of Music u għadda bl-unuri kollha. Dan kien fil-5 ta' Awissu, 1950. Sadanittant, matul it-




J.B. TYRE SERVICE
Valletta Road, Żurrieq.
Tel: 647155
Batteries, Punctures,
Tyres, Alloy Wheels,
Wheel Balancing



Tieni Gwerra Dinjija, l-familja Martin ġiet evakwata mill-Isla għal Birkirkara, u wieħed mill-ewwel impenji mużikali tiegħu kien bħala Assistent Surmast mal-Banda Duke of Connaught ta' Birkirkara. Fl-24 ta' Lulju, 1943 iżżewweġ lis-Sinjorina Connie Coleiro mill-Birgu u l-koppja marret toqgħod il-Gżira. Huma kellhom ħamest itfal, Joyce, Norman, Maria (li mietet kif twieldet), Charles u Alfred. L-ewwel banda li dderieġa s-Surmast Martin kienet il-banda San Leonardu ta' Ħal Kirkop, meta ġie mistieden mill-kumitat tal-Każin biex jibda jgħallem il-mużika u jidderieġi l-banda. Billi f'dak iż-żmien kienu qegħdin jitħejjew il-festi ċentinarji ta' l-1960, il-kumitati talbuh jikkomponi innu ddedikat lil San Leonardu fuq kliem ta' Dun Frans Camilleri. Is-surmast aċċetta, u l-innu ndaqq għall-ewwel darba fl-ewwel Ħadd ta' Settembru, 1960. Għadni niftakarni, tifla żgħira, inkanta l-partijiet tal-kor akkumpanjata minn missieri stess idoqq il-pjanu li kellna fil-kamra ta' barra fid-dar tal-Gżira. Niftakar ukoll immur miegħu Ħal Kirkop għall-kunċerti ta' l-Innu, bħalma kont immur fil-Każin Duke of Connaught ta' Birkirkara għall-provi ta' l-innu ta' Santa Liena.

Fl-1956 laħaq surmast tal-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba fejn baqa' surmast sa mewtu. Għal din il-banda, fl-1966, ukoll kiteb l-Innu ddedikat lil Marija Mtella' s-Sema. Bil-ħidma bla waqfien tiegħu ġew imħarrġa għadd sabiħ ta' żgħażagħ fid-daqq ta' strumenti u teorija tal-mużika li ngħaqdu mal-banda minn żmien għall-ieħor, u b'hekk il-Banda Re Ġorġ V baqgħet attiva u magħquda sal-lum. Fostkom żgur hawn ħafna li ħadu t-tagħlim mużikali tagħhom mingħandu u li jistgħu jixhdu għall-impenn u s-serjetà li bih kien iwettaq dmirijietu. Għalih ir-raħal ta' l-Imqabba kien sar it-tieni dar tiegħu, u niesu parti mill-familja tiegħu. Għadni niftakar kemm kien ferħan meta fl-10 ta' Awissu, 1981, il-każin, kumitat, membri u poplu ffesteġġa l-25 anniversarju mindu kien laħaq direttur mużikali tal-Banda Re Ġorġ V.

Is-Surmast Martin kien ukoll surmast tal-banda ta' belt twelidu, jiġifieri tal-Banda Queen's Own ta' l-Isla, u tal-Banda Vilhena tal-Floriana. Anki ma' dawn il-baned kellu dati u okkażjonijiet memorabbli, bħall-kunċert kbir li kien sar l-isla biex jitfakkar l-Inkoronazzjoni ta' l-Istatwa tal-Bambina, kunċert li għalih kienu mistednin l-ogħla awtoritajiet, anke dinjitarji mill-Vatikan, u kunċert ieħor fil-Knisja Parrokkjali ta' San Publius, il-Floriana. Minħabba l-attività bla waqfien tiegħu għat-tixrid u t-tagħlim tal-mużika huwa kien inkluż fid-Dictionary of Internation Biographies, u kien ukoll wieħed mill-ewwel Maltin aċċettati bħala membri tal-Performing Rights Society ta' Londra. Fl-4 ta' Marzu, 1947, Mro George Martin ġie wkoll onorat billi nħatar Kavallier de Grazia ta' l-Ordni Sovrana ta' San Ġwann ta' Ġerusalem, u dan għall-ħila tiegħu fil-qasam mużikali.

Fost il-kompożizzjonijiet tiegħu, barra ż-żewġ innijiet kbar u iktar minn tmenin marċ ferrieħi u funebri, nsibu l-Innu tal-Banda San Leonardu, innu lir-Redentur ta' l-Isla, erba' Concert Overtures, fosthom 'Santa Cecilia', li ndaqq ukoll fit-Teatru Manoel, fantasija mużikali 'Moment Romantique', żewġ xogħlijiet għall-pjanu 'Dawn' u 'Dusk', u l-aħħar kompożizzjoni tiegħu, Salve Regina għall-kor u orgni. Kiteb ukoll 'Ave Maria' għall-kor u orgni li żżanżnet fit-tieġ tiegħi.

Is-Surmast Martin miet għall-għarrieda fl-24 ta' Frar, 1991. Jumejn qabel kien mar l-Imqabba biex bħal kull nhar ta' Ġimgħa jmexxi kunċert. Iżda dik ma kenitx l-aħħar darba li mar l-Imqabba. Jumejn wara, fis-26 ta' Frar, sarlu l-funeral fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal li kien tant iħobb. Illum reġa' jinstab hemm, għax f'April ta' din is-sena, l-fdalijiet tiegħu ġew trasportati fil-qabar li s-Soċjetà Santa Marija għandha fiċ-ċimiterju ta' l-Imqabba. Ċerti li wettaqna l-aħħar xewqa tiegħu, jiġifieri li anke f'mewtu jibqa' marbut mar-raħal li tant kien iħobb, taħt il-mant ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema.

Aħna, l-familja tiegħu, għandna xewqa waħda, li naraw xi triq jew xi pjazza msemmija għalih, hu li tant kien ħabb l-Imqabba u l-Imqabbin.



*L-aħħar xewqa tas-Surmast Martin maqtugħa. Il-fdalijiet tiegħu jindifnu fil-qabar tas-Soċjetà.*

# FRIDA TRANSPORT SERVICE

by Joseph Grech & Sons
Tel: 647860

Għal kull xorta ta' trasport

*Irrikorru*
*"FRIDA HOUSE"*
*42, SAINT BASIL STREET,*
*MQABBA*

---

# DRAGON FORCE

**Joseph Aquilina**

Designer & Decorator – Iron Works
98, Crafts Village, Ta' Qali, Tel: 430962
- 415200

**Manufacturers of:**

- All types of Iron Works
- Sheet Metal Works
- Wrought Iron Furniture
- Catering Equipment
- Art Metal in Brass, Copper and Metal
- All kinds of Hand Made Souvenirs
- Airconditioning Works
- Stainless Steel





COPPER

Best Craftsmanship Quick Service



---

# *Albert Abela*

## All Kinds of Joinery Works

'Arcadia', Ġilbiena Street, Żabbar, ZBR 03.
Tel/Fax: (00356) 677970

# Minn fejn se jgħaddi l-Marċ...

*Kif jixraq għall-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tal-Banda tagħna din is-sena minbarra li ser ikollna tliet baned mistiedna Maltin li se jagħtu erba' servizzi matul il-festa, ser ikollna banda Taljana għal matul il-ġimgħa kollha tal-Festa Titulari ta' Santa Marija. Dan ifisser li ser nerġgħu nwaqqfu rekord għal raħalna ta' tnax-il servizz ta' Baned f'din il-Festa Ewlenija Imqabbija.*

*Nixtiequ nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nheġġukom tiġu takkumpanjaw il-marċ it-triq kollha u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz ta' tiżjin maddjar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba tul il-jiem tal-festa aktar u aktar din is-sena fejn se jkollna għadd ta' nies distinti kemm lokali kif ukoll barranin.*

*Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettal tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-Baned rispettivi.*



*Ritratt storiku tal-briju waqt il-marċ tat-Te Deum fil-ħamsinijiet*

**L-Erbgħa 30 ta' Lulju - BIDU TAL-KWINDIĊINA**

**7.30 p.m.** Il-**Banda Re Ġorġ V** tiftaħ il-Festa ta' din is-sena permezz ta' programm ta' marċi brijużi ġodda fuq il-palk ċentrali, fejn wara tkompli l-Lejla Maltija.

**Is-Sibt 9 ta' Awissu - ĦRUĠ TA' L-ISTATWA**

**7.00 p.m.** Wara li nagħtu uffiċjalment merħba lill-Banda Taljana fi **Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** jibda l-marċ alternat tul **Karmenu Ciantar sal-Knisja**.

**7.30 p.m.** Nilqgħu l-istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta b'innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja. Wara jkompli l-marċ alternat miż-żewġ baned minn **Triq il-Parroċċa, Valletta, Karmnu u l-Pjazza tal-Knisja** fejn il-baned jingħaqdu f'massed Band u jdoqqu l-Innu Marċ Maria Assunta.

Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro David Agius tkompli tferraħ dawn it-toroq: **San Bażilju, Sqaq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Karmenu Ciantar,** naqsmu minn **Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** għal **Triq in-Nazzarenu, Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, ix-Xantin, Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Gerald Mangion,** nerġgħu naqsmu minn **Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** għal **Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Parroċċa** fejn jintemm quddiem il-Każin.

**Il-Ħadd 10 ta' Awissu - JUM IL-BANDA**

**10.00 a.m.** Marċ mill-**Banda ta' Santa Vittoria in Matenano** taħt id-direzzjoni ta' Mro F. Mancini li **jibda minn quddiem il-Każin** u jkompli hekk kif ġej: **Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Valletta sa quddiem il-Bini Muniċipali tal-Kunsill.** Wara l-Banda tkun il-mistiedna tal-kunsill tar-raħal tagħna.

**8.00 p.m.** Mal-wasla tal-mistednin distinti jingħata bidu għall-programm strumentali tal-Banda Re Ġorġ V f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Banda fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Id-direzzjoni tkun f'idejn is-Surmast Direttur Mro David Agius A.Mus. V.C.M.

**It-Tnejn 11 ta' Awissu - L-EWWEL JUM TAT-TRIDU**

**8.15 p.m.** Marċ mill-**Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano** minn **Triq Santa Katerina, Pjazza tal-Knisja sal-Każin.**

**9.15 p.m.** Wara l-wasla ta' l-E.T. Dott M. Colombo, ambaxxatur Taljan, nassistu għall-programm mużikali mill-Banda Taljana taħt id-direzzjoni ta' Mro F. Mancini.

**It-Tlieta 12 ta' Awissu - IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

**8.15 p.m.** Il-**Banda San Bartilmew** ta' Ħal Għargħur, taħt id-direzzjoni ta' Mro R. Zammit F.V.C.M., A.Mus. L.S.M., A.L.C.M., tagħmel marċ li jibda minn **quddiem il-Każin** u tkompli tallegralna, b'sett ta' marċi brijużi, it-toroq li ġejjin: **Triq il-Ġilju, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Santa Katarina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katarina, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa** u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

### SOĊJETÀ FILARMONIKA SAN BARTILMEW
### GHARGHUR

**Marċi Brijużi**

| | |
|---|---|
| 10 Anniversarju | R. Zammit |
| Il-Bobby | R. Zammit |
| Taċ-Ċalija | H. Dalli |
| Ċikku u Karmnu | F. Zammit |
| Malcolm | A. Pullicino |
| Katrina | A. Mizzi |
| Karmnu | P. Schembri |
| Olrojo | J. Boffa |
| Joan | J. Bezzina |
| Il-Gidi | J. Farrugia |
| Justin u Charles | F. Zammit |
| Dolor | R. Zammit |
| Grutlies | A. Calleja |
| Pablit | A. Mizzi |
| Jessie Bar | I. Borg |
| Il-Mirlu | R. Zammit |

*Surmast Direttur :* R. Zammit A(Mus)LCM,L(Mus) LCM, ALCM, LVCM(Hons), FVCM(Hons)

**L-Erbgħa 13 ta' Awissu - IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

**8.30 p.m.** Il-**Banda Re Ġorġ V**, taħt it-tmexxija ta' Mro D. Agius A.Mus.V.C.M. tagħmel marċ tradizzjonali tagħha, fost il-briju kbir tal-partitarji. Il-marċ jibda minn **quddiem il-Każin** u jkompli hekk kif ġej: **Triq il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja, quddiem il-Każin.**

**Il-Ħamis 14 ta' Awissu - LEJLET IL-FESTA**

**8.00 p.m.** Programm strumentali mill-**Banda Konti Ruġġieru** tar-Rabat, taħt id-direzzjoni ta' Mro J. Vella, B.Mus. Wara, l-istess Banda tibda marċ li jgħaddi hekk kif ġej: **Triq il-Karmnu, il-Parroċċa, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, Sqaq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, Triq Karmenu Ciantar sal-Pjazza tal-Parroċċa.**

**8.30 p.m.** Il-**Banda Queen Victoria** taż-Żurrieq taħt it-tmexxija ta' Mro Alfred Farrugia, tibda l-marċ tagħha minn **Triq il-Pal** u jkompli għal **Triq it-Troll, is-Sejba, Santa Katerina sal-Pjazza tal-Knisja.**

### BANDA KONTI RUĠĠIERU
### RABAT

**Programm Strumentali**

| | |
|---|---|
| The Phantom of the Opera | Sir A. Lloyd Webber |
| Livia | Mro V. Ciappara |
| Un Ballo in Maschera | G. Verdi |
| Sorrisi | Mro V. Ciappara |

Innu tal-Banda Konti Ruġġieru
Innu Malti

*Surmast Direttur:* Prof. Joseph Vella, B.Mus.FLCM

### BANDA KONTI RUĠĠIERU
### RABAT

**Marċi Brijużi**

| | |
|---|---|
| Ancona | Prof. J Vella |
| L-Iljun | Mro V. Ciappara |
| Bompacello | Mro V. Ciappara |
| Arabian Nights | Mro J. Azzopardi |
| Madrilena | Mro J. Azzopardi |
| Karmnu s-Slif | Mro C. Borg |
| L-Arkivju | Mro S. Giordemaina |
| Marjanna | Mro C. Muscat |
| Michael | Mro J. Muscat |
| Olyton | Mro P. Schembri |
| Nathan Mark | Mro J. Mifsud |
| Louis | D. Coleiro |

*Surmast Direttur:* Prof. Joseph Vella, B.Mus.FLCM

**10.00 p.m.** Hekk kif iż-żewġ Baned mistiedna jaslu fil-Pjazza, jkomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**10.30 p.m.** Taħt id-direzzjoni ta' Mro A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., il-**Banda Queen Victoria** tas-Soċjetà Karmelitana taż-Żurrieq tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' Programm Strumentali.

**Il-Ġimgħa 15 ta' Awissu - L-GĦID TA' L-ASSUNTA**

**10.15 a.m.** Wara d-daqq tal-Glorja, l-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu, u jibda minn **quddiem il-Każin** u jkompli għal **Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katarina, Santa Marija, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katarina, San Bażilju, il-Lanġas, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin.**

**6.00 p.m.** Il-**Banda Queen Victoria** taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn **Triq Valletta** għal **Triq il-Karmnu, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju, il-Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm quddiem il-Każin.**

### BANDA QUEEN VICTORIA
### ŻURRIEQ

**Programmi Strumentali**
14 u 15 ta' Awissu

Sinfonia - Regina Vittoria - Mro C. Zammit
Rapsodia - Ungherese No. 2 - F. Liszt
Modern Selection - A Carribean Cameo - T.L. Sharpe
March - Egyptian March - J. Strauss
Omaggio - Queen Victoria - E. Bugeja

Innu - Lil Santa Marija -Mro G. Martin
Talba - Ave Maria - Bach-Gounod
Largo - Handel
Solo - Flute & Band - G. Rossini
Solista: Nathalie Fenech
Overture - A Night on the Bare Mountain - M.P. Mussorgsky
Omaggio - Queen Victoria - Mro E. Bugeja

*Surmast Direttur:* Mro A. Farrugia L.Mus.L.C.M.

**BANDA QUEEN VICTORIA**
**ŻURRIEQ**

**Marċi Brijużi**

| | |
|---|---|
| Egyptian Papyrus | Mro A. Farrugia |
| Margaret | Mro E. Bugeja |
| Blue Arena | C. Vella |
| Unconquered | Mro A. Pullicino |
| Grazia Katia | P. Sammut |
| Remember Me | Mro L. Bongailas |
| 131 Sena Banda | Mro A. Farrugia |
| Blue Grotto | Mro E. Bugeja |
| Salvador | Rev. F. Frendo O.P. |
| Is-Segretarju | Mro A. Camilleri |
| Il-Bozen | Maj. A. Aquilina |
| 900 Sena Parroċċa | Mro E. Bugeja |
| Mauro Elysienne | Mro A. Farrugia |

*Surmast Direttur:* Mro A. Farrugia L.Mus.L.C.M.

**7.15 p.m.** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni, l-**Corpo Bandistico ta' Santa Vittoria in Matenano**, taħt id-direzzjoni ta' Mro F. Mancini, tilqa' l-istatwa fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-Ave Maria, bis-sehem tal-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo, biex wara takkumpanja mad-dawra tal-purċissjoni.

**8.45 p.m.** Hekk kif l-istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, l-**Banda Queen Victoria** taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo S.J. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Alfred Camilleri, flimkien mal-Kor San Sebastjan ta' Ħal Qormi. Wara, bis-sehem ta' l-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq ta' l-Ave Maria.

**10.30 p.m.** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, l-Banda Taljana flimkien mal-bandisti tal-post ta' Banda Re Ġorġ V jagħlqu l-Festa b'marċ li jibda minn Triq il-Parroċċa għall-Pjazza quddiem il-Każin, akkumpanjata speċjalment mill-membri ta' l-Għaqda tan-Nar kif ukoll mis-Soċi u l-partitarji.

# Lil Marija Assunta

Ġejt int oh Marija
mill-qabar merfugħa
nadifa u safja
mingħajr ebda frugħa

Ma kienx illi jixraq
li ġismek jintemm
biex fdiena dak Ibnek
kont Int li tajt sehem

Kif seta' dak ġufek
jitħassar biż-żmien
li fih kien issawwar
iċ-ċkejken Bambin

U bagħat il-Kbir Alla
'il anġli għalik
biex tieħu l-premju
li Hu ried jagħtik

Infetħet is-sema
biex tilqek fi ħdanha
u int minn ġol-ġenna
ser tibqa' l-Omm tagħna

Patruna Int tagħna
Maltin u Għawdxin
u b'mod wisq speċjali
tagħna l-Imqabbin

Harisna Marija
b'dik ħarstek ta' mħabba
kun Inti l-faraġ
u l-kenn ta' l-Imqabba

**Patrick Mallia**
3/3/97

# GAUCI WOODWORKS

## TRIQ IS-SEJBA, MQABBA

Għal kull kwalità ta' xogħol ta' l-injam,
bħal bibien ta' barra u ġewwa, kċejjen, vanity units
u wallunits u anki restawr ta' l-għamara antika

**Għal aktar informazzjoni ċemplu 611432 jew 099 0081**

# JAMES GREEN

**FUNERAL SERVICE**
IRRIKORRU
'GREEN HOUSE'
ST. CATHERINE STREET, QRENDI

***TEL: 647791***
***MOBILE 099 4880***

# PALMA GARAGE

PROFESSIONAL PANEL BEATING
SPRAY PAINTING &
JIG BODY ALIGNMENT
Valletta Road, Mqabba



Tel: 680089

# MESSAĠĠ MILL-GĦAQDA TAN-NAR SANTA MARIJA

Awissu reġa' magħna u dan ix-xahar huwa marbut mal-festa kbira ta' l-Assunta li tiġi ċċelebrata bil-kbir ġewwa l-Imqabba. Il-festa tat-Titular ma tistax ma tfakkarniex f'dak il-miraklu hekk kbir magħruf bħala l-*Konvoj ta' Santa Marija* li kien salva lil missirijietna kollha milli jkunu mirbuħin mill-għadu.

Aħna l-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija dejjem niċċelebraw bil-kbir mil-lat piroteknıku din il-festa kbira tant għażiża għalina. L-Għaqda tagħna hija magħrufa, kemm mal-Maltin kollha u anke mal-barranin li jiġu jżuruna, għall-kwalità ta' nar prim u mill-aqwa li dejjem kellna fil-festa tagħna. Konna minn ta' l-ewwel biex għamilna unur lil raħalna u anke lil pajjiżna kollu. Is-sena l-oħra kellna grupp ta' nies magħruf għan-nar li jinħadem barra minn Malta. Dawn in-nies ta' nazzjonalitajiet differenti fosthom Amerikani, Olandiżi u anke xi Ingliżi, ġew il-Kamra tan-nar tagħna u qagħdu l-jiem tal-festa kollha ġewwa l-Imqabba. Qabel telqu ferħulna għall-kwalità kbira u spettakolari ta' xogħol piroteknıku li raw ġewwa raħalna.

Ix-xogħol piroteknıku huwa mertu kbir tal-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija, li b'tant riskji u sagrifiċċji kbar personali, u dejjem b'tant sogru għal ħajjithom u għall-familji tagħhom, dejjem kienu minn ta' quddiem biex b'nar tant sabiħ u mill-aqwa, jagħtu wirjiet spettakolari kbar u mill-aqwa f'din il-festa hekk kbira ta' Marija Assunta.

Wara xi jiem li tkun għaddiet il-festa, l-membri ta' l-Għaqda jerġgħu jibdew bil-preparamenti għal festa oħra.

Għalhekk ma nistax ma nagħtix prosit kbir u ngħid grazzi tas-sena li għaddiet lill-membri ta' din l-Għaqda tan-Nar li bħas-snin ta' qabel kellhom nar ta' l-ajru kif ukoll ta' l-art tant spettakolari u maħdum b'finezza hekk kbira. Aħna nerġgħu nħeġġu lil kulħadd biex bħas-snin ta' qabel nerġgħu naraw dan in-nar ġewwa l-Imqabba ħalli flimkien nifirħu bl-ispettakli kbar li hemm imħejjijin għal din il-festa. Bħas-soltu nħeġġu lil kulħadd biex tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom u dan bħal ma dejjem kontu, u niftakru li l-materjal u affarijiet oħra essenzjali fix-xogħol ta' l-arti tagħna qegħdin dejjem jiżdiedu fil-prezz. B'hekk bin-nar li hemm imħejji nkomplu nkabbru l-festa ta' l-Assunta u bħas-snin ta' qabel ukoll inkomplu nferrħukom b'ħafna nar sabiħ li matul il-jiem sajfija tal-festa jpaxxi lil kulħadd.

Nieħu wkoll l-opportunità biex f'isem il-membri kollha ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija nirringrazzja wkoll lil:-

- *dawk li jaħdmu n-nar u l-familji tagħhom;*
- *min jieħu ħsieb l-arbular tan-nar;*
- *kull min jgħin u jmidd idu għal dan ix-xogħol;*
- *dawk is-sidien ta' l-għelieqi li jħalluna nidħlu fi ħwejjiġhom waqt il-ħruq tan-nar;*
- *Kumitat Eżekuttiv tal-koperazzjoni tiegħu;*
- *sponsors u lil kull min għen bid-donazzjonijiet.*

F'ismi u f'isem il-membri kollha tal-Kamra tan-Nar tagħna, nixtiequ l-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha, lis-soċji u lill-partitarji u lil dawk l-eluf ta' Maltin u barranin li jiġu jonorawna bil-preżenza tagħhom. Konvint li din is-sena se naraw esebizzjonijiet kbar ta' murtaletti bil-logħob, kulur, beraq pront, baraxxijiet u kaxxi nfernali, nar ta' l-art u ħafna affarijiet oħra.

Iżda fuq kollox l-akbar grazzi tagħna għandha tmur lejn Omnna l-Verġni Marija li dejjem żammet idejha miftuħin beraħ fuqna u li dejjem tkun magħna fil-Kamra biex teħlisna minn kull tiġrib.

Viva l-Maħbuba Tagħna l-Kbira u Wisq Għażiża Għalina Santa Marija.

***Joseph Camilleri***



*Festa 1996: Sett murtali tal-kulur li nharqu waqt l-ispettaklu piroteknıku ta' lejlet il-Festa.*



*Beraq pront u kulur li nharqu nhar l-14 ta' Awissu 1996*

# GODWIN ZAMMIT

REFRIGERATION TECHNICIAN

Għal tiswijiet fuq Fridges, Freezers,
Air Conditioners u De Humidifiers

'Ortensia' Triq il-Barumbara, Mqabba
Tel: 680029/683389

**ST. PETER IRONMONGERY & HOUSEHOLD GOODS**

Prop. Joe Farrugia

**Triq it-Troll Mqabba Tel: 680143**

**Jissuplixxu**

*KMAMAR TAL-BANJU*
*MADUM TA' KULL KWALITA U STIL MILL-AQWA*
*GEYSERS U STAINLESS STEEL SINKS*
*FITTINGS TAD-DAWL U ILMA*
*ASBESTOS PIPES U ŻEBGĦA TA' KULL KWALITA*
*OĠĠETTI UTLI GĦALL-INDUSTRIJA TAL-BINI*

# M.J.R.

*Wine & Spirits*

*Caters for all occasions*

N/S in Valletta Road,Żurrieq
Res: 575410 Mobile 099 5718 Fax: 640411/2

# PROGRAMM TAL-ĦRUQ TAN-NAR

**L-Erbgħa, 30 ta' Lulju - Bidu tal-Kwindiċina**

**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba.
**12.00 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba.
**7.15 p.m.** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali jsir ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**Il-Ħamis, 7 ta' Awissu - Quddiesa ta' Radd il-Ħajr**

**7.00 p.m.** Id-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo S.J. se jqaddes quddiesa fil-Knisja bħala radd il-ħajr għal din is-sena ħidma li għaddiet minn fuqna b'wiċċ il-ġid. Kulħadd huwa mistieden, speċjalment il-membri u l-familjari ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. Wara jkun hemm riċeviment fis-swali tal-Każin għal dawk li jaħdmu n-nar u għal min ta xi għajnuna fix-xogħol tan-nar.

**Is-Sibt, 9 ta' Awissu - Ħruġ ta' l-Istatwa**

**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30 p.m.** Mal-ħruġ ta' l-Istawa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00 p.m.** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ.
**11.15 p.m.** Ħruq tal-logħob tan-Nar ta' l-Art.

**Il-Ħadd, 10 ta' Awissu - Jum il-Banda**

**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba.
**12.00 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba.
**7.30 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

**It-Tnejn, 11 ta' Awissu - L-Ewwel Jum tat-Tridu**

**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15 p.m.** Ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30 p.m.** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.25 p.m.** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ.
**11.30 p.m.** Ħruq tal-logħob tan-Nar ta' l-Art.

**It-Tlieta, 12 ta' Awissu - It-Tieni Jum tat-Tridu**

Kollox bħall-jum ta' qabel.

**L-Erbgħa, 13 ta' Awissu - It-Tielet Jum tat-Tridu**

Kollox bħall-jum ta' qabel.



*Waħda mil-logħob tan-nar ta' l-art spettakolari - 1996*

**Il-Ħamis, 14 ta' Awissu - Lejlet il-Festa**

**9.30 a.m.** Mad-daqq tad-*Te Deum*, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa nfernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**6.30 p.m.** Toħroġ it-Translazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa nfernali u esibizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45 p.m.** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-Nar ta' l-Ajru li jinkludi salut bomba tal-Lampjun, ħruq ta' sfejjer, diversi baraxxijiet kbar u spettakolari, murtali tal-beraq pront/beraq tal-kulur bil-logħob, murtali tal-kulur u l-famużi murtali bil-beraq li ma jidhrux.
**11.30 p.m.** Wirja kbira tal-logħob tan-Nar ta' l-Art, oriġinali u mekkanizzat.

**Il-Ġimgħa, 15 ta' Awissu - L-Għid ta' l-Assunta**

**8.00 a.m.** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**9.30 a.m.** Mad-daqq tal-Glorja jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45 a.m.** Il-ħarqa tradizzjonali ta' murtali tal-bomba, akkumpanjata mid-daqq tas-serena, biex tfakkar il-55 sena mill-ġrajja storika tal-Konvoj ta' Santa Marija, segwita mill-ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**6.00 p.m.** Waqt li waħda mill-baned mistiedna tkun qed tagħmel il-marċ tagħha, jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**7.15 p.m.** Waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni jiġi sparat salut. Hekk kif l-Istatwa artistika u devota tal-patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-*Ave Maria*, tinħaraq il-musketterija u l-kaxxa nfernali. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob, li jakkumpanjaw il-Purċissjoni.
**9.30 p.m.** Hekk kif jiġi esegwit l-Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, jkun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15 p.m.** Ħruq ta' kaxxi nfernali tal-kulur ma' tmiem il-Purċissjoni.

**Il-Ġimgħa, 22 ta' Awissu - L-Ottava tal-Festa**

**6.00 p.m.** Mal-ħruġ tal-Purċissjoni tinħaraq il-musketterija. L-istess purċissjoni tkun akkumpanjata bil-ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

***Nota tal-Bord Editorjali:***

Bħas-snin l-imgħoddija, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-Membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. Aħna, f'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex, f'isem is-Soċi u l-Partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda - sew ta' l-Ajru kif ukoll ta' l-Art - u 'l kull min għenhom sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjoni sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tibqa' tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-Nar u waqt il-ħruq.

# Palazzo Nobile

## Conference & Reception Hall

*Fully Airconditioned*



**Palazzo Nobile** in Naxxar, is a building of architectural rarity. **Palazzo Nobile** is available for private functions, such as weddings, engagements and parties. The many baroque features of **Palazzo Nobile** together with its classic large terraced gardens, provide an ideal backdrop for memorable photographic sessions. **Palazzo Nobile's** location, and ample parking will definitely make a success of your occasion.

For Booking phone: 689798/689392 Mobile 097 0135

# Xogħol fid-drapp li sar kollu mill-Għaqda ta' l-Armar matul dawn l-aħħar erba' snin







FOR ALL YOUR PHOTOGRAPHIC NEEDS

# ARIANE

## PHOTOGRAPHIC

*Professional Video & Photographic Service for all occasions*
*Developing and printing - instant passport photos - studio photos*
*Films - batteries - cameras - telephones - flashes - radios*
*audio and video cassettes - calculators - albums - frames*
*soft toys - clocks*

Triq Karmenu Ciantar - Mqabba - Tel: 689785



# Pace Stonework



Għal xogħol ta' lavur,
skultura u fireplaces fil-ġebla Maltija

(Prop. Carmelo Pace)

66, Victory Street, Qormi
(opposite Post Office)

**Tel: 442385 Mob: 097 0074**

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI ARMAR.

*minn Mario Camilleri*

Għal darb' oħra reġa' wasal ix-xahar ta' Awissu, li malli jibda, mill-ewwel ifakkarna li reġgħet waslet il-festa tant għażiża għalina ta' Santa Marija, Patruna tar-raħal tagħna għal dawn l-aħħar 400 sena. Ħafna huma dawk id-dilettanti ta' l-armar li jkunu qegħdin jistennew il-jiem tal-festa tagħna sabiex jaraw x'armar ikun ser jiżżanżan. Din it-tradizzjoni anke din is-sena żammejniha għaliex komplejna fejn ħallejna s-sena l-oħra u ser ikollna għadd ta' opri ġodda jsebbħu l-Pjazza prinċipali u t-toroq ta' raħalna.

Matul dawn l-aħħar erba' snin jekk noqogħdu niflu ftit, insibu li ġew imżanżna madwar sebgħin opra tad-drapp, bejn bandalori u pavaljuni, mill-għaqda ta' l-Armar tagħna. Dan kollu huwa xogħol li juri sens ta' serjetà, dixxiplina u maturità artistika. Irridu nibqgħu naħdmu f'għaqda waħda u nżommu din il-ħeġġa tant kbira ħalli nkomplu mexjin 'il quddiem.

Din is-sena fuq disinn tas-Sur Renzo Gauci lestejna sett ta' seba' pavaljuni ġodda għat-Toroq Santa Marija, San Innoċenzu u Kileb. L-ewwel wieħed mis-sett li kien ġie mżanżan is-sena li għaddiet kellu kliem ta' tifħir mid-dilettanti ta' l-armar li rawh. Ix-xogħol ta' tifsil, tqegħid u tixlil tad-drapp bħas-soltu dħalt għalih jiena, mgħejjun minn sħabi l-oħra. Il-ħjata bħas-soltu ġiet fdata f'idejn in-nisa membri tal-Fergħa Nisa tas-Soċjetà. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja b'mod partikolari lis-Sinjura Anna Mazzelli, partitarja kbira, li għalkemm toqgħod 'il bogħod mir-raħal tagħna, ġewwa San Ġwann, tiġi ħafna drabi tgħinna u saħansitra tieħu xogħol sabiex tlestih id-dar tagħha. L-isfumar bħas-soltu qed isir minn sieħbi l-ieħor Patrick Ghigo.

Sakemm qed nikteb dan l-artiklu nista' ngħid illi l-artist Andrew Bugeja, sabiex inkomplu s-sett sħiħ sal-festa, għandu jlestielna erba' pitturi oħra li jirrappreżentaw titli mill-litanija tal-Madonna, għall-pavaljuni u l-Bandalori ta' Triq Santa Katerina. Fuq disinn meħud mis-sett ta' Triq Santa Katerina din is-sena wkoll inħadem pavaljun ġdid għal Triq il-Madonna tal-Ġilju. Dan il-pavaljun tħallas mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

Opri ġodda oħrajn għal din is-sena ser ikunu erba' pilandri ġodda għal madwar iz-zuntier. Id-disinn ta' dawn il-pilandri sar mis-Sur Renzo Gauci. Ix-xogħol fuq l-injam, skultura u xogħol fuq il-pjanċi tas-siġar daħal għalih id-Direttur tal-Każin Andrew Zammit li b'determinazzjoni u sagrifiċċju kbir qatta' ġranet sħaħ jaħdem sabiex dan il-proġett stajna nlaħħquh din is-sena. Ix-xogħol ta' xkatlar, induratura u tqattiegħ ta' pjanċi għas-siġar dħalt għalihom jiena filwaqt li s-Sur Paul Gauci ħa ħsieb l-irħamar tal-pilandri. Nixtieq f'isem il-Kummissjoni nirringrazzja lis-Sur Jerry Ghigo li ħa ħsieb jaħdem il-ħadid tas-siġar tad-dawl kif ukoll lil kull min b'xi mod jew ieħor għen f'dan il-proġett. Grazzi speċjali jmur għas-Sezzjoni Żgħażagħ li għoġobha tirregala lis-Soċjetà pilandra mis-Sett li ser inżanżnu. Prosit tassew għal dan il-ġest hekk sabiħ.

Mhux biżżejjed li żżanżan armar ġdid. Trid tieħu ħsieb ukoll dak diġà eżistenti. Wara li s-sena li għaddiet lestejna r-restawr fuq is-sett uniku u imprezzabli ta' l-Appostli flimkien ma' Sant'Anna u San Ġwakkin, din is-sena għaddej restawr fuq il-persunaġġi li jintramaw mal-pedestall ta' l-Inkoronazzjoni kif ukoll xi partijiet oħrajn tal-pedestall, li ħafna dilettanti ta' l-armar jaqblu magħna meta ngħidu li huwa opra unika għal pajjiżna u li aħna fid-dover inżommu fl-aqwa kundizzjoni possibli.

Nieħu din l-opportunità u fl-istess ħin nagħlaq dan il-kontribut tiegħi billi f'isem sħabi tal-Kummissjoni nirringrazzja lil kull min qed joffri l-għajnuna manwali tiegħu fix-xogħol, lill-benefatturi, soċji u partitarji kollha li dejjem wieġbu meta ħabbatnielhom u tlabniehom għajnuna kemm finanzjarja kif ukoll manwali. Ringrazzjament aħħari jmur għall-Kumitat Eżekuttiv tal-fiduċja u l-koperazzjoni li dejjem insibu mingħandu. Ngħidilkom biss li dan kollu jimliena b'aktar kuraġġ għall-ġejjieni sabiex inkomplu fil-ħidma tagħna aktar u aktar meta naraw li ħafna mix-xogħol qiegħed isir minn qalb il-partitarji tagħna stess.

Nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd.





Ġrajjiet is-Soċjetà issa miġbura fi ktieb ġdid. Ktieb utli għall-istudenti ta' l-Istorja. Rigal uniku għal qrabatna Emigranti.

***Jista' jinxtara mill-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V għall-prezz ta' Lm4.***

**BRITISH AMERICAN**
**INSURANCE Co. Ltd.**
**VICTOR SPITERI**
*The Plaza, 6th Floor,*
*Suites 3,4 & 6*
*Bisazza Street,*
*Sliema SLM15*
*MALTA*
*Tel: 484784*

**BRITISH AMERICAN**

TRIQ MATTEOLO SALIBA ZURRIEQ
STAR BRITE
DRY CLEANING
TEL: 683609 FAX: 683367

MQABBA AGENTS
# ARIANE
PHOTOGRAPHIC
&
UNISEX HAIR SALON



Għal Xogħol ta' Sufani Moderni
u Tapezzerija
bi Prezzijiet Raġonevoli
Irrikorru

**A. Zerafa**

MATTEOLO SALIBA STREET,
ŻURRIEQ
Tel: 685978

# *Sena ta' Ħidma Kontinwa fis-Soċjetà*

*Jirraporta d-Direttur tal-Każin Andrew Zammit*



Wara li s-sena l-oħra sar il-bini u ssaqqfet is-sala fuq l-imħażen kif ukoll sar xogħol fuq il-faċċata tal-Każin permezz tat-twaħħil ta' l-irħam, din is-sena komplejna bl-istess ritmu u mess lili biex nagħti rapport ta' xogħlijiet li saru fis-Soċjetà tagħna.

Ħsibna biex nagħtu dehra iktar oriġinali lill-faċċata maestuża tal-Każin u fil-fatt bl-għajnuna ta' Elbros Ltd din inbarxet u nbidel ġebel li kien spiċċa. Ġie installat mill-ġdid il-*background lighting* li jdawwal il-faċċata kif ukoll twaħħlu rħamiet ġodda bl-isem tas-Soċjetà u l-Każin. Inbidel il-madum tal-gallarija filwaqt li nżebagħ il-ħadid miż-żagħżugħ ħabrieki Simon Saliba. Saret ukoll estensjoni tad-dawl fis-sala prinċipali tal-Każin.

Tkompla x-xogħol fis-sala ta' fuq l-imħażen billi ġie installat id-dawl elettriku u wara s-sajf għandu jingħata l-kontrabejt. Jonqos biss l-aperturi sabiex immedjatament wara l-festa s-sala tintuża biex jitkompla l-planċier.

Wara li s-sena l-oħra saret uniformi ġdida għall-Banda li hi waħda mill-isbaħ (jekk mhux l-isbaħ) li hawn f'Malta, din is-sena d-dehra tal-Banda se tkompli tisbieħ bi tliet standardi ġodda. Fuq inizjattiva ta' Mikiel Zammit sar standard ġdid tal-Banda, dak ta' l-Imqabba sar minn Benny Camilleri, filwaqt li standard ieħor (dak ta' l-Italja) sar minn Palma Garage/Ellul Woodworks/ Silvio Coleiro. Il-pittura fuq dawn l-istandardi saret għand Salvu Camilleri taż-Żurrieq u John B. Caruana ta' Raħal Ġdid rispettivament, filwaqt li l-ħjata saret b'xejn mill-partitarja Carmen Zammit. F'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-Banda saru wkoll żewġ lapidi ġodda li jfakkru s-surmastrijiet tal-Banda u tifkira ta' għeluq il-50 sena. Dawn l-irħamiet se jinkixfu propju f'JUM IL-BANDA fl-10 ta' Awissu.

Is-Sur Frans Vella ħa ħsieb jipprepara għadd ta' souvenirs ta' l-okkażjoni li se jingħataw lill-partitarji. Ħadem ukoll souvenirs speċjali li se jingħataw lill-mistednin distinti li se jkollna għall-festa. Saru wkoll *frames* bil-*logo* ta' l-okkażjoni (pittura tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi) li ġew irregalati lill-ogħla awtoritajiet ta' Malta.

Inħadem sett oriġinali għal fuq il-palk waqt il-kunċert strumentali tal-Banda ġewwa l-Università. Dan inħadem u ġie ffinanzjat kollu mill-membru tal-kumitat Benny Camilleri. Is-sett se jintuża wkoll għal matul il-festa. Inħadmu wkoll żewġ *podiums* ġodda għall-programm strumentali tal-festa kif ukoll taraġ ġdid li se jintuża mal-planċier.

Ġew ippubblikat *stickers* b'*logo* oriġinali li qegħdin jitqassmu bħala tifkira ta' għeluq il-50 sena tal-Banda Re Ġorġ V. Wieħed malajr jikkonkludi kemm tinvolvi xogħol u spejjeż soċjetà, anke jekk ħafna mix-xogħol isir minn partitarji voluntiera. Hawnhekk nixtieq nagħmel appell ċkejken u nħeġġeġ aktar voluntiera biex jagħtu daqqa t'id fix-xogħol li jsir matul is-sena ġewwa l-Każin.

# Qabar Ġdid għas-Soċjetà

Minn meta saret l-estensjoni fiċ-ċimiterju tar-raħal il-kumitat beda jħoss in-neċessità li s-Soċjetà tagħna jkollha qabar. Kien għalhekk li fit-2 ta' Settembru 1996 waqt seduta tal-kumitat għaddiet proposta mressqa mis-segretarju biex jinxtara qabar. Immedjatament wara saru arranġamenti mal-Kappillan kif ukoll ma' Mangion Bros. fejn ħa ħsieb ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-qabar. Fit-23 ta' Frar 1997 waqt laqgħa ġenerali għas-soċi ġew imressqa r-regolamenti għall-użu tiegħu. Wara li ġew emendati xi regolamenti, dawn ġew approvati mill-membri preżenti. Fis-16 ta' April saret l-ewwel difna f'dan il-qabar bl-ewwel persuna tkun Mro George Martin. Kienet l-aħħar xewqa li dan is-surmast kellu, dik li jindifen ġewwa r-raħal tagħna u fil-fatt saru l-arranġamenti meħtieġa biex miċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata ġewwa Raħal Ġdid jinġieb fir-raħal wisq maħbub tiegħu, l-Imqabba.




**Head Office:**
19, Paola Square, Paola
Tel: 827733

**Branches:**
148, Paola Square, Paola
Fax: 821557
10, City Gate, Valletta
Tel: 236480

**Sole Agents for:**

SABA TV, RADIOS, Hi-Fi
& VIDEO EQUIPMENT AND
BESSON & BUFFET, CRAMPON SERIES



# MODERN BAZAAR

**TRIQ IL-MURSELLI - MQABBA**
**TEL: 683376**

SOFT TOYS - TOYS - FOOTWEAR -
FASHION CLOTHES - UNDERWEAR -
SOUVENIRS - STATIONERY -
HABERDASHERY - TOILETRIES

***PREZZIJIET RAĠONEVOLI***

# RED ARROWS...

## għat-tieni darba ġewwa l-Każin tagħna

*minn Chris Spiteri*

Kien fuq insistenza ta' l-*isquadron leader* John Rands, li din it-tieni żjara saret realtà permezz tal-koordinament bejn is-Sur Stephen Evans u l-kumitat eżekuttiv. John kien sema' bil-merħba kbira li kienu ngħataw it-team preċedenti fl-1992 u wera interess kbir biex jara dan ir-raħal ġewwa Malta.

Kien il-Ħadd 29 ta' Settembru tas-sena l-oħra meta l-kumitat ħaseb biex jorganizza festin għal din it-tieni żjara uffiċjali tal-piloti tar-*Red Arrows* ġewwa l-Imqabba. Wara dawra qasira ma' l-Imqabba l-piloti ngħataw merħba mill-partitarji ġewwa l-każin fejn il-banda Re Ġorġ V tat ukoll is-sehem tagħha permezz ta' marċi militari u dawk tradizzjonali. Saru wkoll preżentazzjonijiet ta' rigali miż-żewġ naħat kif ukoll bdil ta' flokkijiet tas-Soċjetà. Kien jidher ċar li l-piloti kienu apprezzaw mhux ftit il-merħba li ngħatat fejn damu aktar mill-ħin previst u b'hekk kompliet tissaħħaħ ir-rabta li teżisti bejn is-Soċjetà u l-qawwa ajronawtika Ingliża.

### Kif oriġinaw

L-iskwadra tar-*Red Arrows* rat il-bidu tagħha 32 sena ilu fejn insibu li fl-1965 kellhom l-ewwel dehra fil-pubbliku permezz ta' l-ajruplani "Folland Jet Trainer". Fl-ewwel sena l-iskwadra rebħet il-*Brittania Award.* Sa tliet snin wara t-team tela' għal disa' ajruplani fejn bdiet issir il-formazzjoni famuża "Diamond Nine". Fl-1979 l-iskwadra qalbet għall-ajruplani "Hawk" li minn dakinhar sa llum wassal lir-*Red Arrows* madwar id-dinja kollha.

Il-piloti jdumu fl-iskwadra għal perjodu ta' tliet snin fejn medja ta' terz mill-piloti jinbidlu kull staġun. L-għażla u t-*training* għall-piloti ġodda tieħu sena sħiħa u dawk magħżula jingħaqdu ma' l-iskwadra f'Settembru biex f'Ottubru jibdew it-taħriġ. Kull sezzjoni tkun iffilmjata u analizzata fil-fond u qabel ma l-iskwadra tibda tagħti l-wirjiet tagħha teħtieġ approvazzjoni mill-*Air Officer Commanding-in-Chief, Personnel* u *Training Commander.* Minn hemm 'il quddiem biss il-piloti jkunu jistgħu jilbsu dik l-uniformi ħamra li tagħmilhom tassew *Red Arrows.*





*Bdil ta' rigali bejn John Rands, Squadron Leader, f'isem ir-Red Arrows u Carmel Zahra, President, f'isem is-Soċjetà*

Qegħdin hawn biex

...NGĦINUK!



......Assi ta' aktar minn Lm**1,000,000,000**

......Aktar minn **1,000,000** tranżazzjoni kull xahar

......Għandna aktar minn **100,000** klijent

......U 'l fuq minn **1,000** impjegati

......Noffru iżjed minn **100** prodott finanzjarju

......Kollha imfasslin biex jaqdu l-bżonnijiet ta' l-aktar klijent importanti... **INT**!

*Aktar informazzjoni fuq...*

http://www.mid-medbank.com



Mid-Med BANK

**Ħabib għal Ħajtek**

# DIŻGRAZZJA KBIRA FL-IMQABBA - *60 sena ilu*

Il-ġurnata kienet it-Tnejn 31 ta' Mejju 1937 meta fl-Imqabba, għall-ħabta tal-11.15 ta' filgħodu, filwaqt li Ġużepp Ellul (il-Qonsru) ta' 30 sena mill-Imqabba, Pinu Abdilla (Ċaqċaq) ta' 39 sena li kien joqgħod u miżżewweġ Ħaż-Żebbuġ u Manwel Caruana (Tillu) ta' 25 sena mill-Imqabba, kienu qed ilestu xi taħlita għal xi logħob tan-nar għall-festa ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ u għal San Ġwann tax-Xewkija, Għawdex, qabditilhom it-taħlita u għamlet splużjoni. Il-kamra tan-nar li kienet f'Ħal Farruġ, limiti ta' l-Imqabba, taret qalb daħna liema bħalha. In-nies ta' l-Imqabba nħasdu b'din l-isplużjoni hekk kbira. Kulħadd kien anzjuż sabiex ikun jaf x'ġara u l-aħbar malajr ġriet.

Kienet taret il-kamra tan-nar tas-Soċjetà ta' Santa Marija magħrufa bl-isem ta' Saint Mary Fireworks Factory. Il-post eżatt fejn kienet tinsab il-kamra tan-nar kien magħruf bħala d-dibdieba, xi mil 'il bogħod mill-Imqabba fejn illum jinsab l-*airstrip* tar-*runway*. Hafna nies ġrew għal Ħal Farruġ, iżda qabilhom ġrew il-kappillan ta' dak iż-żmien Mons. Dun Lorenzo Spiteri D.D., is-saċerdoti Mqabbin Dun Ġużepp Xuereb u Dun Mikiel Zammit u magħhom is-surġent tal-pulizija numru 176 li kien Manwel Galea (iz-Zizz).

Hekk kif Pinu Abdilla u Ġużepp Ellul, l-aktar tnejn magħdura, nqalgħu minn taħt il-ġebel, il-kappillan għamlilhom il-Griżma u tahom l-assoluzzjoni. Manwel Caruana, wara li qerr kien ivvjatikat. Abdilla miet ftit wara.

L-iżjed li nikket lin-nies tar-raħal u lil dawk li rawh kien Ġużepp Ellul li jingħad li lanqas biex jokrob ma kien fadallu saħħa. Fl-ambulanza li waslet wara xi ħin, ittellgħu Ġużeppi Ellul u Manwel Caruana akkumpanjati mill-kappillan u mill-pulizjott Scott, u saqet lejn l-isptar. Ambulanza oħra (tal-mejtin) ħadet lil Abdilla l-isptar. Pinu kien ħalla warajh lil martu flimkien ma' sitt itfal, l-ikbar wieħed ta' sitt snin.

Xi tmien minuti wara li twassal l-isptar tal-Furjana, għall-ħabta tas-2.00 ta' wara nofs in-nhar, Ġużepp Ellul li kellu nofs ġismu nieqes, miet u ħalla armla lil martu. Manwel Caruana kellu wiċċu, jdejh u koxxtejh mixwija. Il-kundizzjoni tiegħu kienet ħażina ħafna l-aktar minħabba l-gass li kien bela', għalkemm hu qal lil dawk li magħhom tkellem li ma kien iħoss xejn għajr ħruq kbir fejn kellu mixwi. Sfortunatament, iżda, Caruana miet l-isptar fl-istess ġurnata tat-traġedja għall-ħabta tat-8.00 ta' filgħaxija.



*JOSEPH ELLUL (il-Qonsru), magħruf għall-kwalità u kwantità ta' nar li kien jagħmel*

Il-bini tal-kamra ġġarraf sewwa u wieħed mit-travi tal-ħadid instab mgħawweġ xi tletin pass 'il bogħod minn postu. Ħadd ma seta' jobsor kif saret l-isplużjoni u lanqas mill-aċċess ma setgħu jgħidu x'kienet il-kawża. L-għajdut ma naqasx - min qal li dak in-nhar kienet sħana aktar mis-soltu u min qal li x-xemx li daħlet mit-twieqi għal ġewwa l-kamra setgħet qabbdet il-materjal tan-nar li kien hemm lest fl-art.

Kienet diżgrazzja kbira għas-Soċjetà li tefgħet lir-raħal f'luttu kbir.



*Il-fdalijiet li kien baqa' wara li taret il-kamra tan-nar*

**Referenza:**

Carmen Lia: *Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba, Malta 1997*

# ĦAĠAR QIM

## Bar & Restaurant

*Prop: Mrs J. Cini*

Tel: Mobile 099 7329

*Agħmlu l-Ħarġa tagħkom bil-familja għall-Arja tal-Kampanja*
*f'Ambjent kwiet u sabiħ iżjed qrib lejn in-natura*



# JOSEPH FARRUGIA

**STRIPER**

SIGNWRITER

ST. JULIANS

TEL: 377499

# Fis-sena tal-Ġublew tad-Deheb mit-twaqqif tal-Banda u fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq...

## Tifraħ lil...

- Mro David Agius għall-ħatra tiegħu bħala Surmast Direttur tal-Banda u tawguralu kull suċċess għall-futur.
- Mikiel Zammit f'għeluq il-50 sena bħala bandist fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V. Ad Multos Annos Mikiel.
- Surmast, Ex-Surmast u Bandisti tal-Banda għas-suċċessi li kisbu matul din l-aħħar sena li fiha qegħdin niċċelebraw il-50 sena mit-Twaqqif tal-Banda.
- Bandisti l-ġodda, ħamsa b'kollox, li ser jiddebuttaw mal-Banda Re Ġorġ V. Tawguralhom suċċess fil-futur.
- *Corpo Bandistico Città di Santa Vittoria in Matenano* fl-okkażjoni taż-żjara tagħha hawn Malta. Tawguralha żjara memorabbli u suċċess kbir ġewwa l-gżejjer Maltin kif ukoll illi l-Ġemellaġġ tagħha mal-Banda tagħna jkompli jagħti l-frott fil-futur.

## Tirringrazzja lil...

- Mro Anthony Camilleri għas-servizz li ta matul is-sitt snin li dam Surmast tal-Banda kif ukoll għas-sehem li kellu matul il-preparamenti li wasslu għas-suċċess li l-Banda kisbet wara l-Kunċert Strumentali ta' l-Università. Tirringrazzjah ukoll għall-inizjattiva li ħa sabiex setgħet tiġi akkwistata mużika ġdida sabiex tindaqq mill-Banda.
- Kummissjoni Banda li flimkien mas-Surmast u l-Bandisti tal-post jaħdmu id f'id bla heda sabiex il-Banda jkollha suċċess kull meta ddoqq. Magħhom l-allievi li għadhom jitgħallmu. Nawgurawlhom u nħeġġuhom sabiex jistudjaw ħalli jingħaqdu mal-Banda fil-futur qarib.
- Mro Anthony Camilleri, Mro David Agius, Sur Raymond Camilleri u Sur Mark Zammit li tul din l-aħħar sena mexxew l-iskola tal-mużika tas-Soċjetà biex b'hekk ser inkunu nistgħu naraw il-Banda tagħna tikber b'ħames bandisti oħra.
- Sinjuri Benny u Mikiel Camilleri li ħallsu l-istandardi ġodda ta' l-Imqabba u l-Banda rispettivament. Sinjuri Giuseppe u Concetto Palmieri ta' Palma Garage, Carmel Ellul ta' Ellul Woodworks, u Silvio Coleiro li bejniethom ħallsu l-istandard Taljan.
- Sinjorina Karmena Zammit li mingħajr ħlas ħadet ħsieb il-ħjata fuq l-istess Standardi kif ukoll lis-Sur Antoine Abdilla li ħa ħsieb xi xogħol fuq il-*Plating*.
- Sur France Vella li b'paċenzja kbira ħa ħsieb jipprepara s-souvenirs li ser jitqassmu għall-okkażjoni speċjali ta' din is-sena.
- Is-Sezzjoni Żgħażagħ li bħal dejjem tat kontribut kbir bl-attività ta' matul is-sena u li ħadmet bis-sħiħ sabiex tagħti kontribut kbir għall-festa.
- Membri kollha ta' l-Għaqda tan-Nar li bħas-snin l-imgħoddija għamlu sena sħiħa xogħol, anke jekk b'sogru kbir għal ħajjithom, sabiex jerġgħu jagħtu spettaklu piroketniku uniku għal pajjiżna.
- Fergħa tan-Nisa li wara li rregalaw l-Arkivju tal-Banda qed ikomplu jiġbru l-fondi u jorganizzaw attivitajiet soċjali sabiex ikomplu jkabbru s-Soċjetà permezz ta' opri oħrajn li jsebbħuha.
- Il-grupp kollu ta' l-Armar, inklużi n-nisa, li bħal kull sena, għal din il-festa ser ikomplu jżejnu r-raħal tagħna b'armar ġdid.
- Kappillan u kleru tal-Parroċċa tagħna li, flimkien ma' għadd ta' voluntiera oħrajn, jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw il-Knisja. Monsinjuri u ċelebranti li flimkien mal-Kleru jieħdu ħsieb imexxu tliet ġimgħat sħaħ ta' funzjonijiet il-Knisja.
- Dawk kollha li komplew jaħdmu fit-tkomplija tal-proġetti varji tas-Soċjetà fosthom il-Planċier Artistiku, s-Sala tal-Każin, manutenzjoni tal-Każin, eċċ. Magħhom dawk il-kumpaniji kollha li offrew kull għajnuna kemm f'materjal kif ukoll manwali.

- Sur Carmelo Caruana li kompla jmexxina fix-xogħol tal-Planċier u li dejjem għinna bil-pariri siewja tiegħu.
- Pittur Għawdxi Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi u Sur Anthony Farrugia rispettivament disinjaturi tal-Logo Uffiċjali u Logo ieħor li ntuża fuq stickers li nħarġu għall-okkażjoni. Magħhom il-pittur Mqabbi Joe Camilleri li offra kontribut fil-pittura tal-Logo Uffiċjali tal-50 Sena Banda.
- Sur Benny Camilleri li ħadem u kkummissjona s-sett li ntuża fuq il-Palk waqt il-Kunċert Strumentali ta' l-Università. Miegħu s-Sur Julian Camilleri ta' l-ATC Plastics li ħadem b'xejn l-iskrizzjoni ta' fuq is-sett.
- Kumitati tal-Baned Sant'Elena ta' Birkirkara u Konti Ruġġieru tar-Rabat li ġentilment sellfuna xi attrezzaturi tal-Banda li ntużaw/ser jintużaw mill-Banda Re Ġorġ V u *Corpo Bandistico di Santa Vittoria.*
- Baned kollha mistiedna għas-servizz li jagħtu waqt il-ġranet tal-festa.
- Sinjura Carmen Lia għall-Ktieb Kapolavur li kitbet dwar l-istorja tal-Każin.
- Stazzjonijiet tar-Radju u Televiżjoni, *Media* in ġenerali li jieħdu ħsieb jirrapurtaw l-attivitajiet matul is-sena b'mod partikolari l-perjodu tal-festa.
- *Sponsors* kollha li jogħġobhom jgħinuna billi jisponsorjaw l-attivitajiet varji tas-Soċjetà u s-Sezzjonijiet tagħha.
- Soċi u partitarji kollha li permezz ta' l-għajnuna (manwali u finanzjarja) u l-imġiba tajba tagħhom jikkontribwixxu sabiex ikollna festa kbira u sabiħa minn kull lat.
- Dawk kollha li għoġobhom jikkontribwixxu permezz ta' Artikli u Reklami sabiex sar possibbli li dan il-ktejjeb jasal f'idejkom. Nappellaw sabiex tagħmlu użu mill-prodotti/servizzi reklamati f'din il-Pubbllikazzjoni.
- Dawk kollha li forsi nsejna nirringrazzjawhom. Nitolbu skuża ta' dan in-nuqqas tagħna. Ċerti li dawn il-persuni jifhmuna.

## *Tfakkar u Titlob għal...*

- Surmast u Bandisti tal-Banda tul dawn l-aħħar 50 sena li ħallewna. Magħhom is-Soċi, Partitarji u Benefatturi li ħallewna matul is-sena li għaddiet.

## FESTA TA' SANTA MARIJA 1996

### RENDIKONT TAĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET FIL-KNISJA

| | Lm |
|---|---|
| **DĦUL** | |
| Ġbir bl-*envelopes* bieb bieb | 1300.58,0 |
| Ġbir fil-Knisja | 315.50,0 |
| TOTAL | 1616.08,0 |
| **ĦRUĠ** | |
| Żbilanċ mis-sena 1995 | 444.05,0 |
| Ċelebranti u saċerdoti barranin | 122.00,0 |
| Orkestra, Organista u vuċijiet | 904.00,0 |
| Daqq ta' Qniepen, Kappi, Antenni u Salib | 101.00,0 |
| Dwal fil-Faċċata, Koppla u Kampnar | 596.33,0 |
| Fjuri | 229.30,0 |
| TOTAL | 2396.68,0 |
| Żbilanċ | 780.60,0 |




# FARELL

**BATHROOM CENTRE**
**Electrical & Plumbing**

BLUE GROTTO AVE., ŻURRIEQ

TELEPHONE: 642396


BANDA RE GORG V
50
SENA
•1947•
•1997•